

Rapport Speċjali

Appoġġ mogħti mill-UE għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin fl-Asja t'Isfel/ ix-Xlokk tal-Asja

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)



4
1977 - 2017



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Tim tal-awditjar

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditji tal-prestazzjoni u tal-konformità tagħha f'dak li jirrigwarda oqsma baġitarji jew suġġetti ta' ġestjoni speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla III – immexxija mill-Membru tal-QEA Karel Pinxten – li hija responsabbli għall-awditjar tal-oqsma ta' nfiq ta' azzjonijiet esterni, sigurtà u ġustizzja. L-awditu tmexxa mill-Membru tal-QEA Bettina Jakobsen. Fit-tnejn tar-rapport, hija ngħatat appoġġ mill-Kap tal-kabinett tagħha, Katja Mattfolk; Beatrix Lesiewicz, Maniġer prinċipali; Francisco Javier de Miguel Rodriguez, Kap tal-kompitu; Kim Hublé, Alina Milasiute u Alexandre Tan, Awdituri, u Kim Storup, Attaché.



Mix-xellug għal-lemin: Katja Mattfolk, Alina Milasiute, Bettina Jakobsen, Kim Storup, Francisco Javier de Miguel Rodriguez, Alexandre Tan.

WERREJ

Paragrafu

Akronimi u Abbrevjazzjonijiet	
Glossarju	
Sommarju Eżekuttiv	I -VIII
Introduzzjoni	1 - 15
Informazzjoni ta' sfond: Traffikar tal-bnedmin	1 - 9
Ir-rwol tal-UE u l-atturi fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin lil hinn mill-fruntieri tal-UE	10 - 15
Ambitu u approċċ tal-awditjar	16 - 20
Osservazzjonijiet	21 - 67
Fil-biċċa l-kbira, il-qafas ta' politika tal-UE f'dak li jirrigwarda t-traffikar tal-bnedmin jipprevedi approċċ komprensiv għall-indirizzar tat-traffikar tal-bnedmin, għalkemm xi aspetti għadhom mhumiex żviluppatti għalkollox	21 - 43
Il-qafas ta' politika tal-UE f'dak li jirrigwarda t-traffikar tal-bnedmin huwa stipulat f'għadd ta' dokumenti interkonnessi	21 - 30
Il-qafas ta' politika tal-UE huwa appoġġat minn varjetà ta' għodod: Id-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem huwa partikolarment utli, filwaqt li għodod oħra jistgħu jintużaw aktar fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja	31 - 43
Minkejja d-dgħufijiet identifikati, il-biċċa l-kbira mill-proġetti relatati mat-traffikar tal-bnedmin taw riżultati pożittivi, għalkemm is-sostenibbiltà kienet problematika	44 - 67
Il-qafas għall-għażla tal-proġetti ma ffaċilitax l-użu ta' approċċ komprensiv u t-tfassil tal-proġetti kellu xi dgħufijiet, b'mod partikolari fil-formulazzjoni tal-oġettivi u l-indikaturi	44 - 52
L-implimentazzjoni tal-proġetti kienet imxekkla minn limitazzjonijiet lokali u minn dewmien	53 - 58
Il-proġetti taw xi riżultati pożittivi fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, għalkemm is-sostenibbiltà kienet problematika	59 - 67
Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet	68 - 72

Anness I – Farsa ġenerali lejn il-proġetti

Anness II – Obiettivi tal-proġetti u valutazzjonijiet individwali

Anness III – Dgħufijiet relatati mad-Database tas-sit web iddedikat għall-
Ġlieda kontra t-Traffikar

Risposti tal-Kummissjoni u tas-SEAE

AKRONIMI U ABBREVIJAZZJONIJIET

	Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja
ASEM	Laqgħa Asja-Ewropa
DCI	Strument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp
DĠ DEVCO	Direttorat Ġenerali għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp
DĠ NEAR	Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir
DOA	Dokument Orjentat lejn l-Azzjoni
EIDHR	Strument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem
EUROPOL	Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija
FRONTEX	Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea
Id-Direttiva	Id-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-għieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI (ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1).
ILO	Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol
Protokoll ta' Palermo	Protokoll għall-Prevenzjoni, Soppresjoni u Punizzjoni tat-Traffikar ta' Persuni, Speċjalment ta' Nisa u Tfal, li jissupplementa l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali
SEAE	Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna
Strateġija THB	Strateġija tal-UE 2012 Għall-Qerda tat-Traffikar tal-Bnedmin
UNODC	Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità

GLOSSARJU

Dimensjoni esterna: Politiki u azzjonijiet interni tal-UE jistgħu jkollhom impatti sinifikanti lil hinn mill-fruntieri tal-UE, bl-istess mod li avvenimenti esterni jistgħu jaffetwaw ukoll id-dinamika interna tal-UE. Id-"dimensjoni esterna tal-politiki interni" ġeneralment tirreferi għal sitwazzjonijiet fejn l-aspetti esterni tal-politiki interni tal-UE jkollhom dimensjoni ta' politika barranija u politika ta' sigurtà li dejjem tkun qed tikber.

Aspetti esterni ta' ġustizzja u affarijiet interni fil-livell globali jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja fi ħdan l-UE. Pereżempju, stat tad-dritt dgħajjed f'pajjiż terz jista' jipprova opportunitajiet biex it-traffikanti li huma attivi fl-Ewropa jwettqu ħasil tar-rikavat minn attività kriminali, u dan jagħmilha aktar diffiċli biex ir-reati tagħhom jiġu investigati. Għalhekk, il-promozzjoni tal-istat tad-dritt f'pajjiż terz jista' jkollha impatt pożittiv madwar l-UE kollha.

Logframe: Logframe (li jissejjaħ ukoll matriċi logframe) huwa għodda għall-ġestjoni ta' proġetti li tipprova mod sistematiku u loġiku biex jiġu ssettjati l-oġettivi kumplessivi u speċifiċi ta' proġett u biex jiġu ddefiniti l-attivitajiet tiegħu. Logframe jippreżenta r-relazzjonijiet kawżali bejn il-livelli differenti ta' oġettivi, jipprova indikaturi biex jiġi ċċekkjat jekk dawk l-oġettivi jkunux intlaħqu, u jidentifika s-suppożizzjonijiet li jsiru.

Mainstream: Terminu li jintuża biex jirreferi għall-integrazzjoni (jew "mainstreaming") ta' xi prinċipji/kunsiderazzjonijiet fil-politiki u l-fażijiet differenti tal-programm tal-UE u fiċ-ċiklu tal-proġetti. Fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, dan jirreferi għal proċess li permezz tiegħu id-drittijiet tal-bniedem jagħtu sura lil politiki, programmi, proġetti u interventi oħra.

Programmazzjoni: Proċess deċiżjonali essenzjali li s-SEAE u l-Kummissjoni jużaw biex jiddefinixxu strateġiji, prijoritajiet u allokkazzjonijiet ta' għajjuna.

Studju ta' referenza: Studju ta' referenza jipprova informazzjoni dettaljata dwar sitwazzjoni partikolari qabel jibda proġett. Huwa għodda siewja biex titqabbel is-sitwazzjoni qabel u wara li proġett jiġi implimentat, u biex jiġu vvalutati fatturi oħra li jistgħu jinfluwenzaw il-bidliet li jiġu osservati matul il-perjodu ta' implimentazzjoni.

SOMMARJU EŻEKUTTIV

I. It-traffikar tal-bnedmin huwa reat li jrendi qligħ kbir, huwa ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem u jirrappreżenta theddida globali għas-sigurtà. Filwaqt li l-għlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin tibqa' r-responsabbiltà tal-Istati Membri, l-UE hija impenjata wkoll li teqirdu u adottat bosta azzjonijiet biex tappoġġa lill-Istati Membri f'dan ir-rigward.

II. Filwaqt li t-traffikar tal-bnedmin huwa problema globali li ebda pajjiż mhuwa kompletament ħieles minnha, l-UE tinsab partikolarment vulnerabbli billi hija destinazzjoni attraenti għal vittmi minn firxa wiesgħa ta' pajjiżi. L-Asja, ir-reġjun l-aktar ippopolat fid-dinja, huwa reġjun sinifikanti għal vittmi ta' traffikar transreġjonali. It-traffikar tal-bnedmin ma jistax jiġi iżolat mill-faqar, l-aċċess għall-edukazzjoni u għas-saħħa, id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess jew l-inġustizzji fuq minoranzi. Huwa aċċettat b'mod ġenerali li l-faqar, id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess u l-kunflitt huma fost il-kawżi ewlenin l-aktar importanti tat-traffikar.

III. Id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona rrinforza r-rwol tal-Kummissjoni fil-koordinazzjoni u l-orjentament tar-rispons tal-UE. Fl-2011 ġiet adottata Direttiva, u ftit wara nħarġet strateġija kontra t-traffikar tal-bnedmin (Strateġija THB 2012-2016). Din l-istrateġija hija kkomplementata minn għadd ta' dokumenti ta' politika oħra li, meta jittieħdu flimkien, jistipulaw l-approċċ tal-UE għall-għlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin. Għadha ma ġietx ippreżentata strateġija kontra t-traffikar tal-bnedmin għal wara l-2016.

IV. F'dan ir-rapport, aħna neżaminaw l-effettività tal-appoġġ mogħti mill-UE għall-għlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja. L-awditu eżamina kemm l-approċċ tal-UE kien komprensiv f'dan ir-rigward fir-reġjuni msemmija, u jekk il-proġetti tal-UE relatati mat-traffikar tal-bnedmin fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja matul il-perjodu 2009-2015 ikkontribwewx b'mod effettiv għall-għlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin.

V. Il-qerda tat-traffikar tal-bnedmin huwa proċess li neċessarjament jieħu fit-tul. Dan jirrikjedi li jiġu indirizzati għadd ta' kawżi ewlenin (eż. inugwaljanza bejn is-sessi, faqar, drittijiet tal-minoranzi, edukazzjoni u saħħa) u li l-attivitajiet ta' netwerks kriminali jiġu sfaġxati. It-traffikar tal-bnedmin huwa, min-natura tiegħu, reat klandestin li rarament ikun

hemm *data* statistika suffiċjenti u kumparabbli dwaru. Minħabba dan il-kuntest kumpless, il-ħafna prijoritajiet mifruxa u r-riżorsi limitati, aħna sibna li l-UE kienet parzjalment effettiva fl-appoġġ li tat għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja.

VI. Il-qafas ta' politika tal-UE f'dak li jirrigwarda t-traffikar tal-bnedmin jipprevedi approċċ komprensiv għall-indirizzar tat-traffikar tal-bnedmin, għalkemm xi aspetti għadhom mhumiex żviluppati għalkollox jew mhumiex rilevanti għall-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja. Il-Kummissjoni u s-SEAE jużaw varjetà ta' għodod fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, kemm direttament kif ukoll indirettament: djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem huma partikolarment utli; għodod oħra jinkludu djalogi bilaterali u appoġġ għal fora reġjonali (jiġifieri ASEAN u ASEM fl-Asja). Sa issa għadhom ma nħolqux sħubiji ġodda, bejn l-UE u xi wieħed mill-pajjiżi fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja, li huma ddedikati għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin.

VII. Minkejja dgħufijiet speċifiċi, il-biċċa l-kbira mill-proġetti eżaminati fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja taw xi riżultati pożittivi fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, għalkemm is-sostenibbiltà kienet problematika. Mill-2009 'l hawn, kien hemm titjib ġenerali fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, għalkemm hemm differenzi sinifikanti bejn il-pajjiżi u huwa diffiċli li tinstab konnessjoni bejn l-iżvilupp ġenerali u r-riżultati li nkisbu minn azzjonijiet speċifiċi tal-UE. Il-qafas għall-għażla tal-proġetti ma ffaċilitax l-użu ta' approċċ komprensiv u t-tfassil tal-proġetti kellu xi dgħufijiet, b'mod partikolari fil-formulazzjoni tal-oġettivi u l-indikaturi. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni ġiet imxekkla minn limitazzjonijiet lokali u minn dewmien.

VIII. Fuq il-bażi ta' dan l-awditu, aħna nirrakkomandaw li jenħtieġ li l-Kummissjoni, f'koordinazzjoni mas-SEAE:

- Tkompli tiżviluppa l-qafas strateġiku kontra t-traffikar tal-bnedmin, billi tagħmlu aktar rilevanti għall-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja
- Tottimizza l-impatt tal-proġetti billi tintegrahom f'qafas komprensiv.

INTRODUZZJONI

Informazzjoni ta' sfond: Traffikar tal-bnedmin

1. It-traffikar tal-bnedmin huwa reat serju u huwa ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem. Il-vittmi jiġu sfruttati kemm f'pajjiżhom stess kif ukoll barra minn pajjiżhom, għall-benefiċċju tat-traffikanti. Ebda pajjiż mhuwa kompletament ħieles minn dan il-fenomeno, kemm bħala pajjiż ta' oriġini, pajjiż ta' tranżitu u/jew pajjiż ta' destinazzjoni għall-vittmi. It-traffikar tal-bnedmin sar theddida globali għas-sigurtà, kif jidher mill-valutazzjonijiet li saru mill-UE, min-NU u mill-Istati Uniti¹.
2. Hemm kunsens ġenerali dwar il-ħtieġa li jinqered it-traffikar tal-bnedmin. Sa issa, 170 pajjiż² irratifikaw il-Protokoll għall-Prevenzjoni, Soppresjoni u Punizzjoni tat-Traffikar ta' Persuni, Speċjalment ta' Nisa u Tfal, li jissupplementa l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali, li ġiet adottata fis-sena 2000 (il-Protokoll ta' Palermo). Il-Protokoll ta' Palermo kien l-ewwel strument internazzjonali li huwa legalment vinkolanti u li fih definizzjoni maqbula tat-traffikar tal-bnedmin.
3. It-traffikar tal-bnedmin jinvolvi r-reklutaġġ, it-trasport, it-trasferiment, il-kenn jew l-akkoljenza ta' persuni permezz tal-użu tal-forza, ta' frodi, jew ta' ġegħil għall-fini ta' sfruttament³. It-traffikar tal-bnedmin għandu dimensjoni qawwija relatata mal-ġeneru

¹ Ir-rapport tal-UE tal-2013 dwar il-Valutazzjoni tat-Theddid Gravi tal-Kriminalità Organizzata (SOCTA) identifika t-traffikar tal-bnedmin bħala theddida ewlenija għall-UE. It-traffikar tal-bnedmin huwa wieħed mis-suġġetti li huma inklużi fl-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà tal-2015. L-UNODC jiddikjara li t-traffikar tal-bnedmin huwa problema globali u huwa wieħed mill-aktar reati tal-mistħija fid-dinja, u li t-theddida sottostanti li jippreżenta t-traffikar tal-bnedmin huwa r-raġuni għalfejn il-problema qed tiġi rikonoxxuta dejjem aktar bħala problema ta' sigurtà globali (UNODC, An Introduction to Human Trafficking Vulnerability, Impact and Action, Background Paper (UNODC, Introduzzjoni għall-Vulnerabbiltà għat-Traffikar tal-Bnedmin, l-Impatt Tiegħu u l-Azzjoni Kontrih), Dokument ta' Sfond). It-traffikar tal-bnedmin huwa wieħed mir-reati li l-Kunsill tas-Sigurtà Nazzjonali tal-Istati Uniti jelenka bħala theddida għas-sigurtà nazzjonali u internazzjonali.

² L-istatus f'Jannar 2017.

³ Il-Protokoll għall-Prevenzjoni, Soppresjoni u Punizzjoni tat-Traffikar ta' Persuni, Speċjalment ta' Nisa u Tfal, li jissupplementa l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali. "Ir-reklutaġġ, it-trasport, it-trasferiment, il-kenn jew l-akkoljenza ta' persuni, permezz tat-theddid jew l-użu tal-forza jew forom oħra ta' ġegħil, ta' ħtif, ta' frodi, ta' qerq, tal-abbuż tal-poter jew ta' pożizzjoni ta' vulnerabbiltà jew tal-għoti jew tar-riċeviment

(jiġifieri l-biċċa l-kbira mill-vittmi huma nisa u bniet). Din trid titqies meta jitfasslu miżuri ta' appoġġ. Ix-xogħol furzat u l-isfruttament sesswali huma t-tipi ta' sfruttament l-aktar prevalenti madwar id-dinja. Tipi oħra ta' sfruttament tal-bnedmin huma t-tħaddim tat-tfal, it-tneħħija tal-organi u ż-żwieġ furzat.

4. Bħal reati oħra, it-traffikar tal-bnedmin huwa attività klandestina li ma tistax tiġi osservata u mkejla faċilment. Meta jkun transkonfinali, it-traffikar spiss iseħħ minn pajjiżi inqas żviluppati għal dawk aktar żviluppati. Il-maġġoranza tal-vittmi jiġu ttraffikati għewwa l-limiti ta' pajjiżhom (42 %) jew tar-reġjuni tagħhom (36 %), u spiss kemm il-vittmi kif ukoll it-traffikanti jkunu ġejjin mill-istess post, jikkellmu l-istess lingwa jew ikollhom l-istess sfond etniku. It-traffikar tal-bnedmin ma jistax jiġi iżolat mill-faqar, l-aċċess għall-edukazzjoni u għas-saħħa, id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess jew l-inġustizzji fuq minoranzi. Huwa aċċettat b'mod ġenerali li l-faqar, id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess u l-kunflitt huma fost il-kawżi ewlenin l-aktar importanti tal-problema.

5. It-traffikar tal-bnedmin ġie ffaċilitat mill-globalizzazzjoni ekonomika. L-aċċess wiesa' għas-suq ta' ħaddiema irħas u prodotti rħas jimmultiplika l-opportunitajiet tat-traffikanti biex jibbenefikaw mill-isfruttament ta' vittmi vulnerabbli. Għalhekk, il-globalizzazzjoni żiedet il-probabbiltà li l-konsumaturi ta' oġġetti u servizzi jkunu indirettament konnessi mat-traffikar tal-bnedmin, pereżempju mat-tifel jew tifla li qed jiġu sfurzati jhitsu l-blalen tal-futbol, mal-migrant imġiegħel jaħdem bħala sajjied f'kundizzjonijiet ta' skjavitù, u maż-żagħżuġh jew żagħżuġha li jaħarbu mid-dar u jisfaw vittmi ta' traffikar għal skopijiet sesswali viċin destinazzjoni turistika.

6. Dawn il-fatturi jispjegaw l-attenzjoni li l-midja tagħti lill-problema tat-traffikar tal-bnedmin madwar id-dinja. Fl-2016, il-Premju Pulitzer għas-Servizz Pubbliku ngħata lil grupp ta' ġurnalisti li wettqu investigazzjoni internazzjonali dwar l-industrija tas-sajd fix-Xlokk tal-Asja, investigazzjoni li wasslet għall-ħelsien ta' aktar minn 2000 skjav. Il-frott tal-baħar li huma qabdu seta' jiġi ttraċċat għas-supermarkets u għall-fornituri ta' ikel għall-animalli f'pajjiżi żviluppati.

ta' ħlasijiet jew benefiċċji biex jinkiseb il-kunsens ta' persuna li jkollha kontroll fuq persuna oħra, għall-fini ta' sfruttament."

sinifikanti għal vittmi ta' traffikar transreġjonali⁶. Il-kxif mill-midja ta' sitwazzjonijiet ta' traffikar tal-bnedmin ġibed l-attenzjoni għall-ġlieda ta' gvernijiet nazzjonali, organizzazzjonijiet internazzjonali, is-soċjetà ċivili u donaturi kontra t-traffikar tal-bnedmin fir-reġjun.

9. L-indirizzar tat-traffikar tal-bnedmin huwa sforz li jieħu fit-tul. Dan jirrikjedi bidliet fl-attitudnijiet, l-applikazzjoni tal-istat tad-dritt u soċjetà ċivili b'saħħitha. Is-sostenibbiltà ta' proġetti xprunati mid-drittijiet umani dejjem tkun ta' sfida billi spiss tkun teħtieġ l-appoġġ kontinwu tad-donaturi u t-trawwim ta' impenn nazzjonali biex ikomplu jinżammu r-riżultati li jkunu nkisbu. Barra minn hekk, il-flussi u l-prattiki tat-traffikar tal-bnedmin huma dinamiċi u jistgħu jiġu adattati għal inizjattivi relatati mal-infurzar tal-liġi. Bħalma normalment jiġri għal kwistjonijiet oħra li jirrigwardaw id-drittijiet tal-bniedem, huwa biss fit-terminu twil li jkun possibbli li jiġi vvalutat jekk l-azzjonijiet li jiġu implimentati jkunux ikkontribwew għall-qerda tiegħu.

Ir-rwol tal-UE u l-atturi fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin lil hinn mill-fruntieri tal-UE

10. Fl-2009 ġie introdott qafas strateġiku tal-UE għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin f'pajjiżi terzi, meta l-Kunsill adotta d-Dokument Orjentat lejn l-Azzjoni dwar it-tiżni tad-dimensjoni esterna tal-UE kontra t-traffikar tal-bnedmin⁷. Dan id-dokument appella għal azzjoni kkoordinata mill-UE u l-Istati Membri, biex jipprevienu u jiġġieldu kontra t-traffikar tal-bnedmin fi sħubija ma' pajjiżi terzi, reġjuni u organizzazzjonijiet fil-livell internazzjonali. Dan l-approċċ kien ikkonfermat mill-programm pluriennali usà rigward l-oqsma ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għall-2010-2014 ("il-programm ta' Stokkolma")⁸.

⁶ Fil-biċċa l-kbira tal-partijiet l-oħra tad-dinja, il-maġġoranza vasta tal-vittmi jiġu ttraffikati ġewwa l-istess reġjun. Ara r-Rapport Globali dwar it-Traffikar tal-Bnedmin (2014), UNODC, 2014.

⁷ Dok. 11450/5/09 REV 5.

⁸ Il-programm ta' Stokkolma appella għall-"bini u t-tiżni ta' sħubija ma' pajjiżi terzi, it-titjib ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni fl-Unjoni u mal-mekkaniżmi tad-dimensjoni esterna tal-UE". Il-programm ta' Stokkolma tnejja mill-Presidenza Żvediża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u ġie diskuss matul laqgħa informali f'Lulju 2009. Wara t-teħid ta' deċiżjonijiet mill-ministri tal-intern u l-ministri għall-ġustizzja, il-Kunsill Ewropew adotta l-programm f'Diċembru 2009.

11. It-Trattat ta' Lisbona estenda l-metodu tal-UE għal oqsma li preċedentement kienu jaqgħu taħt il-pilastru ta' kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja⁹, bidla li żiedet ir-rwol tal-Kummissjoni fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin. Id-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu¹⁰ (id-Direttiva) tirrepeti l-appell għal approċċ komprensiv tal-UE li jikkombina d-dimensjonijiet interni u esterni. Id-Direttiva tappella lill-Istati Membri sabiex jiffaċilitaw ix-xogħol tal-Koordinatur ta' Kontra t-Traffikar biex jikkontribwixxu għal "strateġija koordinata u konsolidata tal-Unjoni".

12. Fl-2012, il-Kummissjoni adottat l-Istrateġija tal-UE 2012-2016 Għall-Qerda tat-Traffikar tal-Bnedmin (l-Istrateġija THB). Din stabbiliet il-qafas kumplessiv ta' politika u identifikat ħames prijoritajiet li huwa meħtieġ li l-UE tiffoka fuqhom: il-protezzjoni tal-vittmi, il-prevenzjoni tal-isfruttament ta' persuni vulnerabbli, il-prosekuzzjoni tat-traffikanti, it-tisħiħ tal-koordinazzjoni u tal-kooperazzjoni, u l-kondiviżjoni tal-għarfien. L-Istrateġija THB kienet tinkludi 40 azzjoni li kellhom jiġu implimentati mill-istituzzjonijiet tal-UE u mill-Istati Membri. L-istrateġija kontra t-traffikar tal-bnedmin għal wara l-2016 għadha trid tiġi ppreżentata (is-sitwazzjoni f'April 2017).

13. Ma hemm ebda strument ta' finanzjament mill-UE li huwa mmirat speċifikament lejn it-traffikar tal-bnedmin. Dak ifisser li l-finanzjament huwa pprovdut minn firxa wiesgħa ta' strumenti, minn programmi xprunati mis-sigurtà għal strumenti purament ta' żvilupp. Kull strument għandu bażi legali differenti; filwaqt li xi strumenti jinkludu t-trattament tat-traffikar tal-bnedmin bħala objettiv speċifiku, xi oħrajn jirreferu għal problemi usà bħall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, l-applikazzjoni tal-istat tad-dritt jew il-migrazzjoni illegali.

⁹ Skont il-metodu tal-UE, materji tal-pulizija u dawk ġudizzjarji jiġu ttrattati minn strumenti tradizzjonali tal-UE (regolamenti, direttivi u deċiżjonijiet) u r-rwol tal-Parlament Ewropew ġie rrinforzat (preċedentement, dan kien jiġi kkonsultat biss). Preċedentement, il-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja kienet ibbażata fuq kooperazzjoni fil-livell intergovernattiv aktar milli fil-livell tal-UE. L-Artikoli 82 sa 86 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

¹⁰ Din id-Direttiva kienet l-ewwel miżura tal-UE relatata mal-liġi kriminali li ġiet adottata taħt it-Trattat ta' Lisbona.

14. Kumplessivament, dan ifisser li huwa diffiċli li tinħareġ *data* komprensiva dwar il-finanzjament kumplessiv mogħti mill-UE biex jiġi indirizzat it-traffikar tal-bnedmin¹¹. Rapport tal-Kummissjoni fl-2016 dwar il-progress li sar fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin¹² josserva li, bejn l-2011 u l-2013, id-Direttorat Ġenerali għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp (DĠ DEVCO) iffinanzja 53 proġett b'ammont ta' bejn wieħed u ieħor EUR 37 miljun. Ir-rapport ma jipprovdi informazzjoni dwar il-proġetti li huma mmaniġġjati mid-Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negożjati għat-Tkabbir (DĠ NEAR) jew mis-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija, u lanqas ma jipprovdi informazzjoni dwar jekk il-finanzjament li huwa mmaniġġjat mid-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni bbenefikax pajjiżi terzi.

15. Rigward l-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja, id-DĠ DEVCO huwa d-dipartiment prinċipali li huwa responsabbli għall-ġestjoni tal-assistenza għall-iżvilupp. L-istrumenti l-aktar importanti li jintużaw mid-DĠ DEVCO bħala appoġġ għal proġetti relatati mat-traffikar tal-bnedmin huma l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI) u l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR).

AMBITU U APPROĊĊ TAL-AWDITJAR

16. Ir-rispons tal-UE għat-traffikar tal-bnedmin tista' tiegħu ħafna forom, eż. assistenza finanzjarja, djalogu ta' politika jew azzjonijiet multilaterali¹³. Għalhekk, l-UE għandha l-opportunità li tuża firxa sħiħa ta' għodod, strumenti u riżorsi biex l-azzjoni esterna tagħha fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin tkun aktar konsistenti, aktar effettiva u aktar strateġika.

¹¹ L-Istudju tal-2016 dwar analiżi komprensiva tal-politika għal proġetti kontra t-traffikar tal-bnedmin, li kien iffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea, jgħid li fil-perjodu 2004-2015 il-Kummissjoni ffinanzjat 321 proġett relatati mat-traffikar tal-bnedmin, li globalment, ammontaw għal total ta' EUR 158 miljun; madankollu, ir-riżerva li hija inkluża fl-istudju tissuġġerixxi li dawn iċ-ċifri jistgħu jirrappreżentaw stima insuffiċjenti tal-ammont sħiħ tal-appoġġ mogħti mill-UE.

¹² COM(2016) 267 final u SWD(2016) 159 final.

¹³ Azzjonijiet multilaterali jistgħu jsiru billi jingħata appoġġ għax-xogħol ta' organizzazzjonijiet internazzjonali bħan-Nazzjonijiet Uniti (NU) jew l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN), li huma min-natura tagħhom multilaterali, jew billi diversi pajjiżi jitħeġġew jaħdmu favur għan waħdieni.

Dan jissejjaħ l-approċċ komprensiv tal-UE, li jindirizza wkoll ir-responsabbiltà kondiviża tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri¹⁴.

17. Aħna ddeċidejna li niffukaw l-awditu fuq ir-regġuni tal-Asja t'Isfel u tax-Xlokk tal-Asja minħabba l-firxa estensiva ta' traffikar tal-bnedmin f'dawn ir-regġuni u l-prijoritajiet li esprimu l-Kunsill. L-Indiċi Globali tal-Iskjavitù 2016 sab li hemm kważi 46 miljun vittma tat-traffikar tal-bnedmin madwar id-dinja, kważi żewġ terzi fl-Asja/mill-Asja; l-Asja t'Isfel u x-Xlokk tal-Asja¹⁵ flimkien jinkludu għadd relattivament kbir ta' pajjiżi li ġew identifikati mill-Kunsill bħala prijoritajiet fit-traffikar tal-bnedmin.

18. L-awditu eżamina jekk l-appoġġ mogħti mill-UE għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja kienx effettiv. Għall-iskop ta' din il-valutazzjoni, l-awditu wieġeb is-sottomistoqsijiet li ġejjin:

- (a) L-UE kellha approċċ komprensiv għat-traffikar tal-bnedmin fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja?
- (b) Il-proġetti tal-UE kkontribwew b'mod effettiv għall-indirizzar tat-traffikar tal-bnedmin fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja?

19. Aħna identifikajna u eżaminajna l-proġetti kollha relatati mat-traffikar tal-bnedmin li ġew implimentati fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja matul il-perjodu 2009-2015 (ara l-**Anness I**), b'finanzjament totali ta' EUR 31 miljun. L-2009 kienet is-sena meta l-UE adottat l-ewwel qafas strateġiku tagħha għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin f'pajjiżi terzi (id-Dokument Orjentat lejn l-Azzjoni, ara l-paragrafu 10). Il-Kummissjoni pprovditilna lista ta' proġetti relatati mat-traffikar tal-bnedmin fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja (22 proġett b'total ta' EUR 13-il miljun) li kkomplementajna bi proġetti addizzjonali f'dawn ir-regġuni li għandhom

¹⁴ Ara Join (2013) 30 final għal aktar dettall dwar l-approċċ komprensiv tal-UE.

¹⁵ Ir-regġun tal-Asja t'Isfel jinkludi l-Afganistan, il-Bangladesh, il-Bhutan, il-Maldivi, in-Nepal, l-Indja, il-Pakistan u s-Sri Lanka. Ir-regġun tax-Xlokk tal-Asja jinkludi l-Brunei, il-Kambodja, Timor Leste, l-Indoneżja, il-Laos, il-Malasja, il-Myanmar, il-Filippini, Singapore, it-Tajlandja u l-Vjetnam.

relazzjoni ċara mat-traffikar tal-bnedmin (13-il proġett addizzjonali b'total ta' EUR 18-il miljun). Il-35 proġett koprew 10 mid-19-il pajjiż f'dawn ir-reġjuni¹⁶.

20. Ix-xogħol tal-awditjar tagħna kien jikkonsisti f'analiżi fl-uffiċċju ta' dokumentazzjoni tal-Kummissjoni u tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), intervisti ma' persunal mill-Kummissjoni u mis-SEAE, u żjara tal-awditjar fit-Tajlandja li hija ċ-ċentru prinċipali tal-attività tan-NU fl-Asja u fil-Paċifiku. L-oġġettiv tal-missjoni kien li niġbru aktar informazzjoni u nintervistaw lill-persunal tad-delegazzjoni tal-UE, rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali, benefiċjarji, donaturi oħra u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Il-missjoni serviet ukoll biex isiru laqgħat mar-rappreżentanti tal-kwartieri reġjonali tal-aġenziji rilevanti tan-NU.

OSSERVAZZJONIJIET

Fil-biċċa l-kbira, il-qafas ta' politika tal-UE f'dak li jirrigwarda t-traffikar tal-bnedmin jipprevedi approċċ komprensiv għall-indirizzar tat-traffikar tal-bnedmin, għalkemm xi aspetti għadhom mhumiex żviluppati għalkollox

Il-qafas ta' politika tal-UE f'dak li jirrigwarda t-traffikar tal-bnedmin huwa stipulat f'għadd ta' dokumenti interkonnessi

21. F'din it-taqsim, aħna neżaminaw jekk l-UE bbażatx l-istrateġija tagħha fuq *data* rilevanti u affidabbli dwar it-traffikar tal-bnedmin; jekk issettjatx miri, kif ukoll prijoritajiet ċari u rilevanti li jkopru aspetti kriminali u aspetti ta' drittijiet tal-bniedem; u jekk indirizzatx it-traffikar tal-bnedmin bħala prijorità fl-istrateġiji nazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem.

L-Istrateġija THB hija dokument ta' livell għoli li jipprovdi gwida limitata dwar id-dimensjoni esterna tal-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin

22. It-tnejn tal-istrateġija kontra t-traffikar tal-bnedmin ma kienx fiha *data* statistika suffiċjenti u kumparabbli. Minbarra d-diffikultajiet inerenti biex tinkiseb *data* dwar

¹⁶ Il-Bangladesh, il-Kambodja, l-Indja, l-Indoneżja, il-Myanmar, in-Nepal, il-Pakistan, il-Filippini, it-Tajlandja u l-Vjetnam.

kwalunkwe attività kriminali¹⁷, ma hemm ebda kondivizzjoni ta' informazzjoni ma' pajjiżi fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja dwar it-traffikar tal-bnedmin.

23. L-Istrateġija THB tinkludi 40 azzjoni, maqsumin bejn il-5 prijoritajiet (il-protezzjoni tal-vittmi, il-prevenzjoni, il-prosekuzzjoni tat-traffikanti, it-tisħiħ tal-koordinazzjoni u tal-kooperazzjoni, u l-kondivizzjoni tal-għarfien). Waħda biss mill-40 azzjoni tittratta d-dimensjoni esterna tal-għieda kontra t-traffikar tal-bnedmin. Sa April 2017, il-Kummissjoni kienet għadha ma ppubblikatx evalwazzjoni komprensiva tar-risultati li nkisbu taħt l-Istrateġija THB; u lanqas ma ppreżentat qafas ta' politika kontra t-traffikar għal wara l-2016¹⁸.

24. L-Istrateġija THB ma kinitx tinkludi objettivi u miri speċifiċi, li kienu jkunu utli għat-tnejn ta' azzjonijiet iffukati fuq il-post għall-evalwazzjoni tar-risultati miksuba. L-Istrateġija THB ddikjarat ukoll li "lista ta' pajjiżi u reġjuni terzi prijoritarji għal sħubijiet futuri għandha tiġi żviluppata. Fl-2013 fil-pajjiżi u reġjuni terzi prijoritarji jistgħu jiġu kkunsidrati mekkaniżmi ta' kooperazzjoni f'delegazzjonijiet tal-UE dwar it-traffikar tal-bnedmin sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni, jinħolqu s-sħubijiet u titjeb il-koordinazzjoni u l-koerenza".

¹⁷ L-Eurostat jipproduċi statistika dwar il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin u t-traffikanti fl-Ewropa u f'xi pajjiżi terzi, iżda mhux fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja. In-noti metodoloġiċi tal-Eurostat jenfasizzaw id-diffikultajiet li jiġu ffaċċjati biex tinkiseb *data* kumparabbli u affidabbli (ara "Trafficking in human beings – Eurostat 2015" (Traffikar tal-bnedmin – Eurostat 2015)). Dawn id-diffikultajiet jinsabu wkoll fil-produzzjoni ta' statistika dwar il-kriminalità internazzjonali u l-UNODC jirrapporta tliet raġunijiet prinċipali għal dan: definizzjonijiet differenti għal tipi speċifiċi ta' reati f'pajjiżi differenti, livelli differenti ta' rappurtar u tradizzjonijiet differenti fil-ħidma tal-pulizija; u kuntesti soċjali, ekonomiċi u politiċi differenti (*Sors*: il-paġna web tal-UNODC, it-taqsimha dwar il-Kompilazzjoni u t-tqabbil tal-Istatistika dwar il-Kriminalità Internazzjonali).

¹⁸ Fl-2016, il-Kummissjoni ppubblikat "l-ewwel rapport tal-Kummissjoni dwar it-traffikar tal-bnedmin mill-adozzjoni tad-Direttiva kontra t-traffikar" (COM(2016) 267 final) kif meħtieġ mill-Artikolu 20 tad-Direttiva THB. Dan ir-rapport jirrikonoxxi "d-diffikultà li tkejjel ir-risultati u l-impatt tal-azzjonijiet ta' kontra t-traffikar", kif ukoll l-iżvilupp limitat ta' indikaturi rilevanti mill-Istati Membri. Għalhekk, ir-rapport "jenfasizza l-azzjonijiet ewlenin li ttieħdu mill-Istati Membri fi tliet oqsma tematiċi ewlenin stabbiliti fid-Direttiva u l-Istrateġija tal-UE kontra t-traffikar". Preċedentement, fl-2014, il-Kummissjoni ppubblikat rapport ta' nofs it-terminu dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija THB. Dan ir-rapport ipprova informazzjoni dwar azzjonijiet differenti li ttieħdu mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri, iżda ma inkludix evalwazzjoni tar-risultati li kienu nksibu mill-Istrateġija THB sa dak iż-żmien, u ma ntużax biex jingħelbu n-nuqqasijiet tal-Istrateġija THB, eż. in-nuqqas ta' miri.

25. F'Diċembru 2012, il-Kunsill qabel dwar lista b'hal din ta' reġjuni u pajjiżi prijoritarji, ibbażata fuq proposta mill-Kummissjoni¹⁹. Meta jitqies il-finanzjament limitat involut, aħna sibna li l-prijoritizzazzjoni ġeografika ma kinitx speċifika biżżejjed biex tiggwida l-azzjoni, billi l-biċċa l-kbira mill-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp ġew inklużi jew individwalment jew inkella b'hal parti minn reġjun ġeografiku. Barra minn hekk, ma sar ebda segwitu tar-risultati li nkisbu b'dan l-approċċ. Dan lanqas ma kien jinkludi aġġornamenti regolari jew konferma dwar jekk il-prijoritajiet ġeografiċi kinux għadhom rilevanti. Rigward l-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja, il-prijoritajiet ġeografiċi jinkludu l-Vjetnam, ir-reġjun tar-Rotta tal-ħarir²⁰ (b'mod partikolari l-Indja) u l-pajjiżi tax-Xlokk tal-Asja (b'mod partikolari t-Tajlandja, il-Laos, il-Kambodja u l-Filippini).

L-Istrateġija THB hija kkomplementata minn dokumenti oħra ta' politika

26. It-traffikar tal-bnedmin huwa fenomenu kumpless li jista' jiġi indirizzat minn angoli differenti. Rigward il-perspettiva ta' drittijiet tal-bniedem, xi dokumenti rilevanti biex jikkomplementaw l-approċċ tal-UE għat-traffikar tal-bnedmin huma l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni; l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà; il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-Traffikar tal-Migranti 2015-2020; il-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2015-2019; il-qafas il-ġdid għall-attivitajiet tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tiżiħ tal-pożizzjoni tan-nisa fir-relazzjonijiet esterni tal-UE għall-2016-2020, u l-Involviment Strateġiku tal-UE għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2019.

27. L-UE hija impenjata li tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem fl-oqsma kollha tal-azzjoni esterna tagħha, mingħajr eċċezzjoni²¹. Meta taħdem ma' sħab bilaterali, il-mekkaniżmu

¹⁹ Il-konklużjonijiet tal-Kunsill 13661/3/12. Il-lista hija bbażata fuq statistika disponibbli dwar it-traffikar tal-bnedmin minn sorsi differenti (b'hal-Eurostat, il-Europol, il-Frontex u l-Aġenziji tan-NU) u fuq il-prijoritajiet ġeografiċi u operazzjonali li ġew identifikati fl-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobilità (GAMM).

²⁰ Ir-Rotta storika tal-ħarir kienet netwerk antik ta' rotot tal-kummerċ li kien jgħaqqad il-Lvant mal-Punent, u li kien iwassal mill-peniżola Koreana u l-Ġappun sal-Baħar Mediterran. Liema pajjiżi huma inklużi taħt dan it-terminu mhuwiex dejjem ċar, billi kien hemm ħafna rotot, jew Rotot tal-ħarir, differenti. Fl-2013, il-Kummissjoni u l-Istati Membri pparteċipaw fit-tneidja ta' "Sħubija tar-Rotot tal-ħarir għall-Migrazzjoni". Il-"Proġett ta' sħubija tar-rotot tal-ħarir" li jappoġġa l-inizjattiva jinkludi l-Afganistan, il-Bangladesh, l-Iran, l-Iraq u l-Pakistan.

²¹ Ara l-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

preferut tal-UE huwa li tiżviluppa approċċi mfaslin apposta li jiġu riflessi fi strateġij lokali tal-pajjiż dwar id-drittijiet tal-bniedem²². Dawn l-istrateġiji huma maħsuba biex jiġu integrati mill-UE u mill-Istati Membri, iservu bħala bażi għad-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem u jingħataw segwitu regolari mid-delegazzjonijiet u mill-amministrazzjoni ċentrali tal-UE f'rapporti u analiżijiet annwali tal-progress.

28. L-UE żviluppat strateġiji dwar id-drittijiet tal-bniedem għall-pajjiżi kollha li huma koperti mill-awditu. L-Istati Membri kkontribwew b'mod attiv għal dawn l-istrateġiji, mill-istadju tat-tnejjija sa dak tal-approvazzjoni. L-involviment tal-Istati Membri kien jinkludi rappreżentanti għall-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Asja u l-Oċeanja (COASI) u għall-Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (COHOM), li huma l-gruppi ta' ħidma responsabbli biex jittrattaw kwistjonijiet relatati mal-Asja jew mad-drittijiet tal-bniedem ingenerali²³. Il-parteċipazzjoni taż-żewġ gruppi ta' ħidma ssalvagwardjat il-konsistenza reġjonali u tematika.

29. Kwistjonijiet dwar it-traffikar tal-bnedmin ġeneralment jiġu inklużi fl-istrateġiji dwar id-drittijiet tal-bniedem bil-mod li s-SEAE jqis bħala l-aktar xieraq u aċċettabbli għall-UE u għall-pajjiż kontroparti, biex jiġi żgurat bilanċ effiċjenti bejn il-kwistjonijiet dwar it-traffikar tal-bnedmin u kwistjonijiet prijoritarji oħra. L-istrateġiji dwar id-drittijiet tal-bniedem li aħna eżaminajna kienu jindirizzaw b'mod adegwat il-kwistjonijiet rilevanti dwar it-traffikar tal-bnedmin, fit-taqsimiet li jittrattaw in-nisa, it-tfal jew id-drittijiet tal-minoranzi.

30. Rigward il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin bħala reat, din il-perspettiva ġiet indirizzata primarjament mir-rapport tal-UE tal-2013 dwar il-Valutazzjoni tat-Theddid Gravi tal-Kriminalità Organizzata, li identifika t-traffikar tal-bnedmin bħala theddida ewlenija għall-UE (valutazzjoni li ġiet ikkonfermata fl-2017²⁴). Dan wassal għall-approvazzjoni, mill-Kunsill,

²² Kif inhu rifless fil-Qafas Strateġiku u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, 11855/12.

²³ Il-COHOM jittratta l-aspetti kollha relatati mad-drittijiet tal-bniedem fir-relazzjonijiet esterni tal-UE, u jlaqqa' flimkien lid-Diretturi għad-Drittijiet tal-Bniedem u lid-delegati mill-Istati Membri, is-SEAE u l-Kummissjoni. Il-COASI huwa responsabbli għar-relazzjonijiet tal-UE mal-Asja u mal-Oċeanja. L-organizzazzjoni ta' laqgħat konġunti tiżgura li l-opinjoni kollha jittieħdu inkunsiderazzjoni qabel il-wasla tad-dokumenti għand il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà. Il-Kummissjoni kienet irrapreżentata fil-laqgħat konġunti tal-COHOM u l-COASI.

²⁴ Valutazzjoni tal-2017 tat-Theddid Gravi tal-Kriminalità Organizzata, Europol, 2017.

ta' Pjan Strateġiku Pluriennali li huwa speċifiku għat-traffikar tal-bnedmin, kif ukoll għal Pjanijiet annwali ta' Azzjoni Operazzjonali. Dawn id-dokumenti jindirizzaw il-perspettiva kriminali tat-traffikar tal-bnedmin, li mhijiex koperta mill-Istrateġija THB. Huma jiffukaw fuq l-aspett tal-infurzar tal-liġi fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin fl-Ewropa, u għalhekk jinkludu għadd limitat ta' azzjonijiet f'pajjiżi terzi. Ebda waħda minn dawn l-azzjonijiet ma hija relatata ma' pajjiżi fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja.

Il-qafas ta' politika tal-UE huwa appoġġat minn varjetà ta' għodod: Id-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem huwa partikolarment utli, filwaqt li għodod oħra jistgħu jintużaw aktar fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja

31. F'din it-taqsim, aħna neżaminaw jekk l-użu ta' diversi għodod (inklużi l-programmazzjoni, il-koordinazzjoni u d-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem) iffaċilitawx it-tweqqif ta' azzjoni komprensiva. Aħna nivvalutaw ukoll jekk ġewx konklużi sħubiji relatati mat-traffikar tal-bnedmin, ma' pajjiżi terzi, reġjuni u organizzazzjonijiet internazzjonali fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja.

L-UE pprovdiet assistenza finanzjarja għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja, iżda l-programmazzjoni ma kinitx tinkludi loġika u direzzjoni ġenerali u ma ntużax il-potenzjal kollu tagħha

32. Għad ma hemm ebda strument ta' finanzjament mill-UE li huwa mmirat speċifikament lejn it-traffikar tal-bnedmin. Dan ifisser li l-istrumenti eżistenti jridu jintużaw b'mod ikkoordinat biex jiffinanzjaw attivitajiet f'dan il-qasam. Il-proġetti awditjati ġew iffinanzjati permezz tal-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Żvilupp (DCI) u tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR), li jistgħu jintużaw biex jiffinanzjaw attivitajiet marbutin mad-dimensjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'dak li jirrigwarda t-traffikar tal-bnedmin fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja. Attwalment, il-Kummissjoni qed teżamina dawn l-istrumenti ta' finanzjament estern (l-evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu tad-DCI u tal-EIDHR), u hija mistennija tiffinalizza l-eżamnar tagħha f'nofs l-2017.

33. Il-Kummissjoni, is-SEAE u l-Istati Membri jipparteċipaw fid-definizzjoni ta' strateġiji ta' għajnuna, prijoritajiet u allokkazzjonijiet ta' strumenti finanzjarji permezz tal-proċess ta' programmazzjoni. Il-pajjiżi kollha eżaminati inkludew mill-inqas dokument ta' strateġija

wieħed li ġie adottat wara l-Istrateġija THB. Id-dokumenti ta' programmazzjoni għall-10 pajjiżi koperti mill-awditu ma jinkludux referenzi għall-Istrateġija THB jew għall-prijoritajiet ġeografiċi tal-Kunsill.

34. Barra minn hekk, ma hemmx *data* komprensiva dwar l-appoġġ finanzjarju li l-UE pprovdiet għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin fil-perjodu 2009-2015²⁵. Il-Kummissjoni żżomm database ta' proġetti relatati mat-traffikar tal-bnedmin (id-database tas-sit web iddedikat għall-ġlieda kontra t-traffikar). Madankollu, aħna sibna li d-database ma kinitx kompluta bħala sors ta' informazzjoni dwar il-finanzjament. Għaldaqstant, hija ma tistax tagħti appoġġ effiċjenti lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u lill-prattikanti rilevanti fl-issettjar ta' prijoritajiet u ta' azzjonijiet direzzjonali. Dan huwa dovut għan-nuqqas ta' kriterji ċari li jiddefinixxu x'jikkostitwixxi azzjoni rilevanti għat-traffikar tal-bnedmin (ara l-***Annex III***)²⁶. Dan ifisser li ma nistgħux nivvalutaw jekk id-distribuzzjoni ta' fondi bejn ir-reġjuni tikkonformax mal-prijoritajiet tal-Kunsill.

35. Il-biċċa l-kbira mill-appoġġ finanzjarju tal-UE għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja jsir permezz ta' għotjiet mill-UE (ara l-paragrafu 46). Fl-2014, il-Kummissjoni tat struzzjonijiet formali lid-delegazzjonijiet tal-UE biex iżidu d-daqs minimu tal-għotjiet għal sejħiet nazzjonali għal proposti, sabiex inaqqsu l-għadd ta' kuntratti²⁷. Il-Kummissjoni tistenna li l-ħidma ma' NGOs akbar u aktar professjonali tiżgura ġestjoni aħjar u tfassil aħjar. Madankollu, din id-deċiżjoni ma tirrikonoxxi bis-siġħ li l-għadd ta' NGOs li huma

²⁵ Ir-rapport dwar il-progress li sar fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin (2016) ma fihx informazzjoni kkonsolidata u l-informazzjoni ppreżentata tirreferi għal perjodi ta' żmien differenti, jew inkella mhijiex iddettaljata biżżejjed.

²⁶ F'Settembru 2016, il-Kummissjoni ppubblikat id-dokument "Study on Comprehensive Policy Review of Anti-Trafficking Projects" (Studju dwar Analiżi Komprensiva tal-Politika għal Proġetti Kontra t-Traffikar tal-Bnedmin) li kien ibbażat fuq din id-database. L-awturi inkludew riżerva li tiddikjara li filwaqt li sar kull sforz mill-uffiċċju tal-Koordinatur tal-UE Kontra t-Traffikar biex jipprovidi informazzjoni lill-kuntrattur dwar il-proġetti ffinanzjati kollha, mis-servizzi kollha, għall-perjodu kollu li ġie eżaminat, l-istudju ma jstax jitqies bħala stampa kompletament eżawrjenti tal-proġetti kollha ffinanzjati mill-Kummissjoni Ewropea fil-qasam tat-traffikar tal-bnedmin....Il-Kummissjoni Ewropea ma tiggarrantix il-preċiżjoni tad-*data* li hija inklużi f'dan l-istudju, p. 2.

²⁷ Fl-2008, id-daqs minimu tal-għotjiet għall-proġetti relatati mat-traffikar tal-bnedmin li kienu ffinanzjati mill-EIDHR kien ta' EUR 50 000. Fl-2015, f'konformità mal-istruzzjoni, dan kien ta' EUR 250 000.

attivi fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin ivarja minn pajjiż għall-ieħor u li f'xi pajjiżi jista' jkun diffiċli li jiġu ffurmati gruppi bl-esperjenza neċessarja.

Id-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem wera li huwa għodda utli fl-indirizzar tat-traffikar tal-bnedmin

36. Strumenti ta' assistenza għall-iżvilupp jistgħu jindirizzaw it-traffikar tal-bnedmin mill-perspettiva ta' drittijiet tal-bniedem. Wieħed mill-għodod l-aktar importanti tal-UE għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem huwa d-djalogi regolari ma' pajjiżi sħab. Dawn id-djalogi huma għodod diplomatiċi li jiffaċilitaw id-diskussjoni dwar kwistjonijiet sensittivi li jirrigwardaw id-drittijiet tal-bniedem. L-effettività tad-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem tinsab fil-kapaċità tiegħu li jalimenta oqsma ta' politika oħra, bħall-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-kummerċ, u djalogi ta' politika ta' livell ogħla.

37. Id-djalogu ta' politika jista' jiġi ffaċilitat b'appoġġ konkret permezz ta' strumenti ta' assistenza teknika: l-istrument ta' Assistenza Teknika u Skambju ta' Informazzjoni u l-Faċilità ta' Appoġġ għad-Djalogu ta' Politika.

38. L-UE jkollha djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' aktar minn 40 pajjiż, inklużi l-10 pajjiżi fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja li huma koperti minn dan l-awditu. Dawn id-djalogi jiġu stabbiliti skont il-Linji Gwida tal-UE għad-Djalogi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li jagħtu rwol importanti lid-delegazzjonijiet tal-UE fil-fażijiet ta' tħejjija, ta' implimentazzjoni u ta' komunikazzjoni. Għall-10 pajjiżi li huma koperti mill-awditu, sar djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem f'intervalli regolari, li ta opportunitajiet lill-UE biex tqajjem kwistjonijiet rilevanti relatati mat-traffikar tal-bnedmin. Ir-rappurtar intern dwar id-diskussjonijiet li jsiru matul id-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem jintuża mis-SEAE bħala referenza għall-programmazzjoni tal-EIDHR.

39. Qabel kull djalogu, il-pożizzjoni tal-UE tiġi stabbilita mid-dipartimenti tas-SEAE li huma responsabbli għar-reġjun rispettiv u għad-drittijiet tal-bniedem. Dan spiss ikun jeħtieġ li s-suġġetti jiġu pprijoritizzati. Għall-10 pajjiżi kollha, kien hemm mill-inqas djalogu wieħed li kien jinkludi mill-inqas aspekk wieħed relatat mat-traffikar tal-bnedmin. Aħna sibna li l-parteċipazzjoni tad-dipartimenti rilevanti inkarigati mid-drittijiet tal-bniedem fil-kwartieri ġenerali tas-SEAE ffaċilitat il-konsistenza bejn l-inizjattivi multilaterali kontra t-traffikar tal-

bnedmin u l-objettivi strateġiċi tal-UE relatati mad-drittijiet tal-bnedmin, għall-pajjiżi fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja.

L-UE appoġġat l-inizjattivi reġjonali fl-oġġla livell, iżda għadha daħlitx fi sħubiji ddedikati għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin ma' ebda wieħed mill-pajjiżi fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja

40. Waħda mis-sħab ewlenin tal-UE fir-reġjun hija l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN), li l-Kunsill iqis bħala "kontributor ewlieni għall-istabbiltà fir-reġjun Asja-Paċifiku"²⁸. F'dan il-kontest, l-UE preċedentement appoġġat l-iżvilupp ta' mekkaniżmu tal-ASEAN favur id-drittijiet tal-bnedmin kif ukoll l-istabiliment tal-Kummissjoni Intergovernattiva tal-ASEAN għad-Drittijiet tal-Bnedmin. Fis-27 Summit tal-ASEAN fl-2015²⁹, ġiet approvata Konvenzjoni tal-ASEAN Kontra t-Traffikar ta' Persuni, Speċjalment ta' Nisa u Tfal, li hija legalment vinkolanti. Wara r-ratifika mill-minimu ta' sitt pajjiżi³⁰, il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ f'Marzu 2017.

41. Il-Proċess ta' Bali huwa inizjattiva biex jiġu indirizzati problemi speċifiċi marbutin mal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin u t-traffikar tal-bnedmin u mal-migrazzjoni irregolari fir-reġjun. Dan jitmexxa mill-Indoneżja u mill-Awstralja u għandu aktar minn 48 membru, inklużi l-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati, l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM) u l-UNODC. Il-Kummissjoni u 12-il Stat Membru tal-UE jipparteċipaw bħala osservaturi. Għalkemm il-Proċess ta' Bali ffoka prinċipalment fuq problemi ta' migrazzjoni (huwa għandu roster ta' esperti dwar il-migrazzjoni, iżda ebda roster ta' esperti dwar it-traffikar tal-bnedmin), huwa stabbilixxa Grupp ta' Ħidma dwar it-Traffikar tal-Bnedmin li ltaqa' għall-ewwel darba f'Marzu 2015.

²⁸ Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-relazzjonijiet UE-ASEAN, 22.6.2015.

²⁹ Il-konvenzjoni kienet rispons reġjonali għal tħassib dejjem akbar dwar it-traffikar, b'mod partikolari l-eluf ta' refuġjati Rohingya u migranti Bangladeshi maqbuda fuq dgħajjes iffullati f'nofs ta' baħar, u l-iskoperta ta' oqbra tal-massa fuq il-fruntiera Malasjana-Tajlandiża li huwa maħsub li fihom prinċipalment nies Rohingya vittmi tat-traffikanti tal-bnedmin.

³⁰ Il-Kambodja, il-Myanmar, il-Filippini, Singapore, it-Tajlandja u l-Vjetnam. Ir-ratifika tas-6 ta' Frar 2017 mill-Filippini, li kien is-sitt pajjiż li għamel dan, skatta d-dħul fis-seħħ tal-konvenzjoni.

42. In-nuqqas ta' komunità b'saħħitha ta' esperti dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin affettwat il-promozzjoni tal-kondiviżjoni tal-għarfien. Il-Kummissjoni ħejjiet lista ta' punti fokali ddedikati għat-traffikar tal-bnedmin³¹, iżda din ma kinitx kompleta (l-Indoneżja, il-Myanmar, in-Nepal, il-Pakistan u t-Tajlandja ma kinix inklużi). Dawn il-punti fokali ngħataw biss taħriġ inizjali u pakketti ta' informazzjoni. Id-delegazzjonijiet tal-UE għamlu użu mill-istrutturi eżistenti tal-punti fokali ddedikati għad-drittijiet tal-bniedem. Filwaqt li dan kien jagħmel sens mill-perspettiva tal-effiċjenza, dan fisser li l-għarfien espert dwar it-traffikar tal-bnedmin li ġie żviluppat kien inqas speċjalizzat.

43. Il-pajjiżi kollha fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja huma parti għall-Protokoll ta' Palermo (ara l-paragrafu 2), bl-eċċezzjoni tal-Bangladesh, il-Bhutan, il-Laos u n-Nepal³². L-Istrateġija THB tappella għall-użu ta' sħubiji biex jiġi miġġieled it-traffikar tal-bnedmin lil hinn mill-fruntieri tal-UE. L-UE għandha relazzjonijiet u sħubiji li ilhom stabbiliti għal żmien twil mal-fora tal-ASEAN u tal-Laqqgħa Asja-Ewropa (ASEM), minbarra djalogi bilaterali. L-UE tuża dawn il-fora bħala strutturi għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin. Sa issa għadhom ma nħolqux sħubiji ġodda, bejn l-UE u xi wieħed mill-pajjiżi fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja, li huma ddedikati għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin.

Minkejja d-dgħufijiet identifikati, il-biċċa l-kbira mill-proġetti relatati mat-traffikar tal-bnedmin taw riżultati pożittivi, għalkemm is-sostenibbiltà kienet problematika

Il-qafas għall-għażla tal-proġetti ma ffaċilitax l-użu ta' approċċ komprensiv u t-ffassil tal-proġetti kellu xi dgħufijiet, b'mod partikolari fil-formulazzjoni tal-oġġettivi u l-indikaturi

44. F'din it-taqsim, aħna neżaminaw jekk il-proġetti kinix konsistenti mal-prijoritajiet u l-azzjonijiet strateġiċi tal-politika tal-UE, jekk il-proġetti kellhomx oġġettivi u indikaturi adegwati³³ u jekk id-dgħufijiet fit-ffassil ġewx indirizzati mill-Kummissjoni fil-ħin.

³¹ Imfassla fl-2014 iżda mhux aġġornati regolarment.

³² Is-sitwazzjoni fi Frar 2017.

³³ Għal din l-analiżi, aħna użajna l-istandards SMART/RACER li huma aċċettati b'mod ġenerali. Oġġettivi SMART huma Speċifiċi, Jistgħu Jitkejlu u Jinkisbu, Rilevanti u Marbuta mal-Ħin. Indikaturi RACER huma Rilevanti, Aċċettati, Kredibbli, Faċli u Robusti.

Il-proġetti kienu konsistenti mal-Istrateġija THB ġenerali, iżda ġew ittrattati bħala eżerċizzji ta' darba

45. Aħna sibna li l-35 proġett kollha li huma relatati mat-traffikar tal-bnedmin, u li aħna eżaminajna, kienu konsistenti mal-Istrateġija THB (approvata fl-2012); mal-istrateġiji rilevanti tal-UE, kemm l-istrateġija għall-pajjiż kif ukoll l-istrateġija tal-pajjiż dwar id-drittijiet tal-bniedem; u mad-dokumenti ta' programmazzjoni għal strumenti ta' għajjnuna speċifiċi. Il-proġetti kienu fil-biċċa l-kbira ffukati fuq aspetti tad-drittijiet tal-bniedem u enfasizzaw, b'mod konsistenti, id-drittijiet u l-benessri tan-nisa u t-tfal.

46. Il-proġetti ntgħażlu primarjament permezz ta' sejħiet għal proposti (32 minn 35 proġett). Il-proposti ġew evalwati u tqabblu ma' proposti oħra li ntbagħtu b'rispons għall-istess sejħa għal proposti. Il-mekkaniżmu ta' tqabblu kellu l-għan li tintgħażel l-aħjar proposta għal proġett f'kull sejħa, iżda ma qiesx is-sinerġiji u l-interazzjoni possibbli ma' proġetti jew għodod oħra.

47. Billi l-proġetti ntgħażlu permezz ta' sejħiet, kull għażla kienet eżerċizzju ta' darba fejn il-Kummissjoni kellha opportunità limitata (f'termini ta' żmien u ta' gwida³⁴) biex tiżgura li l-portafoll tagħha ta' proġetti kien jindirizza l-ħames prijoritajiet kollha li huma msemmija fl-Istrateġija THB (ara l-paragrafu 22). Aħna sibna li ebda wieħed mill-proġetti fil-kampjun ma kkonċentra primarjament fuq il-prosekuzzjoni jew il-kondiviżjoni tal-għarfien, filwaqt li l-maġġoranza kkonċentraw fuq il-prevenzjoni u/jew il-protezzjoni (31 proġett b'kollox). Proġett wieħed biss³⁵ indirizza l-komponent kriminali tat-traffikar tal-bnedmin, inklużi attivitajiet biex tingħata aktar setgħa lill-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi biex jiġġieldu r-reati tat-traffikar tal-bnedmin billi jaqbd u jisfaxxaw in-netwerks kriminali.

³⁴ Rigward iż-żmien, ladarba titnieda sejħa, il-Kummissjoni ma jkollhiex għalfejn tteġġeg lill-applikanti biex jippreżentaw proposti li jindirizzaw problemi partikolari, li jkunu mmirati lejn ċerti tipi ta' beneficijarji jew li jkollhom ċerti objettivi fil-mira. Filwaqt li l-Kummissjoni tista' u tabilħaqq tinfluwenza lill-applikanti potenzjali permezz tat-ttejjija tat-termini ta' referenza għal kull sejħa, il-gwida ma tistax tkun speċifika wisq għax inkella toħloq distorsjoni fin-natura kompetittiva tal-mekkaniżmu.

³⁵ Il-proġett UE-ASEAN Regional3, Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri II, f'kollaborazzjoni mal-Interpol.

Ħafna proġetti kellhom objettivi u/jew indikaturi dgħajfin

48. Ħafna proġetti (23) kellhom problemi fir-rigward tad-definizzjoni tal-objettivi u/jew l-indikaturi tagħhom³⁶. L-objettivi spiss ma kinux speċifiċi biżżejjed jew ma setgħux jitkejlu biżżejjed (14-il proġett u 8 proġetti rispettivament). L-indikaturi kienu partikolarment dgħajfin f'termini ta' robustezza, kredibbiltà u faċilità ta' użu, u kultant ġew ikkwantifikati b'mod li ma kienx pertinenti.

Kaxxa 1 - Definizzjonijiet dgħajfin ta' objettivi u indikaturi

Eżempji ta' objettivi dgħajfin

Il-proġett Philippines¹ indirizza l-problemi tal-vjolenza domestika u t-traffikar f'komunitajiet urbani fqar. Huwa ddefinixxa l-objettiv ġenerali tiegħu bħala li jikkontribwixxi għal ambjent ta' governanza li jkun iċċentrat fuq id-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li jissodisfa l-obbligi ta' entitajiet tal-gvern lokali biex iżidu l-kapaċitajiet tan-nisa li jasserixxu d-drittijiet tagħhom. Dan l-objettiv ma jistax jitkejjel b'mod suffiċjenti u mhuwiex speċifiku biżżejjed³⁷.

Eżempji ta' indikaturi dgħajfin

Il-proġett Bangladesh⁵ kellu l-għan li jippromwovi d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-ħaddiema fil-pjantaġġuni tat-té li jkunu jinsabu f'sitwazzjoni ta' rbit. Huwa kien jinkludi indikaturi bħal azzjonijiet differenti li jgħibu lill-ħaddiema fl-industrija tat-té wiċċ'imb wiċċ mal-membri parlamentari, leħen aktar b'saħħtu għall-ħaddiema fl-industrija tat-té, u li l-benefiċjarji finali jagħmlu għażliet infurmati meta jagħżlu lill-kandidati fl-elezzjonijiet nazzjonali. L-indikaturi msemmija hawn fuq mhumiex RACER billi mhumiex kredibbli, faċli jew robusti biżżejjed.

Eżempji ta' indikaturi li ma kinux pertinenti

Il-proġett India¹ kien jinkludi indikatur għat-tnaqqis fl-ispiża medja ta' emigrazzjoni għall-ħaddiem; madankollu, fiż-żmien meta saret il-proposta l-ispiża medja ta' emigrazzjoni setgħet tiġi stmata

³⁶ It-23 proġett kienu mqassmin kif ġej: Kien hemm 11-il proġett li kellhom dgħufijiet fir-rigward tal-objettivi u l-indikaturi; 6 proġetti li kellhom dgħufijiet fir-rigward tal-indikaturi biss; u 6 proġetti li kellhom dgħufijiet fir-rigward tal-objettivi biss.

³⁷ L-objettivi speċifiċi kienu l-identifikazzjoni ta' fatturi li jillimitaw l-applikazzjoni effettiva ta' żewġ liġijiet, u l-bini ta' kapaċitajiet tal-partijiet interessati biex jindirizzaw dawn il-fatturi, li wkoll ma setgħux jitkejlu b'mod suffiċjenti jew ma kinux speċifiċi biżżejjed.

b' mod ġenerali biss minn studju tal-2008 li twettaq minn aġenzija oħra, u minn evidenza aneddottali. L-attività li suppost kellha tipproduċi l-istima (l-istħarriġ ta' familji migranti) ġiet posposta u eventwalment ma twettqitx minħabba li t-tfassil tal-proġett ma kienx jippermetti biżżejjed żmien u riżorsi biex isir l-istudju.

49. Għalkemm għal 21 proġett kien ippjanat li jsiru studji ta' referenza, l-effettività u l-valur miżjud ta' dawn l-istudji kienu mħallta. F'żewġ każijiet, il-valuri ta' referenza ma kinux utli għas-sistema ta' monitoraġġ intern jew għat-titjib tal-logframe ta' intervent minħabba li nkisbu tard wisq, ma kinux iddettaljati biżżejjed jew ma kinux allinjati kompletament mal-indikaturi tal-proġetti³⁸. Madankollu, għal erba' proġetti (Bangladesh1, Bangladesh3, Nepal2 u Nepal3), il-valuri ta' referenza kienu lesti fil-bidu tal-proġett u servew bħala punt tat-tluq utli għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tar-riżultati tal-proġetti.

Xi dgħufijiet fit-tfassil tal-proġetti ma ġewx ikkoreġuti fil-ħin mill-Kummissjoni, b' mod partikolari qabel ma ġie ffirmat il-kuntratt tal-għotja

50. Ir-riskji u t-tagħlimiet meħuda ġew riflessi fit-tfassil tal-biċċa l-kbira mill-proġetti, iżda kien għal seba' proġetti biss li ġew ivvalutati xenarji dwar il-probabbiltà ta' riskju (jiġifieri l-probabbiltà li jseħħu riskji u l-impatt tagħhom jekk iseħħu)³⁹. Għal bosta proġetti, id-dgħufijiet fil-logframe ġew osservati mill-evalwaturi⁴⁰ fl-istadju tal-proposta, iżda ma ttiħdux inkunsiderazzjoni kompletament meta l-proġett ġie implimentat.

(a) Fil-każ tal-proġett Indonesia1, wieħed mill-evalwaturi tal-proposta sħiħa ġibed l-attenzjoni għal indikaturi dgħajfin, iżda dan ma kienx rifless fir-rapport ta' evalwazzjoni u l-indikaturi ma ġewx modifikati.

³⁸ Fil-proġett Cambodia1, il-valur ta' referenza li nkiseb ma kienx iddettaljat biżżejjed. Fil-proġett India2, id-*data* ta' referenza ma kinitx tikkorrispondi kompletament mal-indikaturi tal-proġett u saret disponibbli tard wisq biex tkun utli għall-proġett.

³⁹ Proġetti li kellhom xi valutazzjoni tal-probabbiltà ta' riskju: Bangladesh1, Bangladesh2, Cambodia1, Cambodia4, Nepal1, Thailand1 u Thailand3.

⁴⁰ L-evalwaturi huma l-membri tal-kumitat ta' evalwazzjoni li huwa responsabbli għall-valutazzjoni tal-proposti. Huma jinħatru personalment mill-Kummissjoni. Għall-proġetti fil-kampjun l-evalwaturi kienu membri tal-persunal tal-Kummissjoni.

- (b) L-evalwaturi tal-proġett Philippines² osservaw li l-formulazzjoni tal-obiettivi speċifiċi kienet dgħajfa (sempliċiment pletora ta' attivitajiet, simili ħafna għar-riżultati mistennija); madankollu, dan ma ġiex indirizzat qabel ma ġie ffirmat il-kuntratt tal-għotja.
- (c) L-evalwatur tal-proġett Nepal³ osserva li ma kien hemm ebda sħarriġ ta' referenza jew valutazzjoni komparattiva, u li l-logframe kien imissu jitfassal mill-ġdid b'indikaturi kwantitattivi adegwati. F'dan il-każ, l-istħarriġ ta' referenza sar bħala attività tal-proġett u l-logframe ġie rivedut qabel it-tieni rapport *interim*; madankollu, xi wħud mill-indikaturi baqgħu mhux kwantifikabbli u suġġettivi⁴¹.

51. F'każ wieħed (il-proġett Bangladesh⁵), id-delegazzjoni tal-UE indirizzat il-logframe dgħajjef waqt li l-proġett kien qed jiġi implimentat, u talbet lill-benefiċjarju jikkoreġih. Madankollu, il-bidliet saru biss sitt xhur wara li l-proġett intemm f'April 2016; li jfisser li l-intervent tad-delegazzjoni sar tard wisq (id-durata tal-proġett kienet ta' tliet snin).

52. Ir-riżultati mistennija tal-biċċa l-kbira mill-proġetti kienu relattivament realistiċi fl-istadju tat-tfassil⁴². Madankollu, kien hemm eċċezzjonijiet:

- (a) Fil-proġett Bangladesh¹, matul id-diskussjonijiet mal-Kummissjoni dwar l-estensjoni tal-proġett, deher ċar li t-tfassil tal-proġett kien ambizzjuż wisq, speċjalment fir-rigward tal-użu ta' database. Billi l-proġett twettaq f'żoni remoti, in-nuqqas ta' elettriku u l-problemi bil-konnettività tal-Internet kienu ostakli importanti għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-attivitajiet tal-proġett, fatt li ma ngħatax biżżejjed importanza fl-istadju tat-tfassil tal-proġett.

⁴¹ Perċentwal ta' rġiel miżżewġin/membri tal-familja li għandhom relazzjoni armonjuża ma' nisa migranti fid-destinazzjoni (fl-Emirati Għarab Magħquda, fil-Kuwajt u fl-Arabja Sawdija), għadd akbar ta' sħab tal-NGOs (ebda speċifikazzjoni dwar iż-żieda), NGOs sħab li jieħdu għadd akbar ta' azzjonijiet immirati tul il-*continuum* tal-mobbiltà... (ebda speċifikazzjoni dwar iż-żieda) jew perċentwal akbar ta' persuni ddeportati minn distretti tal-proġett li ġew irriabilitati (ebda speċifikazzjoni dwar il-perċentwal).

⁴² Kumplessivament, aħna sibna li disa' proġetti kienu jinkludu riżultati li jidhru ottimisti wisq fl-istadju tat-tfassil: Bangladesh¹, Bangladesh⁶, Bangladesh⁸, Cambodia³, India¹, India², Regional¹, Thailand⁴, u Thailand⁶.

(b) Bosta attivitajiet li kienu inklużi fil-proġett India1 u li mbagħad ġew ikkanċellati kienu ambizzjużi żżejjed fl-istadju tat-tfassil: il-proġett kellu l-intenzjoni li jeżamina xi emendi legali li kienu mistennija u li kienu diġà ġew posposti ripetutamente (mill-2004), iżda dawn ma ġewx adottati matul l-implimentazzjoni tal-proġett (2011-2014).

L-implimentazzjoni tal-proġetti kienet imxekkla minn limitazzjonijiet lokali u minn dewmien

53. F'din it-taqsimha aħna neżaminaw, fost affarijiet oħra, jekk il-Kummissjoni mmonitorjatx il-proġetti b'mod adegwat u jekk irreaġietx għal bidliet mhux mistennija b'mod f'waqtu, kif ukoll jekk il-proġetti ġewx implimentati skont il-pjan (iż-żmien, il-baġit u l-attivitajiet).

Il-Kummissjoni mmonitorjat il-proġetti b'mod adegwat, iżda l-implimentazzjoni kienet affettwata minn sjieda limitata fil-livell nazzjonali, minn bidliet fis-sekwenza ta' attivitajiet mis-sħab, u minn dewmien

54. Aħna sibna li l-proġetti ġew immonitorjati b'mod adegwat mill-Kummissjoni, li wettqet żjarat fuq il-post għal 26 proġett u "monitoraġġ orjentat lejn ir-riżultati"⁴³ għal 4 proġetti. B'mod ġenerali, il-Kummissjoni ħadet azzjoni korrettiva f'waqtha biex tappoġġa l-implimentazzjoni mingħajr xkiel tal-proġetti⁴⁴. Madankollu, aħna sibna li l-valutazzjoni kontinwa tas-sostenibbiltà għal 14-il proġett kienet dgħajfa (ara l-paragrafu 66), minkejja li, għall-inqas f'xi każijiet, dan kien diġà jidher ċar fl-istadju tat-tfassil.

⁴³ Il-monitoraġġ orjentat lejn ir-riżultati jipprovdi stampa konċiża tal-implimentazzjoni ta' intervent f'mument partikolari. Dan iservi mhux biss bħala għodda ta' appoġġ għall-ġestjoni tal-proġetti, billi jinforma lill-partijiet interessati dwar il-prestazzjoni ta' intervent speċifiku, iżda jikkontribwixxi wkoll tagħlimiet li jistgħu jintużaw għal programmazzjoni, tfassil u implimentazzjoni ulterjuri ta' interventi.

⁴⁴ Minbarra f'erba' każijiet fejn damet wisq biex tipproċessa talba għal *addendum*, każ fejn in-natura tas-sieħeb għamlitha neċessarja li tistenna l-pubblikazzjoni ta' "monitoraġġ tar-riżultati" biex tindirizza problemi magħrufa, każ fejn ittrattat il-bidla tas-sieħeb xahar wara li l-kuntratt ġie ffirmat bħala formalità, u każ fejn għal bosta xhur ma rreaġietx għall-assenza ta' maniġer tal-proġett.

55. Sa Lulju 2016, kienu ġew ikkompletati 27 mill-35 proġett. Madankollu, il-perjodu ta' implimentazzjoni għal 10 proġetti⁴⁵ ġie estiż b'bejn 3 xhur u 12-il xahar. Nofs l-estensjonijiet kienu relatati ma' fatturi esterni b'hal approvazzjonijiet tardivi mill-awtoritajiet, inkwiet politiku u problemi ta' sigurtà; in-nofs l-ieħor kienu dovut għal limitazzjonijiet interni tal-proġetti relatati mal-kapaċità tas-sħab.

56. Tmien proġetti kienu suġġetti għal bidla fl-ordni loġika tal-attivitajiet tagħhom. Dawn il-bidliet affettwaw l-eżekuzzjoni ta' attivitajiet relatati, li jfisser li ma kienx possibbli li jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ għal sinerġiji. Aħna sibna li l-istudji ta' referenza u l-valutazzjonijiet ma kinux disponibbli meta kienu meħtieġa, l-attivitajiet ta' taħriġ saru tard wisq u l-prijoritizzazzjoni tal-attivitajiet relatati ma kinitx ideali.

Kaxxa 2 - Eżempji tal-impatt ta' bidliet fis-sekwenza tal-attivitajiet

Bidla fl-ordni

Il-proġett Cambodia2: Inizjalment, is-sekwenza tal-attivitajiet kienet 1.1 Analiżi tal-istampa, osservazzjoni, analiżi tal-kopertura mill-istampa ta' traffikar u monitoraġġ tat-tfal, 1.2 Sensibilizzazzjoni u taħriġ ta' ġurnalisti dwar it-traffikar u d-drittijiet tat-tfal u 1.3 Promozzjoni ta' netwerking nazzjonali fost ġurnalisti speċjalizzati. Il-fatt li l-proġett biddel din l-ordni affettwa l-eżekuzzjoni ta' attivitajiet relatati, billi l-analiżi tal-istampa suppost kellha tiżvela l-ħtiġijiet ta' taħriġ tal-ġurnalisti, u t-taħriġ kien imissu ngħata segwitu b'netwerking. Minflok, il-proġett beda b'attivitajiet ta' netwerking qabel ma saru l-analiżi tal-istampa u t-taħriġ.

Dewmien sinifikanti f'attività waħda partikolari

Il-proġett India2: Limmappjar tal-vulnerabbiltà (eż. il-postijiet fejn nies vulnerabbli kienu l-aktar f'riskju ta' traffikar) kien disponibbli f'Marzu 2011, iżda sa Frar 2013 dan kien għadu ma ġie approvat mill-ministeru rilevanti. Dan irriżulta fis-sospensjoni tal-attivitajiet kollha, inklużi l-istudji ta' referenza li suppost kellhom jalimentaw l-implimentazzjoni tal-proġett. Finalment, il-valur ta' referenza ġie rivedut tard wisq biex ikun utli.

⁴⁵ Il-proġetti Nepal3, Bangladesh1, Bangladesh2, Thailand2, Vietnam1, India2, India3, Philippines2, Pakistan1 u Regional2.

57. F'10 mill-każijiet⁴⁶ li eżaminajna, xi attivitajiet importanti ma kinux twettqu kif kien ippjanat. Dan kien dovut għal nuqqas ta' impenn, jew mill-gvern (ħames każijiet), jew mis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni (erba' każijiet), jew mit-tnejn li huma (każ wieħed), ara l-**Kaxxa 3**.

Kaxxa 3 - Eżempji ta' nuqqas ta' sjieda/impenn

Mill-gvern

Il-proġett Bangladesh1: Is-softwer għar-reġistrazzjoni tat-tfal ma ġiex attivat mill-gvern qabel tmiem il-proġett. Għal din ir-raġuni, l-uffiċjali ma setgħux jitħarrġu waqt li l-proġett kien operazzjonali.

Il-proġett Indonesia1: Il-proġett kellu l-għan li jappoġġa l-implimentazzjoni ta' pjan nazzjonali kontra t-traffikar. Ma sarux laqgħat ma' uffiċjali tal-gvern ta' livell għoli, kif kien previst, minħabba nuqqas ta' impenn politiku, u dawn kellhom jiġu ssostitwiti b'laqgħat ma' uffiċjali bbażati fil-komunità.

Mis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni

Il-proġett Myanmar1: Il-materjali ta' taħriġ mistennija dwar il-migrazzjoni jew dwar il-protezzjoni tat-tfal ma ġewx żviluppati taħt il-proġett, u ma kienx hemm distribuzzjoni sistematika ta' materjali, sistematikament, matul is-sessjonijiet ta' taħriġ għall-Gruppi ta' Protezzjoni tat-Tfal. Barra minn hekk, attivitajiet rikreattivi għat-tfal ma ġewx organizzati fuq bażi regolari, billi kull Grupp ta' Protezzjoni tat-Tfal li kien ibbażat fil-komunità ħadem indipendentement fuq il-promozzjoni u l-ħolqien ta' sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet tat-tfal. Xi gruppi ma kinux attivi biżżejjed (eż. 3 każijiet f'sena, meta mqabbel ma' 20 każ f'villaġġ ieħor). Is-sieħeb kien imissu indirizza ż-żewġ kwistjonijiet (id-disponibbiltà tal-materjali u l-livell ta' involviment) fil-ħin.

Miż-żewġ naħat

Il-proġett India1: Żewġ attivitajiet kritiċi ġew ikkanċellati. L-ewwel nett l-analiżi, mill-perspettiva ta' drittijiet tal-bniedem, li kellha ssir fir-rigward tal-politika Indjana dwar il-migrazzjoni u tal-emendi għal-liġi eżistenti dwar it-traffikar tal-bnedmin, fil-bidu ddewmet, u mbagħad ġiet ikkanċellata, billi l-gvern ma approva politika migratorja ġdida u l-liġi dwar it-traffikar tal-bnedmin ma ġietx emendata. Ir-riskju ta' dewmien bħal dan kien prevedibbli, ibbażat fuq l-għadd ta' tentattivi preċedenti biex

⁴⁶ L-10 proġetti huma Philippines2, Bangladesh1, Bangladesh2, Indonesia1, India2, Cambodia3, Nepal2, Myanmar1, India1 u Bangladesh4. Seba' proġetti għadhom qed jiġu implimentati. L-analiżi hija limitata għal dak li ġie kkompletat.

jinbidel il-qafas legali, li ma r-nexxewx. It-tieni nett, l-attività li kienet tinvolvi li r-responsabbiltà soċjali korporattiva ta' linji tal-ajru u banek tiġi ggwidata lejn id-disseminazzjoni ta' informazzjoni u l-forniment ta' lil ħaddiema migranti ma ġietx implimentata minħabba nuqqas ta' fondi u ta' kapaċitajiet loġistiċi. Dan ukoll seta' jiġi previst fil-fażi ta' tfassil tal-proġett.

L-implimentazzjoni tal-baġit kienet imxekkla mill-kapaċità limitata tas-sħab lokali

58. Aħna sibna seba' każijiet fejn l-infiq kien sinifikattivament insuffiċjenti u f'ames każijiet oħra fejn il-proġetti kellhom jiġu estiżi biex il-baġit għalihom ikun jista' jintuża⁴⁷. Il-kuntratti tal-għotja jissettjaw il-kontribuzzjoni massima mill-UE u l-infiq insuffiċjenti mhuwiex neċessarjament negattiv, speċjalment jekk ir-riżultati kollha mistennija jinkisbu. Madankollu, meta l-baġit ta' proposta magħżula jkun ġie stmat b'mod sinifikattivament eċċessiv, u dan ma jiġix ikkoreġut qabel jifassal kuntratt, il-Kummissjoni ma tkunx tista' tiegħu vantaġġ sħiħ mis-sejħa għal proposti (u mill-fondi disponibbli) biex tappoġġa proġetti oħra. F'xi każijiet, aħna sibna li l-proposta inizjali tas-sħab ma kinitx realistika (ambizzjuża wisq/stmata b'mod eċċessiv) meta mqabbla mal-kapaċità tagħhom. Pereżempju:

- (a) Għal wieħed mill-proġetti (Regional1) intuża biss 65 % mill-baġit oriġinali. Is-sieħeb ewlieni inkarigat mill-implimentazzjoni qabel li ħafna mil-linji baġitarji inizjalment ġew stmati b'mod eċċessiv (b'mod partikolari għall-infiq relatat ma' tagħmir u mal-kampanja ta' sensibilizzazzjoni)⁴⁸.
- (b) Kważi nofs il-valur tal-kuntratt tal-proġett India3 ma kienx intuża sad-data ta' tmiem oriġinali tal-proġett, parzjalment minħabba li attivitajiet ta' għajjnuna għall-vittmi fuq terminu twil kienu koperti minn finanzjament mill-Istat li huwa potenzjalment aktar attraenti (aktar fit-tul, aktar iffukat).

⁴⁷ Proġetti fejn l-infiq kien insuffiċjenti: Thailand2, Bangladesh1, India2, India3, Philippines2, Regional1 u Regional2. Proġetti li bbenefikaw minn estensjonijiet ta' żmien: India1, Nepal3, Pakistan1, Bangladesh2 u Vietnam3.

⁴⁸ Il-finanzjament li ngħata mill-UE kien ta' EUR 1.7 miljun, ħafna aktar mid-daqs minimu tal-għotja li kienet issettjata f'ammont ta' EUR 500 000. Ir-riżultati ppjanati fil-biċċa l-kbira nkisbu.

- (c) Il-proġett Regional2 ħtieġ żewġ estensjonijiet ta' żmien (minn 36 xahar sa 48 xahar) biex juża 90 % tal-kontribuzzjoni pplanata mill-UE⁴⁹.

Il-proġetti taw xi riżultati pożittivi fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, għalkemm is-sostenibbiltà kienet problematika

59. F'din it-taqsim, aħna neżaminaw: jekk l-outputs ipplanati twasslux/jitwasslux f'waqthom u fi ħdan il-baġit; jekk il-proġetti kkontribwewx b'mod pożittiv għall-qerda tat-traffikar tal-bnedmin; u jekk ir-riżultati tal-proġetti humiex sostenibbli.

Il-proġetti taw xi riżultati pożittivi fil-qasam tat-traffikar tal-bnedmin, iżda huwa diffiċli li tinstab konnessjoni bejnhom u t-titjib ġenerali fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin li seħħ fir-reġjun

60. Mill-2009 'l hawn, kien hemm titjib ġenerali fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin fir-reġjuni li huma koperti mill-awditu, għalkemm hemm differenzi sinifikanti bejn il-pajjiżi, bi tnejn minnhom biss li jissodisfaw l-aħjar standards kompletament. Skont id-*data* mir-rapport "Trafficking in Persons" (Traffikar tal-Bnedmin) tal-Istati Uniti (ara t-**Tabella 1**), il-pajjiżi li tejbu s-sitwazzjoni huma l-Bangladesh, il-Kambodja, l-Indja, il-Filippini u l-Pakistan; erba' pajjiżi baqgħu ma bidlux is-sitwazzjoni (l-Indoneżja, in-Nepal, il-Myanmar u l-Vjetnam); u kien f'pajjiż wieħed biss (it-Tajlandja) li s-sitwazzjoni ddeterjorat fil-perjodu kopert mill-awditu.

⁴⁹ Il-finanzjament li ngħata mill-UE kien ta' EUR 470 902 miljun, ħafna aktar mid-daqs minimu tal-għotja li kienet issettjata f'ammont ta' EUR 300 000. Ir-riżultati pplanati fil-biċċa l-kbira nkisbu.

Tabella 1 - L-isforzi tal-pajjiżi fil-kampjun biex jiġieldu t-traffikar tal-bnedmin, ibbażat fuq ir-rapport "Trafficking in Persons" (Traffikar tal-Bnedmin) (TIP) maħruġ mill-Istati Uniti

	2009	2010	2011	2012	2013	2014	2015	2016
Il-Kambodja	2WL	2	2	2	2WL	2WL	2WL	2
L-Indoneżja	2	2	2	2	2	2	2	2
In-Nepal	2	2	2	2	2	2	2	2
Il-Myanmar	3	3	3	2WL	2WL	2WL	2WL	3
It-Tajlandja	2	2WL	2WL	2WL	2WL	3	3	2WL
Il-Vjetnam	2	2WL	2WL	2	2	2	2	2
L-Indja	2WL	2WL	2	2	2	2	2	2
Il-Filippini	2WL	2WL	2	2	2	2	2	1
Il-Pakistan	2WL	2	2	2	2	1	1	1
Il-Bangladesh	2WL	2WL	2WL	2	2	2	2	2

Nota: Ir-rapport "Trafficking in Persons" (Traffikar tal-Bnedmin) maħruġ mill-Istati Uniti (ir-rapport US TIP) iquieghed lill-pajjiżi f'erba' kategoriji: Livell 1 (jissodisfaw l-istandards kompletament), Livell 2 (ma jissodisfawx l-istandards kompletament iżda qed isiru sforzi sinifikanti), Livell 2 Lista' ta' Sorveljanza (2WL, l-istess bħal-Livell 2 iżda l-impatt huwa aggravat minħabba l-għadd ta' vittmi, in-nuqqas ta' forniment ta' evidenza li l-isforzi qed jiżiedu, jew in-nuqqas ta' rispett tal-impenji) u Livell 3 (ma jissodisfawx l-istandards).

Sors: Ir-rapport "Trafficking in Persons" (Traffikar tal-Bnedmin) maħruġ mid-Dipartiment tal-Istat, l-Istati Uniti, 2016.

61. Aħna sibna li għall-proġetti kollha eżaminati, stajna nidentifikaw xi riżultati pożittivi fil-qasam tat-traffikar tal-bnedmin li jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra dan it-traffikar. Aħna sibna wkoll li l-appoġġ mogħti mill-UE, b'mod partikolari l-finanzjament immirat taħt l-EIDHR, għen biex jissaħħu l-NGOs li huma bbażati fil-komunitajiet, u huma ddedikati għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin. Minkejja dan, dawn ir-riżultati ma jstgħux jintrabtu mal-progress globali fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin fir-regġuni kkonċernati. Barra minn hekk, huwa diffiċli li jiġi identifikat l-impatt ta' inizjattivi xprunati mid-drittijiet tal-bniedem, billi dawn jappoġġaw bidliet fuq terminu twil li, min-natura tagħhom, spiss ma jkunux jistgħu jitkejlu faċilment.

62. Il-proġett Indonesia¹ huwa eżempju tajjeb ta' kif l-appoġġ mogħti mill-UE jista' jikkontribwixxi għal bidla fuq terminu twil fl-attitudnijiet u fl-impenn lokali. Dan il-proġett serva biex jikkonsolida koalizzjoni emerġenti ta' NGOs lokali li huma attivi fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, billi bena l-kapaċità tal-koalizzjoni kif ukoll tejjeb il-viżibbiltà u l-

influenza internazzjonali tagħha. B'riżultat ta' dan, il-koalizzjoni setgħet tipprovdi input rilevanti fir-rigward tal-isfidi relatati mat-traffikar tal-bnedmin fil-kuntest tal-eżaminar perjodiku, immexxi min-NU, tar-rekord tad-drittijiet tal-bniedem fl-Indoneżja⁵⁰.

63. Bl-istess mod, il-proġetti Cambodia2 u Cambodia3 ġew implimentati minn koalizzjoni ta' NGOs nazzjonali. Huma kkontribwew għal żieda fil-viżibbiltà, il-kapaċità u l-influenza tal-koalizzjoni, bir-riżultat li l-koalizzjoni u l-membri tagħha tejbju l-ħiliet tagħhom fil-ġestjoni ta' proġetti u rnexxielhom ikomplu jirċievu l-appoġġ tad-donaturi għal xi wħud mill-attivitajiet tagħhom.

64. Kif ġie deskritt hawn fuq (ara l-paragrafu 47), l-għażla tal-proġetti permezz ta' sejħiet għal proposti illimitat il-possibiltajiet tal-Kummissjoni li tintegra l-proġetti f'approċċ komprensiv. Minkejja dan, aħna identifikajna proġett wieħed li rnexxielu jorbot l-assistenza għall-iżvilupp ma' għodod ta' politika oħra tal-UE (ara l-**Kaxxa 4**). Donaturi oħra qegħdin ukoll jindirizzaw it-traffikar tal-bnedmin billi jadottaw approċċ komprensiv li jinkorpora tipi differenti ta' appoġġ⁵¹.

Kaxxa 4 - Il-proġett Thailand3 – Kooperazzjoni b'suċċess fost id-dipartimenti u użu effettiv ta' strumenti disponibbli biex jintlaħqu objettivi relatati mat-traffikar tal-bnedmin – l-eżempju ta' proġett Tajlandiż fil-qasam tas-sajd

Ir-Regolament IUU (sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat) tal-UE⁵² għandu l-għan li jiżgura li ebda prodott tas-sajd li jkun inqabad b'mod illegali ma jispiċċa fuq is-suq tal-UE. Fl-2011, il-Kummissjoni bdiet djalogu informali mat-Tajlandja rigward il-konformità tagħha mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament.

⁵⁰ L-Eżaminar Perjodiku Universali huwa proċess uniku li jinvolvi eżaminar perjodiku tar-rekords relatati mad-drittijiet tal-bniedem, tal-193 Stat Membru kollha tan-NU.

⁵¹ Il-Programm Awstralja-Asja għall-Ġlieda Kontra t-Traffikar tal-Bnedmin (AATIP: 2013-2018) b'finanzjament ta' AUD 50 miljun, jipprovdi appoġġ għall-ASEAN u għal korpi reġjonali u nazzjonali, u jindirizza n-nuqqas ta' *data* li tipprovdi evidenza konkreta. US Aid reċentement nediet proġett reġjonali relatat mat-traffikar tal-bnedmin li huwa maħsub biex jiżgura li l-interazzjoni bejn l-interventi timmassimizza l-impatt mistenni.

⁵² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999.

Fl-2015, sensiela ta' artikli żvelaw ir-rabtiet bejn xi kumpaniji Tajlandiżi tas-sajd u t-traffikar tal-bnedmin. Il-midja kienet kixfet ir-rwol estensiv tal-awtoritajiet, is-sajjieda u t-traffikanti fit-tjassir ta' eluf ta' persuni.

Il-Kummissjoni qieset li d-djalogu informali mal-awtoritajiet Tajlandiżi ma kienx qed jiżgura progress sodisfaċenti. Għaldaqstant, fil-21 ta' April 2015, il-Kummissjoni ħarġet notifika ta' intimazzjoni (l-hekk imsejħa "karta safra") kontra t-Tajlandja talli din ma kinitx ħadet miżuri suffiċjenti fil-ġlieda internazzjonali kontra s-sajd illegali. Kienu ġew identifikati nuqqasijiet fil-qafas legali tat-Tajlandja għas-sajd sostenibbli, kif ukoll fil-monitoraġġ, il-kontroll u t-traċċabbiltà tal-qbid. Minbarra dawn il-problemi, il-midja kienet akkużat lill-flotta Tajlandiża b'abbuż gravi tad-drittijiet tal-ħaddiema u d-drittijiet tal-bniedem (ara l-paragrafu 6).

Għalkemm il-ħruġ ta' notifika ta' intimazzjoni ma kienx previst bħala għodda biex jiġi miġġieled it-traffikar tal-bnedmin, dan ikkontribwixxa għall-appoġġ ta' din il-ġlieda fit-Tajlandja. Id-deċiżjoni ġiet segwita minn proċedura formali ta' djalogu mal-awtoritajiet Tajlandiżi, biex jinstab qbil dwar il-miżuri korrettivi neċessarji. In-nuqqas ta' implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri jista' jwassal biex l-UE tipprojbixxi l-importazzjonijiet ta' prodotti tas-sajd li jkunu ġejjin mit-Tajlandja, u dan kien ta' inċentiv akbar biex l-awtoritajiet Tajlandiżi jaġixxu mingħajr dewmien.

Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni pprovdiet l-impetu għal riformi li kienu ilhom li jmisshom saru, eż. riformi tal-kundizzjonijiet tax-xogħol. Id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u d-DĠ DEVCO ġibdu l-attenzjoni ta' dipartimenti oħra tal-Kummissjoni (responsabbli għall-kummerċ u għall-istandards tax-xogħol) għall-opportunità li jfasslu intervent li jagħti appoġġ lill-awtoritajiet Tajlandiżi fl-għan tagħhom li jnaqqsu x-xogħol furzat, it-tħaddim tat-tfal u forom oħra inaċċettabbli ta' xogħol, u li progressivament jeliminaw l-isfruttament tal-ħaddiema fis-setturi Tajlandiżi tas-sajd u tal-ipproċessar ta' prodotti tal-baħar. Il-proġett li rriżulta jagħmel parti minn sforz aktar wiesa' li jinkludi djalogu bejn l-UE u t-Tajlandja dwar kwistjonijiet relatati mas-sajd u max-xogħol.

Il-proġett huwa implimentat mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), li ffirmat kuntratt f'Diċembru 2015. L-attivitajiet bdew fi Frar 2016 u d-durata prevista hija ta' 42 xahar. Huwa mistenni li dan se jgħin lill-awtoritajiet Tajlandiżi permezz tal-iżvilupp ta' pjanijiet direzzjonali għar-ratifika ta' konvenzjonijiet ewlenin tal-ILO, li huwa effett kollaterali pożittiv li jmur lil hinn mis-settur tas-sajd. Il-miżuri li ttieħdu għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema fis-settur tas-sajd issa qed jiġu disseminati f'setturi oħra tal-ekonomija, sabiex id-drittijiet tax-xogħol jiġu standardizzati fil-pajjiż kollu. B'mod simili, donaturi oħra qed jiġbru informazzjoni dwar il-proġett biex tiġi vvalutata l-

possibbiltà li dan jiġi replikat f'pajjiżi oħra fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja (eż. fil-Bangladesh, li wkoll għandu settur tas-sajd importanti).

Is-sostenibbiltà tar-riżultati tal-proġetti ma ġietx żgurata sistematikament

65. Aħna stajna nivvalutaw il-prospetti ta' sostenibbiltà ta' 25 proġett⁵³. Għall-10 proġetti li jifdal, jew il-proġett kien għadu għaddej, jew inkella r-rapport finali kien għadu ma ġiex approvat jew ma kienx iddettaljat biżżejjed. Aħna sibna li s-sostenibbiltà tista' tiġi ddimostrata għal 11-il proġett. Għall-14-il proġett li jifdal, huwa probabbli li s-sostenibbiltà tiġi affettwata mill-insuffiċjenza ta' kontribuzzjonijiet ulterjuri mid-donaturi (8 proġetti) u minn impenn insuffiċjenti mis-sħab jew mill-gvern (6 proġetti).

Kaxxa 5 - Eżempji ta' problemi ta' sostenibbiltà

Insuffiċjenza ta' kontribuzzjonijiet ulterjuri mid-donaturi

Għall-proġett Nepal¹, is-sieħeb ewlieni ma għadux jaħdem fi tliet distretti u biddel il-prijoritajiet territorjali u tematiċi tiegħu. Għalkemm wieħed mis-sħab għadu jwettaq attivitajiet ta' mikrokreditu b'apport minn donatur ieħor, l-attivitajiet b'rabta aktar diretta mat-traffikar tal-bnedmin ma tkomplewx.

Għall-proġett India¹, is-sostenibbiltà finanzjarja diretta għal parti mill-attivitajiet kienet żgurata minn donatur ieħor, iżda ma setgħux jtkomplew l-attivitajiet kollha.

Insuffiċjenza fl-impenn tas-sħab u fis-sjieda tal-gvern

Għall-proġett India², li jappoġġa l-Panchayats fiż-żamma ta' kumitati ta' viġilanza u ċentri ta' azzjoni, is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni ma għamlux arranġamenti ta' sostenibbiltà mal-pulizija u mhumiex se jkunu jistgħu jappoġġaw l-azzjonijiet tagħhom finanzjarjament wara li l-programm ikun ġie kkompletat.

Għall-proġett Bangladesh³, il-proġett isir sostenibbli biss jekk il-gvern nazzjonali jibdel il-pożizzjoni tiegħu fir-rigward tar-refuġjati Rohingya (jiġifieri, ebda rikonoxximent, ebda aċċess għax-xogħol u ebda aċċess għall-edukazzjoni sekondarja). Madankollu, ma ttieħdet ebda azzjoni ulterjuri mid-

⁵³ Ara l-Anness II.

delegazzjoni tal-UE. Dan in-nuqqas ta' segwitu wassal biex xi attivitajiet tal-proġett relatati mat-traffikar tal-bnedmin jiġu kkanċellati/imdewma.

66. Għall-14-il proġett fejn is-sostenibbiltà ma kinitx ċerta, aħna sibna li l-fatturi sottostanti li jaffettwaw is-sostenibbiltà setgħu ġew indirizzati aħjar fl-istadju tat-tfassil. B'mod partikolari, il-proġetti ma kinux jinkludu strateġija ta' ħruġ għat-trażmissjoni tal-prattiki tal-proġetti u tar-riżultati miksuba, kif inhu rakkomandat mil-Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar il-Ġestjoni taċ-Ċiklu ta' Proġett⁵⁴, u fatturi eżoġeni/theddid ma ġewx immitigati biżżejjed u allura komplew jippersistu matul il-fażi ta' implimentazzjoni. Il-valutazzjoni kontinwata tas-sostenibbiltà li saret mill-Kummissjoni kienet imxekkla wkoll minn dokumentazzjoni insuffiċjenti dwar l-impatt tal-bidliet matul l-implimentazzjoni.

67. Aħna fil-fatt sibna eżempju ta' proġett sostenibbli, li juri l-benefiċċji li jirriżultaw meta l-problemi ta' sostenibbiltà jiġu indirizzati kmieni fil-fażi ta' tfassil (ara l-**Kaxxa 6**).

Kaxxa 6 - Shubha Yatra: Promozzjoni u Protezzjoni tad-Drittijiet ta' Nisa Migranti Nepaliżi (Nepal3)

Prattika tajba

Il-proġett għandu l-għan li jippromwovi u jiproteġi d-drittijiet ta' nisa migranti Nepaliżi permezz tal-organizzazzjoni ta' inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni u l-promozzjoni tal-kondiviżjoni tal-għarfien. L-istrateġija ta' ħruġ kienet ġiet diskussa fil-fond mal-partijiet interessati ewlenin fl-istadju ta' tfassil, u kienet ġiet ivalutata kontinwament matul l-implimentazzjoni. B'mod partikolari, il-proġett kien jinkludi attivitajiet li setgħu jattiraw appoġġ ulterjuri mid-donaturi, sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tar-riżultati miksuba wara li l-proġett ikun ikkompletat.

Ir-riżultati li nkisbu mill-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni kienu sostenibbli. B'appoġġ mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), wieħed mis-sħab kien qed jopera programm ta' migrazzjoni sikura fid-distrett ta' Ruphendi. B'mod simili, b'appoġġ finanzjarju mill-awtoritajiet lokali, iċ-Ċentru ta' Servizzi għal Nisa Migranti (il-Federazzjoni ta' Ħaddiema Migranti nisa li ġiet stabbilita matul l-operat tal-Shubha Yatra) jorganizza regolarment laqgħat distrettwali ta' koordinazzjoni ffukati fuq id-difiża tad-drittijiet ta' nisa migranti.

⁵⁴ Skont id-dokument tal-Kummissjoni Ewropea, Metodi ta' Twassil ta' Għajnuna: Volum 1, Linji Gwida dwar il-Ġestjoni taċ-Ċiklu ta' Proġett, 2004, p. 45, huwa meħtieġ li jkun hemm pjan għall-eliminazzjoni gradwali ta' kull assistenza esterna u għat-trasferiment ta' kull responsabbiltà ta' ġestjoni .

Barra minn hekk, ċentri ta' informazzjoni f'Uffiċċji Amministrattivi Distrettwali (Hetauda u Bhairahawa) għadhom qed joperaw u jikkollaboraw ma' aktar minn 22 NGO lokali li jaħdmu favur id-drittijiet tan-nisa. B'mod simili, uffiċċji ta' informazzjoni fl-ajruport internazzjonali u fil-fruntieri komplew l-operat tagħhom bl-appoġġ ta' diversi donaturi u fondazzjonijiet privati. Iż-żewġ sħab qed imexxu dawn l-inizjattivi b'mod attiv.

Rigward il-promozzjoni tal-kondiviżjoni tal-għarfien, is-sieħeb ewlieni, NGO internazzjonali, ikkondivida informazzjoni dwar il-mudell għall-promozzjoni ta' migrazzjoni sikura li ġie propost mill-proġett, u attwalment qed jimplimenta proġetti f'Rupendhi u f'Makwanpur. Dawn il-proġetti jkomplu jibnu fuq ix-xogħol li sar taħt proġett iffinanzjat mill-UE biex tfal bniet jingħataw is-setgħa permezz tal-edukazzjoni u biex jitnaqqas iż-żwieġ prekoċi.

KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

68. L-awditu eżamina l-effettività tal-appoġġ mogħti mill-UE għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja. Il-qerda tat-traffikar tal-bnedmin huwa proċess li neċessarjament jieħu fit-tul. Dan jirrikjedi l-indirizzar ta' għadd ta' kawżi ewlenin (eż. inugwaljanza bejn is-sessi, nuqqas ta' drittijiet tal-minoranzi, edukazzjoni u saħħa) u li l-attivajiet ta' netwerks kriminali jiġu sfaxxati. It-traffikar tal-bnedmin huwa, min-natura tiegħu, reat klandestin li rarament ikun hemm *data* statistika suffiċjenti u kumparabbli dwaru. Minħabba dan il-kuntest kumpless, il-ħafna prijoritajiet mifruxa u r-riżorsi limitati, aħna sibna li l-UE kienet parzjalment effettiva fl-appoġġ li tat għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja.

69. Fil-biċċa l-kbira, il-qafas ta' politika tal-UE f'dak li jirrigwarda t-traffikar tal-bnedmin jipprevedi approċċ komprensiv għall-indirizzar tat-traffikar tal-bnedmin, għalkemm xi aspetti għadhom mhumiex żviluppatti għalkollox. L-Istrateġija THB (2012-2016) kienet dokument ta' livell għoli li kien jipprovdi gwida limitata dwar id-dimensjoni esterna tal-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin. Sa April 2017, il-Kummissjoni kienet għadha ma ppubblikatx evalwazzjoni komprensiva tar-riżultati li nkisbu taħt l-Istrateġija THB; u lanqas ma ppreżentat qafas ta' politika kontra t-traffikar għal wara l-2016.

70. L-Istrateġija THB hija kkomplementata minn dokumenti ta' politika oħra li flimkien jindirizzaw l-aspetti prinċipali tat-traffikar tal-bnedmin. Il-Kummissjoni u s-SEAE jużaw varjetà

ta' għodod fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, kemm direttament kif ukoll indirettament: id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem huma partikolarment utli; għodod oħra jinkludu djalogi bilaterali u appoġġ għal fora reġjonali (jiġifieri ASEAN u ASEM fl-Asja). Sa issa għadhom ma nħolqux sħubiji ġodda, bejn l-UE u xi wieħed mill-pajjiżi fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja, li huma ddedikati għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin (ara l-paragrafi 22 sa 43).

Rakkomandazzjoni 1 – Żvilupp ulterjuri tal-qafas strateġiku kontra t-traffikar tal-bnedmin, billi tiżdied ir-rilevanza tiegħu għall-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja

Jenħtieġ li l-Kummissjoni, f'koordinazzjoni mas-SEAE u filwaqt li tqis l-implikazzjonijiet tal-analiżi ta' nofs it-terminu dwar l-istrumenti ta' finanzjament estern, tiżviluppa aktar il-qafas strateġiku kontra t-traffikar tal-bnedmin, b'mod partikolari billi:

- tipproponi lill-Kunsill lista aġġornata ta' prijoritajiet, li tkun ibbażata fuq ir-riżultati li nkisbu sa issa, il-firxa tat-traffikar tal-bnedmin f'pajjiżi/reġjuni individwali, u l-prijoritajiet għall-politiki tematiċi;
- tiżgura li jkun hemm *data* suffiċjenti u kumparabbli dwar attivitajiet appoġġati kontra t-traffikar tal-bnedmin, li titqiegħed għad-dispożizzjoni ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u ta' prattikanti;
- tiżviluppa objettivi u miri ċari għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, u b'hekk tiffaċilita t-tfassil ta' azzjonijiet rilevanti, koerenti u komprensivi fil-pajjiżi/reġjuni prijoritarji maqbula. Jenħtieġ li l-objettivi jiġu kkonkretizzati fi gwida operazzjonali aktar iddettaljata li tkun ċara biżżejjed biex tagħti direzzjoni lill-attivitajiet fuq il-post, eż. billi tuża oqfsa tal-pajjiżi, strateġiji tal-pajjiżi, eżerċizzji ta' programmazzjoni u rapporti ta' ġestjoni eżistenti li jkunu rilevanti;
- tidentifika u sussegwentement tevalwa u tirrapporta dwar liema objettivi l-aħjar li jintlaħqu permezz ta' proġetti, permezz tal-użu ta' għodod oħra (eż. djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem, strumenti ta' assistenza teknika, sħubiji ddedikati kontra t-traffikar tal-bnedmin eċċ.), jew permezz ta' kombinament ta' bosta għodod.

Data fil-mira: Nofs l-2018

71. Minkejja dgħufijiet speċifiċi, il-proġetti li ġew eżaminati fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja taw xi riżultati pożittivi fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin. Madankollu, l-impatt ta' dawn ir-riżultati seta' kien akbar li kieku kien ġie adottat approċċ komprensiv, li jippermetti interazzjoni akbar u aktar sinerġiji bejn il-proġetti u għodod oħra li huma rilevanti għat-traffikar tal-bnedmin. Madwar żewġ terzi tal-proġetti fil-kampjun kellhom dgħufijiet fir-rigward tal-formulazzjoni tal-oġettivi u/jew l-indikaturi, u xi dgħufijiet fit-tfassil ma ġewx indirizzati fil-ħin, b'mod partikolari qabel ma ġie ffirmat il-kuntratt tal-għotja (ara l-paragrafi 45 sa 52).

72. Il-Kummissjoni mmonitorjat il-proġetti b'mod adegwat, iżda l-implimentazzjoni ġiet affettwata minn sjieda nazzjonali limitata u minn dgħufijiet fil-kapaċità tas-sħab u fl-implimentazzjoni ta' attivitajiet minnhom. Hemm titjib ġenerali fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja, iżda huwa diffiċli li tinstab konnessjoni bejn dan it-titjib u azzjonijiet speċifiċi ta-UE (kemm f'termini ta' allokkazzjoni ta' fondi kif ukoll ta' riżultati miksuba). Għalkemm kien għadu kmieni wisq biex tiġi vvalutata s-sostenibbiltà tar-riżultati kollha tal-proġetti, aħna osservajna li s-sostenibbiltà tagħhom ma ġietx żgurata sistematikament (14-il proġett minn 25) (ara l-paragrafi 54 sa 67).

Rakkomandazzjoni 2 – Ottimizzazzjoni tal-impatt tal-proġetti billi dawn jiġu integrati f'qafas komprensiv

Jenħtieġ li l-Kummissjoni, matul it-tnejn ta' sejħiet għal proposti u l-proċedura tal-għażla u tal-għoti, timmira li tappoġġa l-proġetti li l-aktar huma probabbli li jikkontribwixxu għall-obiettivi tal-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin fir-reġjun/il-pajjiż prijoritarju rilevanti, billi:

- tinkludi kriterji tal-għażla li jappoġġaw approċċ komprensiv fir-reġjun/fil-pajjiż, kopertura adegwata tal-prijoritajiet iddefiniti kollha, u l-possibbiltà li jinkisbu interazzjoni u sinerġiji bejn il-proġetti u għodod oħra;
- tivvaluta t-tip u d-daqs tal-għotjiet li jaqblu l-aktar mas-saħħa u l-kapaċità tas-soċjetà ċivili fil-pajjiż;
- tiżgura li t-tfassil tal-proġetti magħżula jinkludi objettivi SMART u indikaturi RACER, u li r-risultati mistennija jkunu realistiċi f'termini ta' żmien, baġit u kapaċità tas-sħab;
- tagħmel aktar enfasi fuq is-sostenibbiltà tar-risultati mistennija mill-proġetti, minn stadju bikri u tul iċ-ċiklu intier tal-ħajja tal-proġetti, eż. billi tinkludi l-iżvilupp ta' strateġiji ta' ħruġ li jieħdu inkunsiderazzjoni sorsi alternattivi ta' finanzjament u billi tħeġġeġ sjienda nazzjonali wara li l-proġetti jkunu kkompletati.

Data fil-mira: Bidu tal-2018

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla III, immexxija mis-Sur Karel PINXTEN, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-2 ta' Mejju 2017.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Klaus-Heiner LEHNE

President

Anness I**Farsa ġenerali lejn il-proġetti**

Pajjiż	Delegazzjoni inkarigata mill-proġett	Referenza CRIS tal-Kuntratt	Referenza fit-test	Titolu tal-Proġett	Ammont totali ppjanat (EUR)	Fondi mill-UE (EUR)
Il-Kambodja	Il-Kambodja	EIDHR/2011/272-402	Cambodia1	Safe migration and reduced trafficking (SMART)	333 261	244 855
Il-Kambodja	Il-Kambodja	EIDHR/2009/218-621	Cambodia2	Enhancing capacity to address trafficking especially in children from a human rights perspective in nine provinces and Phnom Penh municipality of Cambodia	285 580	188 483
Il-Kambodja	Il-Kambodja	EIDHR/2011/272-403	Cambodia3	Enhancing the Community to Prevent Human Trafficking, especially Women and Children and to Assist the Victims of Trafficking to Access to Justice	555 330	299 878
Il-Kambodja	Il-Kambodja	EIDHR/2015/369-068	Cambodia4	MIGRA ACTION- Advocate, Monitor and Communicate to Combat Human Trafficking and Unsafe Migration in Cambodia	500 000	475 000
L-Indoneżja	L-Indoneżja	EIDHR/2010/253-189	Indonesia1	Strengthening Advocacy Works and Young People Participation: A Supporting Action to the Implementation of the National Plan of Action on the Eradication of Criminal Acts of Trafficking in Person and Sexual Exploitation of Children 2009-2014	106 564	99 004
In-Nepal	In-Nepal	EIDHR/2009/158-139	Nepal1	Community Empowerment Action for Protection and Promotion of Rights of Women and Children	126 080	100 864
In-Nepal	In-Nepal	EIDHR/2009/158-158	Nepal2	Initiative to capacitate Local Institutions to combat human trafficking (ICLICHT)	49 000	49 000
In-Nepal	In-Nepal	DCI-MIGR/2010/228-798	Nepal3	Shubha Yatra: Promotion and Protection of Rights of Nepali Migrant Women	700 000	560 000

Pajjiż	Delegazzjoni inkarigata mill-proġett	Referenza CRIS tal-Kuntratt	Referenza fit-test	Titolu tal-Proġett	Ammont totali ppjanat (EUR)	Fondi mill-UE (EUR)
Il-Myanmar	It-Tajlandja	DCI-HUM/2009/155-012	Myanmar1	Protection of vulnerable children in Myanmar from trafficking and other forms of harm	663 293	596 963
It-Tajlandja	It-Tajlandja	DCI-HUM/2009/154-928	Thailand1	Protecting Migrant Children from Trafficking and Exploitation in the Mekong Sub-region	649 969	584 972
It-Tajlandja	It-Tajlandja	DCI-MIGR/2008/153-312	Thailand2	Going back - Moving on: Economic and Social Empowerment of Migrants Including Victims of Trafficking Returned from the EU countries.	2 199 813	1 758 813
It-Tajlandja	It-Tajlandja	DCI-HUM/2015/371-801	Thailand3	Combatting Unacceptable Forms of Work in the Thai Fishing and Seafood Industry	4 200 000	3 700 000
Il-Vjetnam	Il-Vjetnam	EIDHR/ 2010 /248-231	Vietnam1	Standing Up Against Violence (Stand Up)	205 649	195 366
Il-Vjetnam	Il-Vjetnam	EIDHR/2010/248-732	Vietnam2	Vesta II	279 902	251 912
L-Indja	Il-Kwartieri Ġenerali tad-DEVCO/decentralizzat għad-delegazzjoni tal-UE għall-Indja fl-2011	DCI-MIGR/2010/224-427	India1	Enhancing the Protection of Indian Migrant Workers in Oman through Evidence-Based Capacity-Building with Government and Civil Society	700 410	560 328
L-Indja	L-Indja	EIDHR/2010/232-393	India2	To support the Government of India's efforts to stop trafficking in women and girls through community action at the Panchayat level in partnership with the National Commission for Women	300 000	240 000
L-Indja	L-Indja	EIDHR/2012/278-640	India3	Strengthening law enforcement and mobilising community action to combat trafficking of women and children	345 518	293 690
Il-Filippini	Il-Filippini	EIDHR/2009/220-287	Philippines1	Private and Public Faces of Violence Against Women: Addressing Domestic Violence and Trafficking in the Urban Poor Communities and "Red Light Districts" of Angeles City and Olongapo City	175 151	140 121

Pajjiż	Delegazzjoni inkarigata mill-proġett	Referenza CRIS tal-Kuntratt	Referenza fit-test	Titolu tal-Proġett	Ammont totali ppjanat (EUR)	Fondi mill-UE (EUR)
Il-Filippini	Il-Filippini	EIDHR/2010/246-141	Philippines2	Working towards better implementation of International and Local Laws on anti-child trafficking and other forms of child abuse in selected areas of the Philippines	207 557	172 364
Il-Pakistan	Il-Pakistan	EIDHR/2011/277-432	Pakistan1	HRG - "Meri Awaz Suno" (Listen to my voice)	493 949	443 295
L-Indja - in-Nepal - il-Bangladesh	L-Indja	DCI-MIGR/2009/153-330	Regional1	SANYUKT, "connected" – Regional project on case management and fight against trafficking within and from South Asia	2 199 704	1 759 763
L-Indja - in-Nepal	L-Indja	DCI-HUM/2008/155-098	Regional2	The Protection and Quality of Care - Anti-trafficking Action, piloted by Terre des hommes Child Relief with Sanlaap India	592 120	470 902
				Subtotal (It-traffikar tal-bnedmin bħala attività prinċipali)	15 868 850	13 185 573
Il-Kambodja	Il-Kambodja	DCI-MIGR/2013/282-889	Cambodia5	MIGRA-SAFE: Safe Labour Migration for Vulnerable Cambodian Migrant Workers to Thailand	714 300	571 000
Il-Bangladesh	Il-Bangladesh	DCI-NSAPVD/2011/270-442	Bangladesh1	Rural Urban Child Migration Project	1 349 994	998 996
Il-Bangladesh	Il-Bangladesh	EIDHR/2011/223-092	Bangladesh2	Improving child protection and rehabilitation of children from sexual abuse and exploitation in Bangladesh	1 403 971	1 094 915
Il-Bangladesh	Il-Bangladesh	DCI-ASIE/2013/314-090	Bangladesh3	Protection, essential services and durable solutions for refugees in Bangladesh	3 770 680	1 500 000
Il-Bangladesh	Il-Bangladesh	DCI-HUM/2013/323-276	Bangladesh4	Community actions for child protection from violence	1 854 538	1 483 445

Pajjiż	Delegazzjoni inkarigata mill-proġett	Referenza CRIS tal-Kuntratt	Referenza fit-test	Titolu tal-Proġett	Ammont totali ppjanat (EUR)	Fondi mill-UE (EUR)
Il-Bangladesh	Il-Bangladesh	EIDHR/2013/297-201	Bangladesh5	Mapping and capacity-building of tea plantation workers and little-known ethnic communities of Bangladesh	299 999	239 999
Il-Bangladesh	Il-Bangladesh	DCI-ASIE/2014/337-018	Bangladesh6	Protection, essential services and durable solutions for refugees in Bangladesh; Phase IV	10 442 840	6 000 000
Il-Bangladesh	Il-Bangladesh	EIDHR/2015/367-497	Bangladesh7	Combatting commercial sexual exploitation of children (CCSEC) in Bangladesh	839 003	750 000
Il-Bangladesh	Il-Bangladesh	EIDHR/2010/254-352	Bangladesh8	Promotion of Human Rights for Preventing Violence and Discrimination against Women and Girls (PPVD)	300 000	285 000
It-Tajlandja	It-Tajlandja	DCI-NSAPVD/2011/280-905	Thailand4	Empowering Women's Networks to Improve Women's Rights Protection and Access to Reproductive Health Services	529 593	476 633
It-Tajlandja	It-Tajlandja	DCI-ASIE/2010/254-483	Thailand5	Protection Assistance to Myanmar Refugees in Thailand	1 204 213	963 370
It-Tajlandja	It-Tajlandja	DCI-NSAPVD/2011/280-903	Thailand6	To act toward a better inclusion of Burmese migrants and a better recognition of their rights in Thailand	665 775	499 331
Reġjonali	L-Indoneżja	DCI-ASIE/2015/360-522	Regional3	UE-ASEAN Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri II	3 200 000	3 200 000
				Subtotal (It-traffikar tal-bnedmin bħala attività addizzjonali)	26 574 906	18 062 690
				Total kumplessiv	42 443 755	31 248 263

Anness II**Objettivi tal-proġetti u valutazzjonijiet individwali**

			Adegwatezza tat-tfassil		Monitoraġġ u implimentazzjoni		Riżultati u sostenibbiltà tar-riżultati tal-proġetti	
Pajjiż	Referenza fit-test	Objettiv tal-proġett	Objettivi SMART / Indikaturi RACER	Aspetti oħra tat-tfassil (eż. Il-valur ta' referenza, it-tagħlimiet meħuda, il-baġit)	Monitoraġġ	Implimentazzjoni u kwistjonijiet oħra	Riżultati	Problemi ta' sostenibbiltà
Il-Kambodja	Cambodia1	Il-proġett għandu l-għan li jipromwovi l-migrazzjoni sikura sabiex titnaqqas l-inċidenza tat-traffikar tal-bnedmin (domestiku u internazzjonali) fil-Kambodja, u li jsaħħaħ il-kapaċitajiet ta' aġenziji tas-soċjetà ċivili u tal-awtoritajiet lokali (tal-komun, distrettwali, provinċjali) għall-prevenzjoni ta' migrazzjoni mhux sikura u t-traffikar, u għall-għoti ta' setgħa lil gruppi li jinsabu f'riskju biex jieħdu deċiżjonijiet infurmati.						
Il-Kambodja	Cambodia2	Il-proġett għandu l-għan li jrawwem l-integrazzjoni tad-drittijiet tat-tfal fix-xogħol tal-awtoritajiet tal-gvern kontra t-traffikar, kif ukoll fil-prattiki tal-NGOs u tal-komunitajiet, billi jipromwovi bidliet fil-perċezzjonijiet soċjali.						
Il-Kambodja	Cambodia3	L-Azzjoni tindirizza l-vulnerabbiltà estrema ta' tfal li jkunu ġew spostati billi tipprevieni li dawn jiġu sfruttati u tippermetti, b'mod xieraq, li tfal li jisfaw vittma jkunu jistgħu jirkupraw u jkomplu jgħixu ħajjithom. Hija tistinka mhux biss biex tiġġenera azzjoni mill-ġenituri u mill-komunità dwar ir-riskji u l-vulnerabbiltà, iżda wkoll biex toħloq opportunitajiet u tippermetti l-iżvilupp personali tat-tfal.						
Il-Kambodja	Cambodia4	Il-proġett għandu l-għan li jżid l-għarfien biex jintgħarfu każijiet ta' sfruttament, kif ukoll li jżid l-appoġġ u l-ħiliet ta' komunikazzjoni tal-OSC, tal-Awtoritajiet Lokali, tal-migranti u tal-familji tagħhom sabiex ikun hemm sensibilizzazzjoni fil-livell lokali, nazzjonali u internazzjonali. Soċjetà ċivili li tkun imħejjija u mgħammra aħjar iżżid l-opportunitajiet biex is-sitwazzjoni reali tingħata l-viżibbiltà fuq il-post, filwaqt li tenfasizza l-lakuni li jeżistu fil-konnessjonijiet u fiċ-ċirkulazzjoni ta' informazzjoni bejn il-livell lokali u dak nazzjonali.						

			Adegwatezza tat-tfassil		Monitoraġġ u implimentazzjoni		Riżultati u sostenibbiltà tar-riżultati tal-proġetti	
Pajjiż	Referenza fit-test	Objettiv tal-proġett	Objettivi SMART / Indikaturi RACER	Aspetti oħra tat-tfassil (eż. Il-valur ta' referenza, it-tagħlimiet meħuda, il-baġit)	Monitoraġġ	Implimentazzjoni u kwistjonijiet oħra	Riżultati	Problemi ta' sostenibbiltà
L-Indoneżja	Indonesia1	L-azzjoni għandha l-għan li ssaħħaħ ix-xogħol ta' appoġġ tal-OSĊ fi kwistjonijiet relatati mat-traffikar tal-persuni u l-isfruttament sesswali tat-tfal, permezz tal-parteċipazzjoni ta' zghażaġh.						
In-Nepal	Nepal1	Il-proġett kellu l-għan li jagħti setgħa lill-gruppi l-aktar vulnerabbli ta' tliet distretti fil-Punent Ċentrali tan-Nepal biex ikollhom aċċess għad-drittijiet tal-bniedem u protezzjoni kontra l-vjolenza.						
In-Nepal	Nepal2	Biex jikkontribwixxi għall-promozzjoni tad-drittijiet ta' komunitajiet vulnerabbli billi jiġġieled kontra t-traffikar ta' nisa u bniet fir-Reġjun tal-Punent Imbiegħed tan-Nepal						
In-Nepal	Nepal3	Il-proġett għandu l-għan li jipromwovi l-migrazzjoni sikura u li jiproteġi d-drittijiet ta' ħaddiema migranti nisa permezz tal-mobilizzazzjoni u t-tisħiħ tar-rispons tas-soċjetà ċivili.						
Il-Myanmar	Myanmar1	L-objettiv ġenerali huwa li fil-Myanmar tiġi stabbilita sistema nazzjonali ta' protezzjoni tat-tfal li tkun effettiva, għall-benefiċċju ta' 6 miljun tifel u tifla vulnerabbli.						
It-Tajlandja	Thailand1	L-objettiv speċifiku huwa li jiġu żviluppati sistemi ta' protezzjoni tat-tfal fil-livell tal-komunitajiet u tat-townships, li jipprevienu t-traffikar u forom oħra ta' abbuż, negliġenza, vjolenza u sfruttament, u li jiproteġu lil tfal vulnerabbli fi tliet townships, biex b'hekk dawn is-sistemi jikkontribwixxu għall-proċess ta' żvilupp ta' sistema effettiva ta' protezzjoni tat-tfal fil-livell nazzjonali.						
It-Tajlandja	Thailand2	Il-proġett għandu l-għan li jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-isfruttament ta' ħaddiema u tal-isfruttament sesswali ta' migranti, inklużi l-vittmi tat-traffikar, permezz ta' appoġġ għal proċess umanitarju ta' ritorn u riintegrazzjoni li jenfasizza l-għoti ta' setgħa ekonomika u soċjali. Sa tmiem il-proġett, il-kapaċitajiet tal-fornituri tas-servizzi biex jirritornaw u jirriintegraw migranti li jkunu esperjenzaw sfruttament bħala ħaddiema kif ukoll sfruttament sesswali, inklużi l-vittmi tat-traffikar, se jkunu ssaħħu fit-						

			Adegwatezza tat-tfassil		Monitoraġġ u implimentazzjoni		Riżultati u sostenibbiltà tar-riżultati tal-proġetti	
Pajjiż	Referenza fit-test	Objettiv tal-proġett	Objettivi SMART / Indikaturi RACER	Aspetti oħra tat-tfassil (eż. Il-valur ta' referenza, it-tagħlimiet meħuda, il-baġit)	Monitoraġġ	Implimentazzjoni u kwistjonijiet oħra	Riżultati	Problemi ta' sostenibbiltà
		Tajlandja, fil-Filippini, kif ukoll fl-UE u f'pajjiżi ġirien permezz ta' koordnazzjoni msaħħa u riferiment bejn aġenziji fokali u partijiet interessati ewlenin.						
It-Tajlandja	Thailand3	Il-proġett għandu l-għan li jnaqqas ix-xogħol furzat, it-tħaddim tat-tfal u forom oħra inaċċettabbli ta' xogħol, u li progressivament jelimina l-isfruttament ta' ħaddiema, b'mod partikolari ta' ħaddiema migranti, fis-setturi Tajlandiżi tas-sajd u ta' prodotti tal-baħar, u b'hekk itejjeb il-konformità mad-drittijiet fundamentali fuq ix-xogħol.						
Il-Vjetnam	Vietnam1	Il-proġett għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-isforzi nazzjonali biex tonqos il-vjolenza kontra n-nisa, billi jtejjeb il-protezzjoni u l-appoġġ għal nisa li jkunu esperjenzaw il-vjolenza.						
Il-Vjetnam	Vietnam2	Il-proġett għandu l-għan li jippromwovi u jsaħħaħ ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u għall-libertajiet fundamentali ta' nisa li jgħixu f'żoni foqra u remoti fil-Vjetnam, b'mod partikolari dawk li jappartjenu għal gruppi vulnerabbli bħal minoranzi nazzjonali, nisa mingħajr edukazzjoni u vittmi tat-traffikar li jkunu rritornaw fi djarhom.						
L-Indja	India1	Il-proġett għandu l-għan li jikkontribwixxi għad-drittijiet ta' ħaddiema migranti Indjani li jemigraw lejn/fil-pajjiżi tal-Golf billi jibni l-kapaċità ta' 20 attur Mhux Statali u 50 uffiċjal tal-gvern mill-ministeri rilevanti (id-Dipartiment tal-Immigrazzjoni tal-Ministeru tal-Intern, Affarijiet Barranin, Xogħol, Żvilupp tan-Nisa u tat-Tfal, Benessri Soċjali) kemm fl-Indja kif ukoll fl-Istati tal-Golf, għall-promozzjoni tad-drittijiet ta' ħaddiema migranti.						
L-Indja	India2	L-għan kumplessiv tal-azzjoni huwa li sal-2015, l-isforzi tal-Gvern tal-Indja biex joħloq mekkaniżmi ta' prevenzjoni istituzzjonalizzati sabiex jieqaf it-traffikar fid-distretti ta' oriġini, jiġu appoġġati u jissaħħu permezz ta' azzjoni komunitarja.						

			Adegwatezza tat-tfassil		Monitoraġġ u implimentazzjoni		Riżultati u sostenibbiltà tar-riżultati tal-proġetti	
Pajjiż	Referenza fit-test	Objettiv tal-proġett	Objettivi SMART / Indikaturi RACER	Aspetti oħra tat-tfassil (eż. Il-valur ta' referenza, it-tagħlimiet meħuda, il-baġit)	Monitoraġġ	Implimentazzjoni u kwistjonijiet oħra	Riżultati	Problemi ta' sostenibbiltà
L-Indja	India3	Il-ġlieda kontra t-traffikar ta' nisa u tfal permezz ta' Bini tal-Kapaċità, Taħriġ u sensibilizzazzjoni tal-aġenziji tal-Infurzar tal-Liġi; Appoġġ għall-Vittmi u Protezzjoni tal-Vittmi; Prosekuzzjoni u sfaxxar ta' netwerks kriminali li huma involuti fit-traffikar ta' nisa u tfal billi jinħolqu netwerks u sħubiji fost aġenziji fiż-żoni ta' oriġini, ta' tranżitu u ta' destinazzjoni.						
Il-Filippini	Philippines1	Jikkontribwixxi għal ambjent ta' governanza ċċentrat fuq il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, li jissodisfa b'mod partikolari l-obbligu ta' entitajiet tal-gvern lokali (UGL) li jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet ta' popolazzjonijiet vulnerabbli kontra t-traffikar u l-vjolenza, u li jżid il-kapaċitajiet tan-nisa li jasserixxu d-drittijiet tagħhom.						
Il-Filippini	Philippines2	Il-proġett għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Protokoll Fakultattiv dwar il-Bejgħ tat-Tfal, il-Prostituzzjoni tat-Tfal u l-Pornografija tat-Tfal, l-Att tal-2003 dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar ta' Persuni (l-Att tar-Repubblika 9208) u liġijiet rilevanti oħra fil-Filippini.						
Il-Pakistan	Pakistan1	Il-proġett għandu tliet objettivi: 1) Mitigazzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal, l-isfruttament sesswali kummerċjali tat-tfal u t-traffikar intern tat-tfal; 2) Żvilupp tal-kapaċitajiet lokali biex jirreaġixxu għall-abbuż tat-tfal; u 3) Żvilupp ta' proċessi demokratiċi paċifiċi li jkunu bbażati fuq id-djalogu, is-solidarjetà u l-ekwità biex jipromwovu l-Protezzjoni tat-tfal.						
L-Indja - in-Nepal - il-Bangladesh	Regional1	Prevenzjoni ta' migrazzjoni mhux sikura u ta' traffikar ta' tfal u adolexxenti mill-Indja (il-Bengal tal-Punent u Andhra Pradesh) u mill-Bangladesh (distretti u villaġġi ta' oriġini prinċipali), riabilitazzjoni tal-vittmi li jiġu ttraffikati mill-Indja (il-Bengal tal-Punent u Andhra Pradesh), min-Nepal u mill-Bangladesh.						
L-Indja - in-Nepal	Regional2	L-integrazzjoni b'suċċess ta' tfal superstiti tat-traffikar fil-komunità. Objettiv speċifiku: li jitjiebu l-protezzjoni, il-kwalità tal-kura u l-integrazzjoni fil-komunità ta' tfal ittraffikati fl-Indja u n-Nepal.						

			Adegwatezza tat-tfassil		Monitoraġġ u implimentazzjoni		Riżultati u sostenibbiltà tar-riżultati tal-proġetti	
Pajjiż	Referenza fit-test	Objettiv tal-proġett	Objettivi SMART / Indikaturi RACER	Aspetti oħra tat-tfassil (eż. Il-valur ta' referenza, it-tagħlimiet meħuda, il-baġit)	Monitoraġġ	Implimentazzjoni u kwistjonijiet oħra	Riżultati	Problemi ta' sostenibbiltà
Il-Kambodja	Cambodia5	L-objettiv ġenerali tal-proġett huwa li tiġi promossa migrazzjoni sikura sabiex jiġu protetti d-drittijiet ta' migranti Kambodjani (inklużi nisa u tfal) u titnaqqas il-vulnerabbiltà ta' tagħhom għall-isfruttament ta' ħaddiema u t-traffikar tal-bnedmin.						
Il-Bangladesh	Bangladesh1	Il-proġett għandu l-għan li jsaħħaħ is-servizzi ta' Istituzzjonijiet Pubbliċi Lokali (LGIs) f'kooperazzjoni ma' Atturi Mhux Statali (AMS) għat-tnaqqis tal-migrazzjoni mhux sikura ta' tfal minn żoni rurali għal żoni urbani, u t-titjib tas-sitwazzjoni ta' tfal migranti.						
Il-Bangladesh	Bangladesh2	Il-proġett għandu l-għan li jnaqqas il-każijiet ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali ta' tfal fiż-żoni tal-proġett, u li jirriabilita u jirriintegra b'suċċess lil dawk it-tfal fis-soċjetà.						
Il-Bangladesh	Bangladesh3	L-objettiv u l-iskop ġenerali ta' dan il-proġett huma li jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet tar-refuġjati, li jwassal biex dawn jingħataw is-setgħa u t-tnejnija biex isibu soluzzjonijiet durabbli fil-futur. L-objettiv speċifiku huwa li r-refuġjati jingħataw is-setgħa u l-għajnuna biex jilhqqu livell ta' awtodipendenza li hija neċessarja biex jgħixu f'ambjent sigur u mingħajr periklu.						
Il-Bangladesh	Bangladesh4	L-azzjoni għandha l-għan li ssaħħaħ il-kapaċità u l-abbiltà ta' atturi statali u atturi mhux statali li jeliminaw kull forma ta' vjolenza kontra t-tfal. Dan se jinkiseb permezz tat-tisħiħ ta' azzjonijiet komunitarji, min-nies fil-komunità, għall-protezzjoni tat-tfal u permezz ta' appoġġ legali u riabilitazzjoni komprensiva għar-riintegrazzjoni ta' tfal li jkunu vittmi tal-vjolenza.						
Il-Bangladesh	Bangladesh5	Il-proġett għandu l-għan li jipromwovi d-drittijiet, il-libertajiet fundamentali, u r-rappreżentanza ta' ħaddiema fil-pjantaġġuni tat-té li jkunu jinsabu f'sitwazzjoni ta' rbit, kif ukoll ta' gruppi etniċi li mhumiex magħrufa ħafna fil-kuntasti soċjokulturali u politikoekonomiċi usà fil-Bangladesh, permezz ta' azzjonijiet ta' riċerka (immappjar), bini tal-kapaċità, u sensibilizzazzjoni u appoġġ.						




			Adegwatezza tat-tfassil		Monitoraġġ u implimentazzjoni		Riżultati u sostenibbiltà tar-riżultati tal-proġetti	
Pajjiż	Referenza fit-test	Objettiv tal-proġett	Objettivi SMART / Indikaturi RACER	Aspetti oħra tat-tfassil (eż. Il-valur ta' referenza, it-tagħlimiet meħuda, il-baġit)	Monitoraġġ	Implimentazzjoni u kwistjonijiet oħra	Riżultati	Problemi ta' sostenibbiltà
Il-Bangladesh	Bangladesh6	Il-proġett għandu l-għan li jiffaċilita ambjent fil-Bangladesh fejn ir-refuġjati Rohingya jingħataw protezzjoni internazzjonali adegwata, filwaqt li titkompla t-tfittxija għal soluzzjoni durabbli.						
Il-Bangladesh	Bangladesh7	L-objettiv ġenerali tal-Azzjoni għall-Ġlieda kontra l-Isfruttament Sesswali Kummerċjali tat-Tfal (CCSEC) fil-Bangladesh huwa li din tikkontribwixxi għall-qerda tal-isfruttament sesswali kummerċjali tat-tfal. L-objettiv speċifiku tal-Azzjoni huwa li tipproteġi u tippromwovi d-drittijiet ta' tfal superstiti u tfal f'riskju ta' sfruttament sesswali kummerċjali billi tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni 182 tal-ILO (ILO-C182) u tal-Protokoll Fakultattiv 2 (UNCRC-OP-2) fil-Bangladesh.						
Il-Bangladesh	Bangladesh8	L-objettiv ġenerali huwa li l-prevenzjoni ta' kull forma ta' vjolenza u diskriminazzjoni kontra gruppi vulnerabbli, b'mod partikolari nisa u tfal, permezz tal-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'żoni speċifiċi tal-Bangladesh.						
It-Tajlandja	Thailand4	L-objettiv ġenerali tal-proġett huwa li n-nisa fi 12-il provinċja fil-Grigal tat-Tajlandja li huma vulnerabbli għall-vjolenza domestika jew sesswali, kif ukoll għat-traffikar tal-bnedmin, jew li jsibuha diffiċli biex jaċċessaw servizzi tas-saħħa, speċjalment għas-saħħa riproduttiva, ikollhom aċċess aħjar għal protezzjoni legali u għas-servizzi tas-saħħa meta l-proġett jintemm f'4 snin.						
It-Tajlandja	Thailand5	L-objettiv tal-proġett huwa li refuġjati bbażati f'kampijiet u persuni li jfittxu asil mill-Myanmar jibbenefikaw minn ambjent ta' protezzjoni aħjar fit-Tajlandja.						
It-Tajlandja	Thailand6	L-azzjoni għandha l-għan li ttejjeb il-kapaċità ta' 205 atturi mhux statali li jaħdmu favur il-migranti f'żoni b'popolazzjonijiet kbar ta' migranti Burmiżi, filwaqt li tirrappreżenta d-drittijiet tal-migranti u tippermetti li jsiru bidliet leġiżlattivi (fil-livelli lokali, provinċjali u nazzjonali) permezz ta' pjattaformi għal djalogu fost l-awtoritajiet lokali, is-soċjetà ċivili Tajlandiża u l-komunitajiet Burmiżi.						

			Adegwatezza tat-tfassil		Monitoraġġ u implimentazzjoni		Riżultati u sostenibbiltà tar-riżultati tal-proġetti	
Pajjiż	Referenza fit-test	Objettiv tal-proġett	Objettivi SMART / Indikaturi RACER	Aspetti oħra tat-tfassil (eż. Il-valur ta' referenza, it-tagħlimiet meħuda, il-baġit)	Monitoraġġ	Implimentazzjoni u kwistjonijiet oħra	Riżultati	Problemi ta' sostenibbiltà
Reġjonali	Regional3	L-objettiv tal-Programm huwa li jagħti appoġġ lill-ASEAN fil-proċess tagħha ta' integrazzjoni permezz tal-implimentazzjoni tal-Pjan Regolatorju dwar il-Konnettività tal-ASEAN, b'mod partikolari konnettività bejn persuni, u li jsaħħaħ in-netwerks u l-kooperazzjoni tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi fil-hubs reġjonali ta' tranżitu prinċipali, bl-għajna ta' studju dwar it-tnaqqis tar-rekwiżiti għall-ksib ta' viża għal Ċittadini tal-ASEAN u dawk mhux tal-ASEAN, fi ħdan l-ASEAN.						

Nota: Waqt l-evalwazzjoni ta' dawn il-proġetti, aħna qiesna l-isfidi inerenti li huma assoċjati ma' proġetti relatati mad-drittijiet tal-bniedem. Pereżempju, is-sostenibbiltà tar-riżultati spiss tkun teħtieġ li jingħata appoġġ kontinwu mid-donaturi u li titrawwem sjieda nazzjonali biex jinżammu r-riżultati li jkunu nkisbu.

Nota: Kien hemm 10 proġetti li għalihom ma evalwajniex is-sostenibbiltà tar-riżultati tal-proġetti, jew minħabba li kienu għadhom għaddejjin (7), jew minħabba li r-rapport finali ma kienx ġie approvat fiż-żmien l-eżaminar tagħna (1), jew inkella minħabba li ma kienx iddettaljat biżżejjed (2). Fost dawn il-proġetti, aħna osservajna problemi sinifikanti ta' sostenibbiltà fil-proġett Bangladesh⁶, fejn il-gvern nazzjonali ma kkooperax biżżejjed, u f'Cambodia⁴, fejn il-mudell ta' ambaxxaturi tal-komunità li kienu mħallsa kien partikolarment dgħajfef.

Didaskalja tal-kuluri:

-  L-istandards ġew issodisfati kompletament fl-aspetti sinifikanti kollha
-  Xi standards mhumiex issodisfati
-  Devjazzjoni sinifikanti mill-istandards

Anness III**Dgħufijiet relatati mad-database tas-sit web iddedikat għall-ġlieda kontra t-traffikar**

1. Is-Sistema Komuni ta' Informazzjoni Relex (CRIS) tal-Kummissjoni ma tindikax jekk proġett ikunx jikkonċerna t-traffikar tal-bnedmin. Fil-prinċipju, proġetti relatati mat-traffikar tal-bnedmin jiġu inklużi sistematikament f'database speċifika għat-traffikar tal-bnedmin, li hija aċċessibbli permezz tas-sit web kontra t-traffikar. Aħna analizzajna d-database tas-sit web iddedikat għall-ġlieda kontra t-traffikar u sibna li ma hemmx konsistenza fil-klassifikazzjoni tal-proġetti bħala proġetti relatati mat-traffikar tal-bnedmin.
2. F'Settembru 2016, il-Kummissjoni ppubblikat id-dokument "Study on Comprehensive Policy Review of EC-funded anti-trafficking projects" (Studju dwar Analiżi Komprensiva tal-Politika ta' proġetti kontra t-traffikar tal-bnedmin li huma ffinanzjati mill-KE). L-awtur ta' dan ir-rapport inkluda riżerva li tindika wkoll li d-database ma tistax titqies bħala robusta jew affidabbli biżżejjed, u li filwaqt li sar kull sforz mill-uffiċċju tal-Koordinatur tal-UE Kontra t-Traffikar biex jipprovdi informazzjoni lill-kuntrattur dwar il-proġetti ffinanzjati kollha, mis-servizzi kollha, għall-perjodu kollu li ġie eżaminat, l-istudju ma jistax jitqies bħala stampa kompletament eżawrjenti tal-proġetti kollha ffinanzjati mill-Kummissjoni Ewropea fil-qasam tat-traffikar tal-bnedmin.
3. In-nuqqas ta' konsistenza bejn il-proġetti fid-database jista' jiġi osservat ukoll mill-analiżi tal-kampjun. Filwaqt li l-proġett Cambodia5 ġie kklassifikat mill-Kummissjoni bħala proġett relatat mat-traffikar tal-bnedmin, il-proġett Cambodia4 - li tqies bħala kontinwazzjoni minn wieħed mill-evalwaturi - ma ġiex ikklassifikat bl-istess mod.

Eżempji ta' proġetti li jinsabu/ma jinsabux fid-database iddedikata għall-ġlieda kontra t-traffikar

Proġetti inklużi fid-database tas-sit web iddedikat għall-ġlieda kontra t-traffikar

Proġett simili li mhumiex inklużi

Faċilitazzjoni tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva fil-qasam tat-Traffikar tal-Bnedmin (HOME/2011/ISEC/AG/THB/4000001962)

Sħubiji fil-ġlieda kontra t-tħaddim tat-tfal permezz tar-responsabbiltà soċjali korporattiva (CSR) fil-Bangladesh (CRIS 266430)

<p>L-għan prinċipali tal-proġett huwa li titjeb il-prevenzjoni ta' traffikar tal-bnedmin għall-iskopijiet ta' sfruttament ta' ħaddiema, billi jiġu kkonkretizzati u implimentati l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem (UNGP) fil-qasam tat-Traffikar tal-Bnedmin. Il-mira se tkun fuq tliet setturi: l-agrikoltura, il-kostruzzjoni u t-turiżmu (sit web kontra t-traffikar).</p>	<p>Il-proġett għandu l-għan li jtejjeb il-ħajjiet u l-għajxien ta' ħaddiema tfal fil-Bangladesh fis-settur privat, kemm dak formali kif ukoll dak informali. It-tħaddim tat-tfal jitqies bħala l-aktar ksur komuni tad-drittijiet tat-tfal fil-Bangladesh, b'madwar 7.4 miljun tifel u tifla jaħdmu regolarment f'ambjenti perikolużi. Il-problema ġenerali li l-Azzjoni għandha l-għan li tindirizza hija n-nuqqas ta' għarfien dwar is-CSR u l-istandards ta' konformità soċjali fis-settur privat, u l-applikazzjoni insuffiċjenti ta' dawn l-obbligi, li jwassal għat-tħaddim perikoluż tat-tfal. (Deskrizzjoni tal-azzjoni, 1.6.2)</p>
<p><u>Prevenzjoni ta' Traffikar ta' Żgħażaġħ Vulnerabbli u Nisa fil-Kosovo (EIDHR/2008/168-436)</u></p> <p>L-għan tal-proġett kien li tissaħħaħ il-prevenzjoni ta' traffikar permezz tal-bini tal-kapaċità f'NGOs lokali li huma attivi fi programmi kontra t-traffikar fil-Kosovo. Barra minn hekk, il-proġett kellu l-għan li jżid is-sensibilizzazzjoni dwar it-traffikar fost il-gruppi l-aktar vulnerabbli – bħal studenti tal-primarja, vittmi ta' vjolenza sessista, u bniet li waqfu jmorru l-iskola - f'żoni rurali tal-Kosovo. Dan kellu wkoll l-għan li jippromwovi taħriġ vokazzjonali għal nisa żgħażaġħ sabiex inaqqas il-vulnerabbiltà tagħhom għat-traffikar, filwaqt li jgħinhom jibnu ħajjiet indipendenti (is-sit web kontra t-traffikar).</p>	<p><u>Titjib tal-Protezzjoni tat-Tfal u Riabilitazzjoni tat-Tfal Vittmi ta' Abbuż u Sfruttament Sesswali fil-Bangladesh (CRIS 223-092)</u></p> <p>Il-proġett għandu l-għan li jnaqqas il-każijiet ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali ta' tfal fiż-żoni koperti mill-proġett, u li jirriabilita u jirriintegra b'suċċess lil dawk it-tfal fis-soċjetà.</p>

Sors: Analiżi mill-QEA tad-database tas-sit web iddedikat għall-ġlieda kontra t-traffikar u tal-CRIS.

TWEGĠIBIET TAL-KUMMISSJONI U TAS-SEAE GĦAR-RAPPORT SPEĊJALI TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

“L-APPOĠĠ TAL-UE GĦALL-ĠLIEDA KONTRA T-TRAFFIKAR TAL-BNEDMIN FIN-NOFSINHAR/ FIX-XLOKK TAL-ASJA”

SOMMARJU EŻEKUTTIV

I. It-traffikar ta' bnedmin (THB) huwa parti integrali tal-impenn globali tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà li taħtu l-UE timpenja ruħha biex jiġu indirizzati għadd ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u sfidi ta' sigurtà. It-THB huwa qasam relattivament għdid fil-kuntest tal-azzjoni esterna tal-UE, sa mill-2009. Matul dan il-perjodu inizjali, l-impenn immaterjalizza f'livell politiku, f'dak tal-uffiċjali għoljin u dak tekniku, globalment u fin-Nofsinhar u fix-Xlokk tal-Asja.

Kif iddikjarat mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew: “Bħalissa qegħdin nieħdu rendikont tal-esperjenzi u l-kisbiet tal-istrateġija attwali, neżaminaw ix-xejriet u l-problemi, u nevalwaw u niddiskutu mal-partijiet interessati liema azzjonijiet futuri mill-oqsma kollha ta' politika differenti huma meħtieġa. L-għan tagħna huwa li nindirizzaw l-isfidi maħluqa mill-kuntest soċjopolitiku li qed jinbidel. Iżda rridu wkoll inżommu approċċ ikkoordinat, koerenti u konsistenti u nkomplu l-isforzi biex niġġieldu din il-forma ta' kriminalità estremament distruttiva iżda li tħalli ħafna qligħ. Il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin hija meħtieġa b'mod urġenti biex l-UE tkompli tagħti r-riżultati: dan nafuh lill-vittmi u lis-soċjetajiet tagħna”.

II Il-Qorti tuża t-terminu “destinazzjoni attraenti” għall-vittmi fid-deskrizzjoni tal-UE. Filwaqt li l-UE tista' titqies bħala destinazzjoni “attraenti”, għandu jiġi enfasizzat ukoll ir-rwol tagħha bħala ġeneratur tad-domanda. Kif enfasizzat mill-Europol u l-Valutazzjoni tat-Theddid Gravi tal-Kriminalità Organizzata tal-UE (SOCTA 2013), “Id-domanda kostanti għal servizzi assoċjati ma' sfruttament sesswali u ta' xogħol u inugwaljanzi soċjoekonomiċi persistenti bejn il-pajjiżi żviluppatti u dawk li qed jiżviluppaw jixprunaw it-traffikar tal-bnedmin” (Dokument ta' Hídma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja r-Rapport dwar il-progress li sar fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin (2016), SWD(2016) 159 finali (mhux disponibbli bil-Malti).

F'dak li għandu x'jaqsam mal-osservazzjoni li għadha ma ġietx ippreżentata strateġija kontra t-traffikar għal wara l-2016, il-Kummissjoni tixtieq tinnota li bħalma ġie rifless fl-Aġendi Ewropej dwar il-Migrazzjoni u s-Sigurtà, bħalissa għaddej ix-xogħol lejn l-iżvilupp ta' qafas ta' politika ta' wara l-2016.

VI. Is-SEAE jixtieq jenfasizza li t-triq iddedikata lis-sħubijiet dwar it-traffikar tal-bnedmin tgħaddi dejjem aktar minn djalogi kostruttivi mal-pajjiżi, u l-formati reġjonali bħall-ASEAN u l-ASEM, dwar kwistjonijiet usa' bħad-drittijiet tal-bniedem u/jew l-assistenza għall-kooperazzjoni, li fi hđanhom bħalissa qed jiġu diskussi kwistjonijiet dwar it-traffikar tal-bnedmin. Huwa proċess li jeħtieġ iż-żmien, ir-riżorsi u kooperazzjoni b'saħħitha mal-kontropartijiet fir-reġjun.

Huwa xieraq li jiġi mfakkar li, minħabba n-natura trasversali tat-traffikar tal-bnedmin, huwa loġiku li dan jiġi indirizzat f'kuntest usa' u li jiġu applikati politiki u strumenti tal-UE usa', pereżempju li jindirizzaw id-drittijiet tal-bniedem, it-tnaqqis tal-faqar, appoġġ għall-istat tad-dritt, il-ġestjoni tal-fruntieri, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata jew il-ġestjoni tal-migrazzjoni, kif innutat fir-rapport tal-Qorti. Il-hídma f'dawn l-oqsma tindirizza multitudni ta' kawżi sottostanti u l-fatturi ta' spinta wara t-traffikar tal-bnedmin u għalhekk l-indirizzar tagħhom huwa kruċjali.

VII. Il-Kummissjoni hi sodisfatta bil-valutazzjoni pożittiva tal-Qorti u għalkemm taqbel li hu diffiċli li torbot proġetti speċifiċi u t-titjib kumplessiv fit-traffikar tal-bnedmin, huwa ċar li taħlita ta' djalogu politiku, promozzjoni u azzjonijiet kumplementari ma' atturi lokali importanti ħolqu momentum li wassal għal bidliet f'diversi pajjiżi.

Fir-rigward tad-dgħufijiet speċifiċi msemmija, tixtieq tispeċifika li:

- Il-proġetti huma, mid-definizzjoni tagħhom stess, limitati fiż-żmien u s-sostenibbiltà tagħhom hi ta' tħassib ewlieni għall-Kummissjoni.
- Il-proġetti ta' għotja huma mfassla mill-NGO li tkun qed tapplika li jkollha s-sjieda u timplimenta l-azzjoni. Kull tibdil jenħtieġ li jkunu maqbula mal-NGOs u m'għandux jibdel il-kundizzjonijiet tal-għotja. Il-valutazzjoni tad-dgħufijiet fit-tfassil hija valutazzjoni kwalitattiva li tiddependi fuq il-valutazzjoni individwali tal-maniġer tal-programm jew tal-persunal ta' monitoraġġ. Il-bidliet huma spiss xprunati minn missjonijiet ta' monitoraġġ esterni jew evalwazzjonijiet li jinfluwenzaw il-benefiċjarju tal-għotja biex jaġġusta t-tfassil tal-proġett.

Fl-aħħar nett, ħafna proġetti ġew implimentati f'ambjenti politiċi u lokali diffiċli u l-ġestjoni tal-proġetti teħtieġ li tiġi aġġustata għar-restrizzjonijiet lokali, li minnhom stess joħolqu dewmien fl-implimentazzjoni.

INTRODUZZJONI

3. Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza wkoll li, kif iddikjarat fl-Istrateġija tal-UE lejn il-Qerda tat-Traffikar tal-Bnedmin 2012–2016 "Il-vulnerabilità għat-traffikar u għal forom differenti ta' sfruttament hija msawra skont is-sess. Filwaqt li n-nisa u l-bniet għandhom it-tendenza li jiġu traffikati għall-isfruttament fl-industrija tas-sess, f'xogħol domestiku jew għas-settur tal-kura, hemm it-tendenza li l-irġiel u s-subien ikunu vittmi tax-xogħol furzat, b'mod partikolari fl-agrikoltura, fil-kostruzzjoni, fit-tħaffir tal-minjieri, fis-setturi tal-foresti u fil-flotot tas-sajd. Barra minn hekk, il-konsegwenzi fiż-żmien qasir u fit-tul fuq in-nisa u l-irġiel traffikati jistgħu jvarjaw, skont il-forma ta' traffikar u s-sess".

7. B'rabta mar-referenza mill-Qorti li "46 miljun persuna jinsabu maqbuda f'sitwazzjonijiet ta' skjavitù moderna", il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza l-ħtieġa għal interpretazzjoni ta' stimi u data statistika b'kawtela, b'kunsiderazzjoni tal-aħħar Rapport Globali dwar it-Traffikar tal-Bnedmin UNODC (2016).

Iċ-ċifra kkwotata ta' 46 miljun ruħ fi skjavitù moderna hija biss stima mhux biss ta' traffikar tal-bnedmin, iżda fenomeni oħra wkoll, u ma tirrappreżentax il-prevalenza reali tat-traffikar tal-bnedmin jew l-għadd ta' vittmi tat-traffikar li jkunu f'kuntatt mal-awtoritajiet. Barra minn hekk, kif ġie ddikjarat mill-Qorti fin-nota 5 f'qiegħ il-paġna, it-terminu skjavitù moderna ma għandux kwalifika jew id-definizzjoni ġuridika.

12. Kif rifless fl-Aġendi Ewropej dwar il-Migrazzjoni u s-Sigurtà, il-Kummissjoni qed taħdem lejn l-iżvilupp ta' qafas ta' politika għal wara l-2016.

OSSERVAZZJONIJIET

22. Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-adozzjoni tal-Istrateġija tal-UE lejn il-Qerda tat-Traffikar tal-Bnedmin 2012–2016 kienet ir-riżultat aħħari ta' proċedura li kienet tinkludi konsultazzjonijiet immirati skont ir-rekwiżiti proċedurali applikabbli. L-istrateġija tal-UE kienet riżultat ta' konsultazzjonijiet ma' firxa wiesgħa ta' partijiet interessati (Stati Membri, NGOs, Organizzazzjonijiet Internazzjonali, aġenziji tal-UE). Dejta dwar it-traffikar tal-bnedmin, inkluża dejta statistika disponibbli, rapporti tas-sitwazzjoni, analiżi legali u ekonomika bħal SOCTA u rapporti u dejta ta' aġenziji tal-UE, ġew miġbura f'dan il-qafas.

Huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-Istrateġija tal-UE kienet apprezzata mill-partijiet interessati kollha, inkluż mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-UE l-ġdida lejn il-Qerda tat-Traffikar tal-Bnedmin 2012–2016, it-3195 laqgħa tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni fil-Lussemburgu, fil-25 ta' Ottubru 2012.

23. Tweġiba komuni għall-paragrafi 23 u 24:

Il-Kummissjoni sostanzjalment irrapportat dwar l-azzjonijiet ippreżentati taħt l-Istrateġija tal-UE u mmonitorjat mill-qrib permezz ta' rapporti u studji skont kif kien rilevanti. Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li hemm Rapport ta' nofs it-terminu dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE lejn il-Qerda tat-Traffikar tal-Bnedmin COM (2014) 635 finali. Filwaqt li mhijiex mitluba legalment mill-Kummissjoni, hija kkontribwixxiet biex tivvaluta l-progress li sar biex tiġi implimentata l-Istrateġija tal-UE.

B' mod partikolari, taqsuma waħda tar-rapport ta' nofs it-terminu hija ddedikata għall-passi li ttieħdu sa mill-2012 skont id-Dokument Orjentat lejn l-Azzjoni (DOA) tal-2009 dwar it-tisħiħ tad-dimensjoni esterna tal-UE dwar l-azzjoni kontra t-traffikar tal-bnedmin. Ir-rapport ma jinkludix biss il-ħidma mwettqa permezz ta' kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-entitajiet tal-UE, l-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u s-settur privat; hija tkopri wkoll l-azzjoni meħuda fi ħdan l-UE kif ukoll f'kooperazzjoni ma' pajjiżi mhux tal-UE ta' oriġini, ta' tranżitu u ta' destinazzjoni. Barra minn hekk, ir-rapport jinkludi Anness dwar il-ħidma importanti ta' seba' aġenziji tal-ġustizzja u l-affarijiet interni tal-UE (EASO, FRONTEX, Europol, EIGE, FRA, CEPOL, Eurojust) biex jiġi indirizzat it-traffikar ta' bnedmin, fuq il-bażi tad-dikjarazzjoni konġunta ffirmata mid-Diretturi ta' dawn l-aġenziji fl-okkażjoni tal-Jum tal-UE kontra t-Traffikar fit-18 ta' Ottubru 2011.

Barra minn hekk, l-ewwel Rapport tal-Kummissjoni dwar il-progress li sar fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin [COM(2016) 267 finali] u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanjaha [SWD(2016) 159 finali], jinkludi firxa ta' informazzjoni dwar l-azzjonijiet u r-riżultati mogħtija wkoll fil-kuntest tal-Istrateġija tal-UE Kontra t-Traffikar.

Dak kollu li se jiġi pprovdut li hu inkluż fl-Istrateġija tal-UE sar pubbliku, kif rilevanti, fuq is-sit web tal-Kummissjoni kontra t-traffikar (<http://ec.europa.eu/anti-trafficking/>). Dawn jinkludu studju dwar rieżami komprensiv tal-proġetti tal-politika ta' kontra t-traffikar iffinanzjati mill-Kummissjoni Ewropea (2016), kif ukoll għadd ta' studji rilevanti oħra, linji gwida u manwali.

25. Fir-rigward tal-osservazzjoni dwar il-gwida insuffiċjenti pprovduta mill-prijoritizzazzjoni parallela reġjonali u bilaterali, il-Kummissjoni u s-SEAE jixtiequ jiċċaraw li din il-formulazzjoni komprensiva ippermettiet l-użu ta' firxa l-aktar wiesgħa ta' djalogi disponibbli u/jew sħubijiet - kemm bilaterali kif ukoll multilaterali/reġjonali - biex jindirizzaw kwistjonijiet dwar it-traffikar tal-bnedmin mal-pajjiżi fin-Nofsinhar u fix-Xlokk tal-Asja. Il-prijoritizzazzjoni tal-2012 kienet użata bħala gwida f'sens usa', għad-djalogu politiku u għall-impenn politiku akbar relatat mal-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin.

Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni u s-SEAE jirrikonoxxu l-ħtieġa għal segwitu u rieżami tal-prijoritizzazzjoni. Dan jista' jiġi kkunsidrat fil-kuntest tal-iżvilupp ta' qafas ta' politika wara l-2016.

33. Il-Kummissjoni tixtieq tfakkar li d-dokumenti tal-ipprogrammar huma limitati fit-tul u li d-drittijiet tal-bniedem huma msemmija regolarment bil-governanza tajba/stat tad-dritt li qed jiġu magħżula f'bosta pajjiżi bħala settur fokali.

34. Il-Kummissjoni tiegħu ħsieb u tiżviluppa websajt kontra t-traffikar (<https://ec.europa.eu/anti-trafficking/>) li tinkludi bażi tad-dejta tal-proġetti dwar it-traffikar tal-bnedmin iffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea, kif ukoll informazzjoni dwar, inter alia, l-istrumenti legali u politiċi tal-UE, miżuri kontra t-traffikar tal-bnedmin fl-Istati Membri, l-opportunitajiet ta' finanzjament u inizjattivi tal-UE. L-informazzjoni dwar il-proġetti hija pprovduta minn Direttorat Ġenerali differenti responsabbli għall-ġestjoni ta' strumenti differenti ta' finanzjament. Jekk proġett jikkostitwixxix azzjoni dwar it-traffikar tal-bnedmin relevanti huwa vvalutata każ b'każ minn servizzi responsabbli.

36. Is-SEAE japprezza li l-Qorti tirrikonoxxi f' dan il-kuntest l-importanza tad-diversi Djalogi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li l-UE jkollha ma' pajjiżi tan-Nofsinhar u tax-Xlokk tal-Asja. L-UE tqajjem kwistjonijiet bħal dawn fiż-żewġ Djalogi Speċifiċi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll f'fora oħra ta' politika kif xieraq pereżempju l-GSP + il-Missjonijiet ta' Monitoraġġ, il-Kumitati Konġunti u laqgħat ad hoc. Dawn id-djalogi ma' pajjiżi individwali huma kkumplimentati minn djalogi ekwivalenti fil-livell reġjonali bejn l-UE u l-ASEAN jew l-ASEM, pereżempju.

38. Is-SEAE jaqbel mal-konklużjoni u jixtieq jiċċara li l-kwistjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem jistgħu jiġu diskussi taħt forom differenti ta' djalogi ma' msieħba fir-reġjun. Partikolarment mat-Tajlandja, il-kwistjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem huma diskussi taħt format ta' Laqgħa ta' Uffiċjali Għolja, sakemm issir l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni. Barra minn hekk, xi kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem jiġu diskussi fil-kuntest ta' sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat u diskussjonijiet tal-Manodopera mmexxija mill-Kummissjoni. Ara wkoll it-tweġiba għall-paragrafu 36 hawn fuq.

40. L-UE qed tikkoopera mal-pajjiżi kollha biex jiġi miġġieled it-traffikar tal-bnedmin kif muri permezz ta' diversi proġetti. Il-Kummissjoni u s-SEAE huma impenjati ħafna għas-sħubija UE-ASEAN u huma lesti li jkomplu jiżviluppaw il-potenzjal tagħha.

Ara wkoll it-tweġibiet għall-paragrafi 36, 38, 43 and 70.

41. Il-Kummissjoni u s-SEAE jixtiequ jikkonfermaw li l-UE tinvolvi ruħha fil-Proċess ta' Bali permezz tal-Istati Membri tagħha u l-Kummissjoni Ewropea bħala osservaturi u tkompli tivvaluta l-potenzjal ta' dan il-proċess. Il-Ministru tal-Affarijiet Barranin Netherlandiż irrappreżenta r-Rappreżentant Għoli u Viċi President tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (HRVP) fis-6 Laqgħa Ministerjali tal-Proċess ta' Bali fit-23 ta' Marzu 2016.

42. Fir-rigward tal-osservazzjoni tal-Qorti dwar il-komunità ta' esperti, il-Kummissjoni u s-SEAE jixtiequ jenfasizzaw li t-traffikar tal-bnedmin ġie ikkonsolidat bħala qasam ta' prijorità għall-UE relattivament reċentiment- fl-2009, bl-adozzjoni tad-Dokument tal-UE Orjentat lejn l-Azzjoni dwar l-aspetti esterni tat-traffikar tal-bnedmin. Matul il-perjodu inizjali, sussegwenti, saru sforzi biex tinħoloq kompetenza bħal din, eż. permezz ta' taħriġ għal persunal minn Delegazzjonijiet tal-UE u permezz ta' distribuzzjoni ta' pakketti ta' informazzjoni li kellhom x'jaqsmu ma' servizzi u d-Delegazzjonijiet kollha tal-UE.

Fid-delegazzjonijiet tal-UE, il-kwistjonijiet dwar it-traffikar tal-bnedmin normalment huma indirizzati b'mod konġunt mill-punt fokali tad-Drittijiet tal-Bniedem u mill-Kap tas-Sezzjoni Politika. Għalhekk, il-punti fokali għad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu t-traffikar tal-bnedmin, ikunu dejjem magħrufa.

Il-Kummissjoni u s-SEAE huma impenjati biex ikomplu jxerrdu l-informazzjoni u jtejbu l-fehim tal-persunal tagħhom dwar il-politika tal-UE dwar it-traffikar tal-bnedmin, li hija parti integrali tal-azzjoni strateġika globali tal-UE.

43. Meta tittieħed deċiżjoni dwar kif għandu jiġi implimentat il-mandat relatat ma' sħubijiet kontra t-traffikar tal-bnedmin, ħafna drabi l-aktar mod xieraq kien li jkun massimizzat l-użuta' djalogi politiċi eżistenti jew usa'.

Żvilupp aktar reċenti kien l-assenjar ta' Uffiċjali ta' Kollegament Ewropej fir-rigward tal-Migrazzjoni fil-pajjiżi fil-mira (eż. il-Pakistan u l-Bangladexx) kif ukoll uffiċjali dedikat tal-Europol f' Singapor, li kollha jittrattaw, fost oħrajn, it-traffikar tal-bnedmin.

46. Il-Kummissjoni ssegwi r-regoli tagħha u tittratta kull proposta bl-istess mod sabiex ikun żgurat trattament ġust u indaqs. Is-sinerġiji u l-interazzjoni ma' proġetti oħra huma indirizzati permezz ta' attivitajiet ta' koordinazzjoni mwettqa mid-Delegazzjonijiet tal-UE.

47. F'Novembru 2009, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta "Dokument Orjentat lejn l-Azzjoni dwar it-tisħiħ tad-dimensjoni esterna tal-UE dwar l-azzjoni kontra t-traffikar tal-bnedmin" (AOP). Il-Kummissjoni tixtieq tindika li l-maġġoranza kbira tal-proġetti fil-kampjun magħżul fin-Nofsinar/fix-Xlokk tal-Asja ġew iddisinjati f'perjodu qabel l-adozzjoni tal-Istrateġija tal-UE lejn il-Qerda tat-Traffikar tal-Bnedmin (2012–2016)". Barra minn hekk, għandu jiġu kkunsidrat il-fatt li l-indirizzar tat-traffikar tal-bnedmin kien biss objettiv wieħed minn ħafna f'diversi proġetti. Fl-aħħar nett, huwa importanti li wieħed jinnota, li skont l-informazzjoni minn fuq il-post, il-ħidma fuq il-komponent kriminali tat-traffikar tal-bnedmin hija aktar diffiċli għall-NGOs, li l-għażla tagħhom tmur pjuttost għal xogħol ta' prevenzjoni u protezzjoni.

48. Hemm modi differenti biex jiġu fformulati l-indikaturi u dan hu proċess kwalitattiv li l-promoturi tal-proġett itwettqu bl-aħjar għarfien tagħhom fil-mument tat-tfassil tal-proġett. Fil-kuntest tas-sejħiet għal proposti, l-għotjiet jintgħażlu permezz ta' proċedura kompetittiva li warajha jintgħażlu l-aħjar proposti. Peress li d-dejta dwar it-traffikar tal-bnedmin mhijiex disponibbli dejjem, huwa aktar diffiċli li jiġu definiti objettivi u indikaturi li jistgħu jitkejlu faċilment. Barra minn hekk, mhux l-NGOs kollha jistgħu jimpjegaw il-kittieba tal-proposti bl-ogħla ħliet, imma minkejja dan, xorta waħda jirnexxielhom jagħmlu l-attivitajiet sew u jiksbu riżultati tanġibbli.

Kaxxa 1

Fil-każ tal-proġett Philippines¹, il-Qorti tagħmel riferiment għall-objettivi kumplessivi li l-proġett jeħtieġ jikkontribwixxi biss lejhom. L-objettivi speċifiċi li l-proġett jeħtieġ li jilħaq huma speċifiċi kif xieraq u l-indikatur biex tiġi stabbilita linja bażi ta' studju dwar l-istat ta' implimentazzjoni tal-liġijiet rilevanti jista' jitkejjel.

Fuq Bangladesh⁵, il-Kummissjoni tixtieq tinnota li għalkemm l-indikaturi tanġibbli inizjalment kienu dgħajfa, aktar tard ġew introdotti bidliet mid-Delegazzjoni tal-UE fil-qafas loġiku. L-introduzzjoni ta' objettivi SMART xierqa u indikaturi RACER appoġġaw id-Delegazzjoni biex tkejjel ir-riżultati aħjar, kemm b'mod kwantitattiv kif ukoll kwalitattiv, fil-valutazzjoni tan-narrativa finali u fir-rapporti finanzjarji. Il-proġett irnexxielu jikseb l-eżiti u l-outputs ippjanati.

F'dak li għandu x'jaqsam India¹, kienet disponibbli stima tal-kost medju tal-emigrazzjoni meta ġiet ippreżentata l-proposta, ibbażat fuq studju simili li sar fl-2008 minn aġenzija oħra. Barra minn hekk, ma kienx hemm biżżejjed informazzjoni aneddotali disponibbli dwar d-dejn li jiffaċċjaw il-migranti u l-familji tagħhom minħabba l-kostijiet għolja tal-migrazzjoni, speċjalment permezz tal-aġenziji ta' reklutaġġ u l-intermedjarji mingħajr skrupli, biex l-indikatur propost u l-attivitajiet korrispondenti jkunu rilevanti.

Filwaqt li huwa korrett li l-istħarriġ komprensiv finali ma setax jitwettaq skont kif ippjanat minħabba r-riżorsi u l-limitazzjonijiet loġistiċi, ġew organizzati laqgħat ta' interazzjonijiet/reazzjonijiet ma' gruppi iżgħar biex jiġi vvalutat l-impatt. Għalhekk, indikatur dwar il-kostijiet tal-emigrazzjoni huwa sinifikanti u ħafna pajjiżi għandhom politiki biex inaqqsu l-kost li għanu jitħallas lil aġenziji li huma ta' piż fuq il-migranti għal skop ta' xogħol foqra.

49. Il-Kummissjoni taqbel li studji ta' xenarju ta' referenza mhux dejjem huma essenzjali jew effettivi.

50. Il-Kummissjoni tixtieq tisħaq, li hemm limitazzjonijiet fit-tibdil tal-qafas loġiku. Huwa ferm diffiċli li jiġu definiti indikaturi fil-qasam tat-traffikar tal-bnedmin u t-tibdil tal-qafas loġiku jeħtieġ li jkun miftiehem mal-benefiċjarji tal-għotja. Tibdiliet għal ċerti indikaturi jistgħu jeħtieġu baġit addizzjonali, li ma jkunx disponibbli, u għalhekk ma jkunx jista' jintlaħaq ftehim.

(A) Fil-każ ta' Indonesia¹, il-Kummissjoni tixtieq tinnota li, filwaqt li evalwazzjonijiet individwali huma diskussi fi ħdan l-evalwazzjoni, il-kummenti speċifiċi tal-evalwaturi ma jeħtiġux li jkunu integrati bis-sħiħ fir-rapport ta' evalwazzjoni. Waqt l-istadju kontraenti, il-Maniġer tal-Proġett

jikkonsulta d-dokumenti tal-evalwazzjoni individwali biex jivverifika d-dgħufijiet u l-punti pożittivi tal-proġett li jistgħu jiġu indirizzati fi ħdan ir-regoli applikabbli (Proċeduri u gwida Prattika - PRAG). Madankollu, il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-valutazzjoni tal-indikaturi, iżda tinnota wkoll li l-proġett kien proġett żgħir b'ammont żgħir ta' fondi mill-UE (EUR 99.000) u durata qasira (18-il xahar).

Il-proġett Philippines2 intgħażel permezz ta' proċedura kompetittiva (Sejħa għal Proposti) u l-proposta ġiet eżaminata abbażi kemm tal-punti pożittivi kif ukoll abbażi tad-dgħufijiet fit-tfassil tagħha (inklużi l-oġettivi u l-qafas loġiku). Fil-fatt, fil-PRAG Taqsima 6.5.10.2 "L-awtorità kontraenti tista' tiddeċiedi li jistgħu jsiru kjarifiki jew korrezzjonijiet minuri oħra fid-deskrizzjoni tal-azzjoni jew fil-baġit sakemm dawn ma jifgħux dubju fuq id-deċizzjoni tal-għoti tal-għotja, ma jmorrux kontra t-trattament ugwali tal-applikanti". Madankollu, fil-każ ta' Philippines2 it-tibdil fil-partijiet tad-dokument seta' wassal għal kunflitt fit-trattament indaqs tal-applikanti. Dan il-proġett intgħażel peress li kien aħjar meta mqabbel ma' oħrajn fl-istess sejħa għall-proposti.

(c) Dwar il-proġett Nepal3, ir-rapport tal-evalwazzjoni finali (paġna 20), jiddikjara li l-proġett stabbilixxa l-valur bażi għall-indikaturi identifikati fil-qafas loġiku. Barra minn hekk, semma' wkoll li l-qafas loġiku hu fformulat sew u li l-biċċa l-kbira tal-indikaturi u l-miri huma ċari.

51. Dwar il-proġett Bangladesh5, għalkemm l-indikaturi tanġibbli ġew formalment introdotti tard fil-qafas loġiku, il-proġett irnexxielu jikseb l-eżiti u l-outputs ippjanati. L-introduzzjoni ta' oġettivi SMART xierqa u indikaturi RACER appoġġaw id-Delegazzjoni biex ikejlu r-riżultati aħjar, kemm b'mod kwantitattiv kif ukoll kwalitattiv, fil-valutazzjoni tan-narrativa finali u fir-rapporti finanzjarji.

52.

(a) Rigward Bangladesh1; iż-żewġ oqsma tat-tfassil tal-proġett setgħu kienu ambizzjużi; madankollu, ġew identifikati azzjonijiet ta' mitigazzjoni, bħal: xogħol filgħodu kmieni meta l-elettriku kien disponibbli u bl-użu offlajn tal-baży tad-dejta (mingħajr aċċess għall-internet, iżda b'aċċess għall-elettriku). Għalkemm dan wassal għal dewmien inizjali, il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li, wara t-tmiem taċ-ċiklu tal-proġett, il-baży tad-dejta għaddiet f'idejn il-Ministeru tal-gvern lokali u l-kooperattivi. Il-baży tad-dejta ġiet inkorporata fis-sit web tal-gvern lokali, u l-użu tiegħu sar parti mit-taħriġ għal programm ta' riforma tal-gvern lokali. Dan juri li l-proġett irreaġixxa tajjeb għad-diffikultajiet tal-bidu.

Il-Kummissjoni taqbel li l-proġett India1 kien ambizzjuż iżżejjed bħala wieħed li qed jiġi implimentat f'ambjent ta' politika li jista' jkun ikkomplikat ferm u fejn il-leġiżlazzjoni tiegħu ż-żmien biex issir. Madankollu, meta ġiet evalwata l-proposta, ir-riskju kien magħruf u l-valutazzjoni kienet li l-lobbying u l-isforzi ta' appoġġ tal-proġett kienu se jkunu ta' valur u eventwalment kienu se jikkontribwixxu għal politiki aħjar. Fil-fatt, il-proġett irriżulta f'għadd ta' inizjattivi fuq livell ta' politika, bħall-unità ta' programm ta' taħriġ ta' qabel it-tluq żviluppata mill-proġett u inkorporata fil-programm ta' orjentazzjoni qabel it-tluq tal-istat ta' Tamilnadu għall-migranti b'ħiliet baxxi mill-Uffiċċju tal-Protettur tal-Emigranti. Uffiċjali tal-ambaxxata Indjani fl-istati tal-Golf saru aktar proattivi u reattivi fil-protezzjoni tal-migranti f'diffikultà, inklużi l-interventi f'pajjiżi ospitanti fil-Golf biex ikun żgurat ir-ritorn sikur tal-Indjani mitlufin u l-prosekuzzjoni ta' Aġenzija frodulenti ta' Reklutaġġ.

L-istudju li sar minn dan il-proġett: 'Xi ħaġa hi aħjar mix-xejn: It-tisħiħ tal-ħarsien tal-ħaddiema migranti Indjani permezz ta' ftehimiet bilaterali u l-Memorandum ta' Qbil (MtQ)', kellu effett multiplikatur. Dan qabad l-art fost l-Istati Membri tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u, b'riżultat ta' dan, numru ta' gvernijiet tan-Nofsinhar tal-Asja organizzaw taħriġ għall-persunal tekniku tagħhom dwar kif jabbozzaw MtQ, permezz tal-imsieħeb fil-proġett. L-iffirmar ta' MtQ

bejn l-Indja u l-Arabja Sawdija fuq il-ħaddiema li jagħtu servizz domestiku jista' jiġi attribwit ukoll għal politika ta' promozzjoni appoġġata mill-proġett.

54. Ħafna proġetti ġew implimentati f'ambjenti politiċi u lokali diffiċli u l-ġestjoni tal-proġetti teħtieġ li tiġi aġġustata għar-restrizzjonijiet lokali u huwa normali li jkun hemm dewmien minħabba sitwazzjonijiet speċifiċi.

Minn perspettiva ġenerali, il-Kummissjoni tixtieq iżżid, li l-proġetti huma mfassla mill-applikanti skont l-għarfien tagħhom ferm qabel l-implimentazzjoni. L-indirizzar tat-traffikar tal-bnedmin huwa politikament sensitiv f'ħafna pajjiżi u ħafna drabi huma meħtieġa aġġustamenti skont il-bidla fis-sitwazzjoni f'pajjiż. Xi attivitajiet fil-qasam tat-traffikar tal-bnedmin bħal għajjnuna għall-vittmi mhumiex sostenibbli per se, iżda f'xi pajjiżi madankollu huwa importanti li dawn l-attivitajiet ikunu sostnuti peress li m'hemmx mekkaniżmi ta' appoġġ alternattivi u b'hekk il-vittmi jitħallew mingħajr appoġġ. Id-Delegazzjonijiet tal-UE jindirizzaw is-sostenibbiltà fl-interazzjonijiet kollha tagħhom mal-imsieħba fl-implimentazzjoni, iżda mhux id-diskussjonijiet kollha huma dokumentati.

55. Inġhataw estensjonijiet ta' proġetti biex jiżguraw il-kisba ta' riżultati u biex jikkumpensaw għal sitwazzjonijiet speċifiċi, f'konformità mal-prattika ta' ġestjoni tajba tal-proġetti.

56. Hija Prattika komuni li l-kalendarju tal-attivitajiet ikun aġġustat mill-ġestjoni tal-proġett skont it-tibdil fis-sitwazzjoni lokali u r-rekwiżiti tal-imsieħba.

Kaxxa 2

Rigward Cambodia², il-bidla zġhira f'din is-sekwenza ma tistax awtomatikament titqies bħala li għandha impatt negattiv fuq l-effikaċja tal-proġett. B'mod partikolari l-għoti tat-tieni taħriġ għall-ġurnalisti fl-aħħar semestru bbenefika mill-eżekuzzjoni sħiħa tal-attività tar-rieżami tal-istampa kif ipplanat.

Fir-rigward tal-proġett India², il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li d-dewmien imsemmi kien lil hinn mill-kompetenza tal-UE u li l-UE ma kinitx f'pożizzjoni li tintervjeni. L-esperjenza tad-Delegazzjoni tal-UE fil-ħidma tagħha ma' aġenziji tal-Gvern, hija li l-proċeduri formali ta' spiss jirriżultaw f'dewmien fit-tul. Bħala lezzjoni meħuda, id-Delegazzjoni llimitat l-eliġibbiltà tal-applikanti għal Sejħiet għal Proposti tematiċi sussegwenti fl-Indja għall-NGOs biss u eskludiet in-NU u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra. L-organizzazzjonijiet tal-aħħar jirrikjedu approvazzjoni minn qabel mill-ministeri nodali tagħhom, formalità li rament tasal fil-ħin.

57. L-azzjonijiet li jindirizzaw il-kwistjonijiet tat-traffikar tal-bnedmin huma xi kultant meħtieġa fid-dawl tan-nuqqas ta' impenn mill-Gvern biex tiġi indirizzata l-problema u biex jiġu appoġġati l-vittmi. Għalhekk, f'ċerti każijiet hu meħtieġ li tiġi involuta s-soċjetà ċivili biex tbiddel din is-sitwazzjoni u tinħoloq aktar appartenenza nazzjonali.

B'konsegwenza ta' dan, il-maniġment tal-proġett jeħtieġ li jadatta għat-tip u għall-iskeda tal-attivitajiet għall-bżonnijiet li jinbidlu skont is-sitwazzjoni speċifika.

Kaxxa 3

Fuq il-proġett Bangladesh¹, il-Kummissjoni tixtieq tindika, li l-attivitajiet ta' taħriġ kienu tabilħaqq kondizzjonali fuq l-istallazzjoni u l-attivazzjoni ta' softwer li kellu jaqbel miegħu il-gvern tal-Bangladexx. Minkejja diversi estensjonijiet ta' kuntratti, is-softwer ma setax jiġi stallat jew attivat qabel tmiem il-proġett; għalhekk, minkejja sforzi konġunti mis-sħab u mid-Delegazzjoni tal-UE, ma setax jingħata taħriġ dwar kif jintuża dan is-softwer lill-uffiċjali. Madankollu, ftit wara tmiem il-proġett, is-softwer għar-reġistrazzjoni tat-tfal (softwer tal-migrazzjoni LINK) ġie inkluż fis-softwer tal-Gvern Lokali (LGSP-2), li huwa proġett ieħor iffinanzjat mill-Gvern tal-Bengal tal-Punent. Il-Gvern il-ġdid kien se jibda t-taħriġ tal-uffiċjali responsabbli mis-softwer.

F'dak li għandu x'jaqsam ma' Indonesia¹, il-Kummissjoni tixtieq tinnota li l-proġett irnexxielu jiltaqa' mal-partijiet ikkonċernati mill-aġenziji governattivi rilevanti permezz ta' laqgħat organizzati mill-Ministeru għall-Emanċipazzjoni tan-Nisa u għall-Protezzjoni tat-Tfal, li kien qed imexxi l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali. Innutat ukoll, li l-aġġustament li sar fl-attivitajiet ma xekklix il-kisba tal-oġġettivi tal-proġett.

Il-Kummissjoni tixtieq tiċċara li fuq il-proġett Myanmar¹ kienu saru attivitajiet fi sfidi operazzjonali fit-tliet reġjuni b'minoranza etnika b'livell għoli ta' faqar u f'kunflitt etniku mal-gvern tal-Mjanmar. Sfida oħra kienet ir-reżistenza mill-awtoritajiet lokali (Namkham u Hpa An). Barra minn hekk, matul it-tieni sena, l-attivitajiet ġew interrotti mill-elezzjoni nazzjonali u mill-formazzjoni ta' gvern ġdid. B'hekk, ħafna mill-attivitajiet ma setgħux jiġu organizzati fuq bażi regolari, eż. attivitajiet rikreattivi. Minħabba l-livelli differenti ta' impenn ta' komunitajiet, il-kollaborazzjoni tal-awtoritajiet lokali, u s-sitwazzjoni tas-sigurtà, it-33 Grupp għall-Protezzjoni tat-Tfal kienu għaddejjin b'kapaċitajiet differenti fi bliet differenti. Minkejja dan kollu, l-implimentazzjoni kumplessiva kienet sodisfaċenti.

Rigward India¹, meta wieħed iqis l-ambjent fejn issir il-politika, dejjem hemm ir-riskju li l-politika/leġislazzjonijiet mistennija ma jitwettqux matul il-perjodu tal-proġett. Dan huwa riskju li ż-żewġ organizzazzjonijiet implimentattivi u d-Delegazzjoni huma konxji tiegħu, u li konxjament jieħdu, bil-ħsieb f'moħħhom li l-isforz tal-proġetti x'aktarx ikollu impatt pożittiv u eventwalment jikkontribwixxi biex jinfluwenza t-tfassil tal-politika fuq medda twila ta' żmien, anki jekk mhux fil-futur immedjat. Il-proġett serva għal ħafna lobbying u promozzjoni ma' dawk li jfasslu l-politika — gvernijiet, parlamentari, eċċ.

58. L-estensjonijiet tal-proġett ingħataw fil-każijiet kollha biex jinkisbu r-riżultati ppjanati u tiġi żgurata sostenibbiltà aħjar. Jekk tiġi individwata sopravalutazzjoni tal-baġit fl-istadju tal-ikkuntrattar, se jiġu mnegozjati xi tibdiliet.

(a) Fil-każ tal-proġett Regional¹, il-Kummissjoni tixtieq tişhaq, li l-fatturi esterni ħallew impatt fuq l-implimentazzjoni u l-kapaċità ta' assorbiment tal-proġett, u anqas fuq il-kapaċità tal-imsieħba lokali:

i) Il-Gvern Indjan daħħal regoli ġodda dwar il-wasla u l-ġestjoni ta' finanzjament barrani minn NGOs Indjani. Sussegwentement, l-NGOs kellhom ifasslu strateġija ġdida u jirriorganizzaw kif jaslu il-fondi barranin u kif jiġu kkanalizzati b'konformità mar-regoli l-ġodda. Barra minn hekk, il-bidliet fl-istruttura tal-imsieħba u dik maniġerjali rriżultaw fi proċess twil ta' djalogu u diskussjoni mad-Delegazzjoni tal-UE. Mhux it-tibdiliet proposti kollha kienu aċċettabbli skont ir-regoli tal-UE u l-proċess kollu kien ħa ż-żmien li wassal għal dewmien fl-implimentazzjoni. Il-kapaċità kumplessiva tal-proġett għall-implimentazzjoni u għall-infiq konsegwentement naqset.

(ii) Estensjoni mingħajr kost mitluba mill-proġett biex tagħmel tajjeb għad-dewmien imsemmi hawn fuq ġiet irrifjutata mid-Delegazzjoni tal-UE - peress li xi wħud mill-arranġamenti proposti ma kinux konformi mal-proċeduri rilevanti. Din kellha impatt ultejuri fuq il-livell ta' eżekuzzjoni.

(b) Rigward India³, iż-żieda tal-kontribuzzjoni tal-Istat kienet żvilupp pożittiv u hija mistennija li tikkontribwixxi għas-sostenibbiltà tal-proġett. Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-proġett ingħata estensjoni mingħajr kost ta' sena, biex jiġu implimentati attivitajiet li ġew imdewma għal raġunijiet politiċi. Importanti wkoll li wieħed jinnota li n-nuqqas ta' nfiq tal-proġett seħħ fil-bidu tal-proġett u dan ġie indirizzat hekk kif il-proġett kompli jagħmel progress.

(c) Rigward il-proġett Regional², il-proġett kellu bżonn l-ewwel estensjoni għal żewġ raġunijiet: il-proċedura fit-tul għall-kisba tal-permessi biex isir xogħol ma' "djar tal-kenn immexxija mill-gvern"

u d-dewmien fir-ripatrijazzjoni tal-vittmi, peress li l-biċċa l-kbira tal-vittmi kellhom joqgħodu xhud fil-qrati, proċess ieħor li jieħu ż-żmien.

It-tieni estensjoni kienet miftiehma hekk kif il-proġett kellu l-opportunità li jkabbar l-iskala tal-attivitajiet fuq il-bażi tad-domanda minn gvernijiet statali oħra u li kkontribwixxew għas-suċċess u r-replikabilità tal-proġett. Minħabba d-disponibbiltà tal-fondi bil-proġett, l-UE kkunsidrat li tkun opportunità tajba li l-azzjoni tissaħħaħ aktar.

60. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li dan ikkontribwixxa għall-iżvilupp pożittiv.

61. Filwaqt li l-Kummissjoni taqbel li huwa diffiċli li jkun hemm rabta bejn il-proġetti speċifiċi u t-titjib kumplessiv dwar it-traffikar tal-bnedmin, huwa ċar li t-taħlita ta' djalogu politiku, promozzjoni u azzjonijiet kumplimentari ma' atturi lokali importanti ħolqot momentum li wassal għal bidliet f'diversi pajjiżi.

64. Id-Delegazzjonijiet tal-UE jipprovaw jorbtu l-proġetti tal-UE ma' inizjattivi oħra tal-msieħba tal-iżvilupp u ma' sforzi tal-gvern fuq bażi regolari.

Kaxxa 4

Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza l-importanza mogħtija lill-ġlieda kontra s-Sajd Illegali Mhux Irrapportat u Mhux Irregolat (IUU). L-azzjonijiet tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward huma bbażati fuq l-implimentazzjoni tar-Regolament IUU tal-UE li jipprevedi, fost oħrajn, il-possibbiltà li jkun hemm kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi f'oqsma li jappartjenu għall-implimentazzjoni tiegħu.

Fil-21 ta' April 2015, il-Kummissjoni nnotifikat lit-Tajlandja dwar il-possibbiltà li tiġi identifikata bħala pajjiż li ma jikkooperax fil-ġlieda kontra s-sajd IUU. Din id-deċiżjoni ttieħdet b'riżultat ta' analiżi dettaljata u sensiela ta' diskussjonijiet mal-awtoritajiet tat-Tajlandja mill-2011 'il quddiem. Huwa importanti li jiġi enfasizzat, li din id-deċiżjoni ttieħdet fid-dawl tal-konklużjonijiet li ntlaħqu mill-Kummissjoni dwar in-nuqqas tat-Tajlandja li taqdi l-obbligi tagħha skont il-liġi internazzjonali bħala Stat tal-bandiera, tal-port, kostali jew tas-suq u li tiegħu azzjoni biex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd IUU.

Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li politki ta' kontroll tas-sajd effettivi u oqfsa ta' politika effiċjenti u effiċjenti biex jiġġieldu l-prattiki tas-sajd illegali jistgħu jappoġġaw indirettament u għalhekk jista' jkollhom effetti pożittivi f'dak li għandu x'jaqsam mar-rispett lejn il-kundizzjonijiet u l-istandards tax-xogħol, it-tnaqqis tax-xogħol furzat, it-tħaddim tat-tfal u forom inaċċettabbli oħra ta' xogħol.

65. Il-Kummissjoni għamlet mill-aħjar li tista' biex tiżgura s-sostenibbiltà, minkejja li sitwazzjonijiet lokali ħżiena u n-nuqqas ta' finanzjament alternattiv għamluha impossibbli li jitkomplew l-attivitajiet kollha.

Peress li l-UE ma tistax tipprovdi fondi għall-għajnuna tal-vittmi jew ħtiġijiet oħrajn kontinwi b'mod permanenti, is-sostenibbiltà tiddependi fuq l-ġhoti ta' fondi oħra minn sħab oħra tal-iżvilupp jew gvernijiet nazzjonali, fattur li jmur lil hinn mill-kontroll tal-UE.

Kaxxa 5

Rigward Nepal1, l-UE ma għandha l-ebda kontroll fuq id-deċiżjonijiet tal-NGOs li jbiddu l-ambitu tax-xogħol tagħhom, li sa ċertu punt jiddependi fuq id-disponibbiltà ta' finanzjament permezz ta' għotjiet. Għandu jiġi nnutat li sieħeb wieħed tal-proġett Nepal1 tabilħaqq irnexxielu jkompli l-attività, grazzi għal finanzjament ieħor. Minkejja li s-sieħeb ewlieni ma għadux jaħdem fit-tliet distretti, is-sieħeb lokali kien mogħti s-setgħa li jagħmel hekk. Dan għandu jingħadd bħala impatt pożittiv immirat minn kwalunkwe proġett implimentat permezz ta' NGO internazzjonali, partikolarment it-tisħiħ tal-bini ta' kapaċità ta' organizzazzjoni lokali jew fil-livelli l-aktar bażiċi

għas-sostenibbiltà. Sieħeb lokali u gruppi lokali komplew l-attivitajiet introdotti u mogħtija bidu mill-proġett b'kull mod possibbli u suġġett għad-disponibbiltà ta' appoġġ.

Rigward India², ir-riżorsi ta' proprjetà komuni tal-Panchayats ingħataw lill-gruppi tan-nisa li jgħinu lilhom infushom biex imexxu ċ-ċentri tal-azzjoni u l-attivitajiet oħra ta' għajxien, li għandhom ikomplu wara l-proġett, u jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà kemm istituzzjonali u kemm dik finanzjarja. Ġew stabbiliti rabtiet suffiċjenti bejn il-pulizija u l-panchayat u l-gruppi tan-nisa, li għandhom jiġu sostnuti wkoll wara tmiem il-proġett.

Rigward Bangladexx³, id-Delegazzjoni tal-UE qed issegwi mill-qrib is-sitwazzjoni tar-refuġjati Rohingya, madankollu, ma nstabet l-ebda sitwazzjoni politika sostenibbli bejn il-gvernijiet involuti, fattur li jmur lil hinn mill-kontroll tal-UE.

66. Id-Delegazzjonijiet tal-UE jiddiskutu u jimmonitorjaw is-sostenibbiltà matul l-interazzjonijiet tagħhom ma' dawk li jimplementaw il-proġett. Madankollu, dawk li jirċievu l-għotja huma kompletament responsabbli għall-azzjonijiet tagħhom stess (għaldaqstant anki f'dak li għandu x'jaqsam mas-sostenibilità u l-ġestjoni ta' proġetti), li normalment ikunu kofinanzjati minnhom.

KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDEZZJONIJIET

68. Is-SEAE u l-Kummissjoni jaqblu mal-Qorti li t-traffikar tal-bnedmin huwa proċess kumpless u fit-tul li permezz tiegħu iridu jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin. Madankollu, il-faqar, li ssemmi l-Qorti fl-osservazzjonijiet tagħha, għandu jitqies ukoll bħala fattur importanti ħafna mill-kawżi sottostanti. L-UE, permezz tad-djalogi politiċi u l-istrumenti ta' assistenza tagħha bla dubju għenet lill-pajjiżi tan-Nofsinhar u tax-Xlokk tal-Asja biex jittrattaw it-traffikar tal-bnedmin. Dan jista' jidher mill-kwalità progressiva ta' djalogi ma' dawn il-pajjiżi dwar il-kwistjoni u mill-miżuri li ħafna minnhom qegħdin jieħdu. Madankollu, huwa ċar li għalkemm is-sitwazzjoni tjiebet, it-traffikar tal-bnedmin ma nqeridx u hija meħtieġa azzjoni kontinwa.

69. Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li, għalkemm mhijiex mitluba legalment, irrapportat sostanzjalment dwar l-azzjonijiet imwettqa taħt l-Istrateġija u mmonitorjat mill-qrib il-progress li sar permezz ta' rapporti u studji, kif rilevanti. F'dan ir-rigward, hemm Rapport ta' nofs it-terminu dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE lejn il-Qerda tat-Traffikar tal-Bnedmin (COM (2014) 635 finali). Filwaqt li mhijiex mitluba legalment mill-Kummissjoni, hija kkontribwixxiet biex tivvaluta l-progress li sar biex tiġi implimentata l-Istrateġija.

B'mod partikolari, taqsima waħda tar-rapport ta' nofs it-terminu hija ddedikata għall-passi li ttieħdu sa mill-2012 taħt id-Dokument Orjentat lejn l-Azzjoni (DOA) tal-2009 dwar it-tisħiħ tad-dimensjoni esterna tal-UE dwar l-azzjoni kontra t-traffikar tal-bnedmin.

Barra minn hekk, l-ewwel rapport tal-Kummissjoni dwar il-progress li sar fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin [COM(2016) 267 finali] u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanjaha [SWD(2016) 159 finali], jinkludi firxa ta' informazzjoni dwar l-azzjonijiet u r-riżultati mogħtija wkoll fil-kuntest tal-Istrateġija tal-UE Kontra t-Traffikar.

Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li xi rapporti u riżultati indikattivi relatati mal-Istrateġija tal-UE Kontra t-Traffikar saru pubblikament disponibbli fuq is-sit web kontra t-traffikar tal-Kummissjoni:

- Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Rapport ta' nofs it-terminu dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE lejn il-Qerda tat-Traffikar tal-Bnedmin (Brussell, 17.10.2014, DĦP(2014) 318 finali).
- Rapport dwar il-progress li sar fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin (2016) kif meħtieġ skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi, Brussell, 19.5.2016 COM(2016) 267 finali u d-Dokument ta'

Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni ta' Akkumpanjament (Brussell, 19.5.2016 SWD(2016) 159 finali (mhux disponibbli bil-Malti).

- Ir-Rapport tal-Kummissjoni li jivvaluta l-punt sa fejn l-Istati Membri jkunu ħadu l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw mad-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi f'konformità mal-Artikolu 23(1), (COM(2016) 722).
- Ir-Rapport tal-Kummissjoni li jivvaluta l-impatt tal-liġi nazzjonali eżistenti, li jistabbilixxi bħala reat kriminali l-użu ta' servizzi li huma l-oġġett tal-isfruttament tat-traffikar tal-bnedmin, fuq il-prevenzjoni tat-traffikar tal-bnedmin, skont l-Artikolu 23 (2) tad-Direttiva 2011/36/EU COM(2016) 719.

Fil-fatt, ir-riżultati kollha inklużi fl-Istrateġija saru pubbliċi, kif rilevanti, fuq is-sit web kontra t-traffikar tal-Kummissjoni (<http://ec.europa.eu/anti-trafficking/>), bħall-istudju dwar ir-rieżami tal-politika ta' kontra t-traffikar komprensiva tal-proġetti ffinanzjati mill-Kummissjoni Ewropea (2016), kif ukoll għadd ta' studji rilevanti oħra.

70. Is-SEAE jixtieq jenfasizza li t-triq ta' sħubijiet iddedikati għat-traffikar tal-bnedmin tgħaddi dejjem aktar minn djalogi kostruttivi mal-pajjiżi, u l-formati reġjonali bħall-ASEAN u l-ASEM, dwar kwistjonijiet usa' tad-drittijiet tal-bniedem u/jew l-ġhajjnuna għall-kooperazzjoni, li fi hdnhom bħalissa qed jiġu diskussi kwistjonijiet dwar it-traffikar tal-bnedmin. Huwa proċess li jeħtieġ iż-żmien, ir-riżorsi u kooperazzjoni b'saħħitha mal-kontropartijiet fir-reġjun.

Huwa xieraq li jiġi mfakkar li, minħabba n-natura trasversali tat-traffikar tal-bnedmin, huwa loġiku li dan jiġi indirizzat f'kuntest usa' u li jiġu applikati politiki u strumenti tal-UE usa', pereżempju li jindirizzaw id-drittijiet tal-bniedem, it-tnaqqis tal-faqar, appoġġ għall-istat tad-dritt, il-ġestjoni tal-fruntieri, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata jew il-ġestjoni tal-migrazzjoni, kif innutat fir-rapport tal-Qorti. Il-ħidma f'dawn l-oqsma tindirizza multitudni ta' kawżi sottostanti u fatturi ta' spinta wara t-traffikar tal-bnedmin u għalhekk l-indirizzar tagħhom huwa kruċjali.

Rakkomandazzjoni 1

Il-Kummissjoni u s-SEAE jaċċettaw ir-rakkomandazzjoni. B'mod partikolari, ir-rakkomandazzjoni li tiġi proposta lill-Kunsill lista aġġornata ta' prijoritajiet potenzjali (jew ġeografiċi jew tematiċi) se tiġi kkunsidrata fl-iżvilupp ta' qafas ta' politika wara l-2016 u interventi relatati mat-traffikar tal-bnedmin.

Din il-bażi strateġika se tiġi applikata meta jitqiesu l-oġġettivi u l-miri għal proġetti fir-reġjun dwar it-traffikar tal-bnedmin, fi hdn il-preparazzjoni għaċ-ċiklu ta' programmazzjoni finanzjarja li jmiss fl-2019. Il-linji gwida operazzjonali ta' akkumpanjament se jirriflettu l-oġġettivi u l-miri riveduti. Barra minn hekk, fl-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR), l-isforzi biex jinqered it-traffikar tal-bnedmin jistgħu jiġu stabbiliti bħala waħda mill-prijoritajiet tal-programm fin-Nofsinhar/fix-Xlokk tal-Asja.

Il-Kummissjoni u s-SEAE se jfittxu enfasi aktar qawwija fuq it-traffikar tal-bnedmin fi hdn id-djalogi li għaddejjin ma' pajjiżi individwali, pereżempju dwar id-Drittijiet tal-Bniedem iżda wkoll f'politiki oħra rilevanti. Ir-rapportar politiku u tekniku eżistenti se jiġi msaħħaħ kif xieraq.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni se tagħmel użu sħiħ tad-dokument tal-persunal konġunt "L-attivitajiet tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tan-nisa fir-relazzjonijiet esterni tal-UE", li jinkludi t-traffikar tal-bnedmin tan-nisa u l-bniet, u jippreżenta indikaturi u eżempji ta' attivitajiet pożittivi.

71. Il-Kummissjoni tfakkar fid-diffikultà u s-suġġettività fil-formulazzjoni ta' oġġettivi speċifiċi u indikaturi, minħabba d-disponibbiltà limitata ta' dejta kif ukoll il-qasam diffiċli ta' intervent li

jittratta l-attivitajiet illegali ta' spiss marbuta mal-kriminalità organizzata. Il-biċċa l-kbira tad-dgħufijiet ġew indirizzati meta ġew skoperti mid-Delegazzjoni rilevanti f'konformità mal-proċeduri tal-UE applikabbli dakinhar. Kważi l-proġetti kollha kienu implimentati mill-NGOs u kwalunkwe reviżjoni tal-kuntratti tal-proġetti teħtieġ il-qbil tal-NGOs li jista' jkollhom fehmiet differenti. Huwa importanti li jiġi ripetut li l-maġġoranza tal-proġetti kisbu riżultati tajbin minkejja xi dgħufijiet ta' kultant fl-indikaturi.

Fl-aħħar nett, dwar is-sinerġiji bejn il-proġetti u għodod oħrajn, is-SEAE u l-Kummissjoni jixtiequ jisħqu li d-djalogi politiċi tal-UE dwar it-traffikar tal-bnedmin jibbenefikaw ħafna mill-proġetti ta' assistenza tal-UE dwar it-traffikar tal-bnedmin. Dan kien proċess ta' rinfurzar reċiproku.

72. Il-Kummissjoni hi sodisfatta bil-valutazzjoni pożittiva tal-Qorti rigward il-monitoraġġ tal-proġetti u filwaqt li taqbel li huwa diffiċli li jkun hemm rabta bejn il-proġetti speċifiċi u t-titjib kumplessiv dwar it-traffikar tal-bnedmin, huwa ċar li t-taħlita ta' djalogu politiku, promozzjoni u azzjonijiet kumplimentari ma' atturi lokali importanti ħolqot momentum li wassal għal bidliet f'diversi pajjiżi.

Fir-rigward tal-appartenenza nazzjonali limitata, l-azzjonijiet fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin huma xi kultant meħtieġa fid-dawl tan-nuqqas ta' impenn mill-gvern biex tiġi indirizzata l-problema u biex jiġu appoġġati l-vittmi. Għalhekk, f'ċerti każijiet hu meħtieġ li tiġi involuta s-soċjetà ċivili biex tbiddel din is-sitwazzjoni u tinholq aktar appartenenza nazzjonali.

Il-Kummissjoni tagħmel kull sforz biex tiżgura s-sostenibbiltà tal-proġetti. Madankollu, xi attivitajiet, bħal għajjnuna lill-vittmi jeħtieġu finanzjament li ħafna drabi ma jkunx ipprovdut biżżejjed mill-gvernijiet fattur li jmur lil hinn mill-kontroll tal-UE.

Rakkomandazzjoni 2

Il-Kummissjoni u s-SEAE jaċċettaw ir-rakkomandazzjoni sa fejn jidħlu l-pajjiżi awditjati. Il-Kummissjoni u s-SEAE jqisu l-miżuri kollha elenkati mill-Qorti tal-Ġustizzja bħlala rilevanti ħafna. Se ssir aktar u aktar enfasi fuq dawn il-passi operazzjonali fit-tnejn u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet fil-qasam tat-traffikar tal-bnedmin f'pajjiżi u reġjuni prijoritarji potenzjali fin-Nofsinar/fix-Xlokk tal-Asja.

Avveniment	Data
Adozzjoni tal-APM / Bidu tal-awditu	15.3.2016
L-abbozz tar-rapport jintbagħat uffiċjalment lill-Kummissjoni (jew lil parti awditjata oħra)	16.3.2017
Adozzjoni tar-rapport finali wara l-proċedura kontradittorja	2.5.2017
Ir-risposti uffiċjali tal-Kummissjoni (jew ta' parti awditjata oħra) riċevuti bil-lingwi kollha	8.6.2017

©Unjoni Ewropea, 2017

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata, dment li s-sors jiġi rikonoxxut.

Għal kull użu jew riproduzzjoni tal-**Mappa 1**, irid jintalab il-permess direttament mingħand id-detentur tad-drittijiet tal-awtur.

It-traffikar tal-bnedmin ġie identifikat bħala theddida ewlenija għall-UE, li hija impenjata li tiġġieled kontrih kemm fi ħdan il-fruntieri tagħha kif ukoll lil hinn minnhom. L-awditu eżamina kemm l-approċċ tal-UE kien komprensiv f'dan ir-rigward, u jekk il-proġetti tal-UE kkontribwewx b'mod effettiv għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja. Il-qerda tat-traffikar tal-bnedmin huwa proċess li neċessarjament jieħu fit-tul, u jirrikjedi li l-kawżi ewlenin jiġu indirizzati u li n-netwerks kriminali jiġu sfaxxati. Fid-dawl ta' dan, aħna sibna li l-UE kienet parzjalment effettiva fl-appoġġ li tat għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja. Aħna nagħmlu rakkomandazzjonijiet għall-iżvilupp ulterjuri tal-qafas strateġiku kontra t-traffikar tal-bnedmin u għall-ottimizzazzjoni tal-impatt tal-proġetti, bl-integrazzjoni tagħhom f'qafas komprensiv.

40
1977-2017



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors